17.4.2024 A9-0147/ 001-548

**EMENDI 001-548**
mill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

**Rapport**
**Barbara Thaler, Dominique Riquet** **A9-0147/2023**
In-network trans-Ewropew tat-trasport

Proposta għal regolament (COM(2021)0812 – C9-0472/2021 – 2021/0420(COD))

---

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli[15] u Intelliġenti tistabbilixxi l-objettivi intermedji biex turi t-triq tas-sistema Ewropea tat-trasport lejn il-kisba tal-objettivi ta' mobbiltà sostenibbli, intelliġenti u reżiljenti. Hija tipprevedi li t-traffiku tal-merkanzija bil-ferrovija jenħtieġ li jżid is-sehem mis-suq tiegħu b'50 % sal-2030 u jirdoppjah sal-2050; it-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport marittimu fuq distanzi qosra jenħtieġ li jżid is-sehem mis-suq tiegħu b'25 % sal-2030 u b'50 % sal-2050; it-traffiku fuq ferroviji ta' veloċità għolja jenħtieġ li jirdoppja sal-2030 u jiżdied bi tliet darbiet sal-2050; mill-inqas 30 miljun karozza b'emissjonijiet żero u 80 000 trakk b'emissjonijiet żero jenħtieġ li jkunu operattivi fit-toroq tal-Unjoni sal-2030, u kważi l-karozzi, il-vannijiet u l-karozzi tal-linja kollha u l-vetturi heavy-duty ġodda jenħtieġ li jkunu b'emissjonijiet żero sal- | (3) L-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli[15] u Intelliġenti tistabbilixxi l-objettivi intermedji biex turi t-triq tas-sistema Ewropea tat-trasport lejn il-kisba tal-objettivi ta' mobbiltà sostenibbli, intelliġenti u reżiljenti. Hija tipprevedi li t-traffiku tal-merkanzija bil-ferrovija jenħtieġ li jżid is-sehem mis-suq tiegħu b'50 % sal-2030 u jirdoppjah sal-2050; it-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport marittimu fuq distanzi qosra jenħtieġ li jżid is-sehem mis-suq tiegħu b'25 % sal-2030 u b'50 % sal-2050; it-traffiku fuq ferroviji ta' veloċità għolja jenħtieġ li jirdoppja sal-2030 u jiżdied bi tliet darbiet sal-2050; mill-inqas 30 miljun karozza b'emissjonijiet żero u 80 000 trakk b'emissjonijiet żero jenħtieġ li jkunu operattivi fit-toroq tal-Unjoni sal-2030, u kważi l-karozzi, il-vannijiet u l-karozzi tal-linja kollha u l-vetturi heavy-duty ġodda jenħtieġ li jkunu b'emissjonijiet żero ***u*** |

| | |
|---|---|
| 2050; l-ivvjaġġar kollettiv skedat taħt il-500 km jenħtieġ li jkun newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2030 fl-Unjoni; sal-2030, jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 100 belt newtrali għall-klima fl-Ewropa. | ***b'emissjonijiet baxxi*** sal-2050; l-ivvjaġġar kollettiv skedat taħt il-500 km jenħtieġ li jkun newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2030 fl-Unjoni; sal-2030, jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 100 belt newtrali għall-klima fl-Ewropa. |
| [15] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur" (COM/2020/789 final). | [15] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur" (COM/2020/789 final). |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Ir-realizzazzjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport toħloq il-kundizzjonijiet abilitanti f'termini ta' bażi tal-infrastruttura li jippermettu li l-modi kollha tat-trasport isiru aktar sostenibbli, affordabbli u inklużivi, li l-alternattivi sostenibbli jsiru disponibbli b'mod wiesa' f'sistema tat-trasport multimodali u li jiġu stabbiliti l-inċentivi t-tajba biex tiġi xprunata t-tranżizzjoni, notevolment billi tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta, f'konformità mal-objettivi ppreżentati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) […] ta' […] dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika. | (4) Ir-realizzazzjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport toħloq il-kundizzjonijiet abilitanti f'termini ta' bażi tal-infrastruttura li jippermettu li l-modi kollha tat-trasport isiru aktar sostenibbli, affordabbli u inklużivi ***fir-reġjuni kollha tal-Unjoni***, li l-alternattivi sostenibbli jsiru disponibbli b'mod wiesa' f'sistema tat-trasport multimodali u li jiġu stabbiliti l-inċentivi t-tajba biex tiġi xprunata t-tranżizzjoni, notevolment billi tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta, f'konformità mal-objettivi ppreżentati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) […] ta' […] dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) L-ippjanar, l-iżvilupp u l-operat tan-network trans-Ewropew tat-trasport jenħtieġ li jippermettu forom ta' trasport sostenibbli, jipprevedu soluzzjonijiet ta' trasport multimodali u interoperabbli mtejba u integrazzjoni intermodali mtejba tal-katina loġistika kollha, u b'hekk jikkontribwixxu għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern billi joħolqu l-arterji li huma meħtieġa għall-flussi bla xkiel tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija madwar l-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li n-network jimmira li jsaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali billi jiżgura l-aċċessibbiltà u l-konnettività għar-reġjuni kollha tal-Unjoni, inkluża konnettività aħjar tar-reġjuni ultraperiferiċi u ta' reġjuni remoti, rurali, insulari, periferali u muntanjużi oħrajn, kif ukoll ta' żoni skarsament popolati. L-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport jenħtieġ li jippermetti wkoll il-mobbiltà bla xkiel, sikura u sostenibbli tal-merkanzija u tal-persuni fid-diversità kollha tagħhom, u jenħtieġ li jikkontribwixxi għal aktar tkabbir ekonomiku u kompetittività f'perspettiva globali, billi jistabbilixxi interkonnessjonijiet u interoperabbiltà bejn in-networks nazzjonali tat-trasport b'mod sostenibbli u effiċjenti fir-riżorsi. | (5) L-ippjanar, l-iżvilupp u l-operat tan-network trans-Ewropew tat-trasport jenħtieġ li jippermettu forom ta' trasport sostenibbli, jipprevedu soluzzjonijiet ta' trasport multimodali u interoperabbli mtejba u integrazzjoni intermodali mtejba tal-katina loġistika kollha, ***bit-trasport ferrovjarju bħala s-sinsla tagħha,*** u b'hekk jikkontribwixxu għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern billi joħolqu l-arterji li huma meħtieġa għall-flussi bla xkiel tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija madwar l-Unjoni***, u billi jistabbilixxu konnessjonijiet tat-trasport bla xkiel mal-pajjiżi ġirien***. Barra minn hekk, jenħtieġ li n-network jimmira li jsaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali billi jiżgura l-aċċessibbiltà u l-konnettività għar-reġjuni kollha tal-Unjoni, inkluża konnettività aħjar tar-reġjuni ultraperiferiċi u ta' reġjuni remoti, rurali, insulari, periferali u muntanjużi oħrajn, kif ukoll ta' żoni skarsament popolati. L-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport jenħtieġ li jippermetti wkoll il-mobbiltà bla xkiel, sikura u sostenibbli tal-merkanzija u tal-persuni fid-diversità kollha tagħhom, u jenħtieġ li jikkontribwixxi għal aktar tkabbir ekonomiku u kompetittività f'perspettiva globali, billi jistabbilixxi interkonnessjonijiet u interoperabbiltà bejn in-networks nazzjonali tat-trasport b'mod sostenibbli u effiċjenti fir-riżorsi. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) In-network trans-Ewropew tat-trasport jenħtieġ li jimmira għall-integrazzjoni intermodali tal-katina*** |

***loġistika kollha, b'interkonnessjoni effiċjenti fit-trasport tal-merkanzija u b'mod partikolari man-nodi urbani. Jenħtieġ li jiffaċilita bidla lejn ktajjen loġistiċi sostenibbli, inkluża d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport tal-aħħar mil, f'konformità mal-għanijiet ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni relatati mat-trasport.***

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Iż-żieda fit-traffiku rriżultat f'konġestjoni akbar fit-trasport internazzjonali. Sabiex tiġi żgurata l-mobbiltà internazzjonali tal-passiġġieri u tal-merkanzija, ***il-kapaċità*** tan-network trans-Ewropew tat-trasport u l-użu ta' dik il-kapaċità jenħtieġ li jiġu ottimizzati u, fejn ikun meħtieġ, estiżi billi jitneħħew il-konġestjonijiet fl-infrastruttura u jinħolqu l-konnessjonijiet neqsin fl-infrastruttura fl-Istati Membri u bejniethom u, kif xieraq, il-pajjiżi ġirien, filwaqt li jitqiesu n-negozjati li għaddejjin mal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali. | (6) Iż-żieda fit-traffiku rriżultat f'konġestjoni akbar fit-trasport internazzjonali. Sabiex tiġi żgurata l-mobbiltà internazzjonali tal-passiġġieri u tal-merkanzija, ***ir-reżiljenza u l-kapaċità*** tan-network trans-Ewropew tat-trasport u l-użu ta' dik il-kapaċità jenħtieġ li jiġu ottimizzati u, fejn ikun meħtieġ, estiżi billi jitneħħew il-konġestjonijiet fl-infrastruttura u jinħolqu l-konnessjonijiet neqsin fl-infrastruttura fl-Istati Membri u bejniethom u, kif xieraq, il-pajjiżi ġirien, filwaqt li jitqiesu n-negozjati li għaddejjin mal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Fil-biċċa l-kbira tiegħu, in-network trans-Ewropew tat-trasport jikkonsisti fl-infrastruttura eżistenti. Sabiex jintlaħqu bis-sħiħ l-objettivi tal-politika l-ġdida tan-network trans-Ewropew tat-trasport, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti uniformi rigward l-infrastruttura. | (7) Fil-biċċa l-kbira tiegħu, in-network trans-Ewropew tat-trasport jikkonsisti fl-infrastruttura eżistenti. Sabiex jintlaħqu bis-sħiħ l-objettivi tal-politika l-ġdida tan-network trans-Ewropew tat-trasport, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti uniformi rigward l-infrastruttura ***u l-manutenzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***tagħha***. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) In-network trans-Ewropew tat-trasport jenħtieġ li jiġi żviluppat u sostnut permezz tal-ħolqien ta' infrastruttura ġdida tat-trasport, permezz tal-manutenzjoni u ***l-ammeljorament*** tal-infrastruttura eżistenti u permezz ta' miżuri li jippromwovu l-użu effiċjenti ***tiegħu*** tar-riżorsi. | (8) In-network trans-Ewropew tat-trasport jenħtieġ li jiġi żviluppat u sostnut permezz tal-ħolqien ta' infrastruttura ġdida tat-trasport ***intelliġenti u sostenibbli***, permezz tal-manutenzjoni u l-ammeljorament tal-infrastruttura eżistenti u permezz ta' miżuri li jippromwovu l-użu effiċjenti tar-riżorsi ***u r-reżiljenza tiegħu***. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Sabiex tinkiseb infrastruttura tat-trasport ta' kwalità għolja u effiċjenti fil-modi kollha, l-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport jenħtieġ li jqis is-sigurtà u s-sikurezza tal-movimenti tal-passiġġieri u tal-merkanzija, il-kontribut għat-tibdil fil-klima u l-impatt tat-tibdil fil-klima u ta' perikli naturali u diżastri kkawżati mill-bniedem potenzjali fuq l-infrastruttura u l-aċċessibbiltà għall-utenti kollha tat-trasport, speċjalment f'reġjuni li huma partikolarment affettwati mill-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima. | (10) Sabiex tinkiseb infrastruttura tat-trasport ta' kwalità għolja u effiċjenti ***u reżiljenti*** fil-modi kollha, l-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport jenħtieġ li jqis is-sigurtà u s-sikurezza tal-movimenti tal-passiġġieri u tal-merkanzija, il-kontribut għat-tibdil fil-klima u l-impatt tat-tibdil fil-klima u ta' perikli naturali u diżastri kkawżati mill-bniedem potenzjali fuq l-infrastruttura u l-aċċessibbiltà għall-utenti kollha tat-trasport, speċjalment f'reġjuni li huma partikolarment affettwati mill-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima. ***Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni partikolari lit-tisħiħ tar-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, speċjalment fir-rigward tal-iżviluppi ġeopolitiċi li aktarx jikkawżaw tfixkil fit-traffiku u fil-ktajjen tal-provvista.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) Jenħtieġ li n-network trans-Ewropew tat-trasport jikkontribwixxi għal aċċessibbiltà akbar tat-trasport madwar l-Unjoni għall-utenti kollha, speċjalment għall-persuni b'diżabbiltà u b'mobbiltà mnaqqsa, u jenħtieġ li jiġġieled ukoll il-faqar tal-mobbiltà.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10b) Is-settur tat-trasport Ewropew għandu kwistjonijiet persistenti dwar il-ġeneru, f'dak li għandu x'jaqsam mal-analiżi tat-trasport, l-użu tat-trasport, u l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema tat-trasport. Id-data miġbura relatata man-network trans-Ewropew tat-trasport, kull fejn rilevanti fin-nodi urbani, jenħtieġ li tiġi diżaggregata skont il-ġeneru sabiex tiżdied il-preċiżjoni tagħha fl-identifikazzjoni tax-xejriet tal-mobbiltà u l-ħtiġijiet differenti tal-utenti kollha u biex dawk li jfasslu l-politika jiġu infurmati aħjar meta jippjanaw l-infrastruttura u s-servizzi. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lid-dimensjoni tal-ġeneru biex jiġi żgurat aċċess ugwali għas-servizzi u l-infrastruttura, bħall-użu ta' spazji ta' parkeġġ sikuri u siguri, kif ukoll biex tittaffa d-diskriminazzjoni bejn il-ġeneri, jitneħħew l-ostakli għall-impjieg tan-nisa u jiżdiedu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-diversità fis-settur tat-trasport, filwaqt li jingħata kontribut ukoll għall-effiċjenza tas-suq tax-xogħol.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Meta jippjanaw, jakkwistaw u jimplimentaw proġetti ta' interess komuni, jenħtieġ li l-Istati Membri u promoturi oħrajn tal-proġetti jqisu kif xieraq id-Direttiva (UE) 2021/1187 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16]. | (11) Meta jippjanaw, jakkwistaw u jimplimentaw proġetti ta' interess komuni, jenħtieġ li l-Istati Membri u promoturi oħrajn tal-proġetti jqisu kif xieraq id-Direttiva (UE) 2021/1187 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] ***(id-"Direttiva dwar TEN-T Intelliġenti"), biex jiġi evitat dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġetti, b'mod partikolari fir-rigward ta' proġetti transfruntiera u konnessjonijiet neqsin, biex b'hekk tiġi żgurata t-tlestija f'waqtha tan-network tat-trasport trans-Ewropew***. |
| [16] Id-Direttiva (UE) 2021/1187 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) (ĠU L 258, 20.7.2021, p. 1). | [16] Id-Direttiva (UE) 2021/1187 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) (ĠU L 258, 20.7.2021, p. 1). |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) Matul l-ippjanar tal-infrastruttura, l-Istati Membri u promoturi oħra ta' proġetti għandhom iqisu kif xieraq il-manutenzjoni, għall-ħtiġijiet u l-ispejjeż tagħha tul il-ħajja tal-proġett ta' infrastruttura. Minħabba l-importanza tal-manutenzjoni għall-funzjonament tajjeb tan-networks tat-trasport, dan ir-rekwiżit jenħtieġ li jkun prekundizzjoni biex wieħed jirċievi finanzjament taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 2021/1153 tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] (FNE).*** |
| | ***[1a] Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38).*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Minħabba l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura tal-Unjoni u l-għanijiet tad-dekarbonizzazzjoni, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020, li skonthom in-nefqa tal-Unjoni jenħtieġ li tkun konsistenti mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament dwar it-Tassonomija, jenħtieġ li l-proġetti ta' interess komuni jiġu vvalutati sabiex jiġi żgurat li l-politika tat-TEN-T tkun koerenti mal-objettivi tal-politika tat-trasport, tal-ambjent u tal-klima tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri u promoturi oħrajn tal-proġetti jwettqu valutazzjonijiet ambjentali tal-pjanijiet u tal-proġetti li jenħtieġ li jinkludu l-valutazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" abbażi tal-aħħar gwida disponibbli u tal-aħjar prattika. Fil-każijiet fejn l-implimentazzjoni ta' proġett ta' interess komuni tinvolvi ħsara sinifikanti għal objettiv ambjentali jew klimatiku, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati alternattivi raġonevoli. | (13) Minħabba l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura tal-Unjoni u l-għanijiet tad-dekarbonizzazzjoni, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020, li skonthom in-nefqa tal-Unjoni jenħtieġ li tkun konsistenti mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament dwar it-Tassonomija, jenħtieġ li l-proġetti ta' interess komuni jiġu vvalutati sabiex jiġi żgurat li l-politika tat-TEN-T tkun koerenti mal-objettivi tal-politika tat-trasport, tal-ambjent u tal-klima tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri u promoturi oħrajn tal-proġetti jwettqu valutazzjonijiet ambjentali tal-pjanijiet u tal-proġetti li jenħtieġ li jinkludu l-valutazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" abbażi tal-aħħar gwida disponibbli u tal-aħjar prattika. Fil-każijiet fejn l-implimentazzjoni ta' proġett ta' interess komuni tinvolvi ħsara sinifikanti għal objettiv ambjentali jew klimatiku, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati alternattivi raġonevoli***, b'attenzjoni partikolari għal modi tat-trasport alternattivi, u speċjalment meta l-proġett jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-aċċessibbiltà u l-konnettività għar-reġjuni*** |

***ultraperiferiċi, remoti, rurali, insulari, periferali u muntanjużi u l-konnessjoni magħhom. Dawk l-evalwazzjonijiet ambjentali jenħtieġ li jitwettqu f'konformità stretta mal-perjodu ta' żmien stabbilit fid-Direttiva dwar TEN-T Intelliġenti.***

[17] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

[17] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Il-proġetti infrastrutturali skont ir-Regolament TEN-T jenħtieġ li jkunu reżiljenti għall-impatti negattivi potenzjali tat-tibdil fil-klima permezz ta' valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u tar-riskju b'rabta mal-klima, inkluż permezz ta' miżuri ta' adattament rilevanti. Il-proġetti li għalihom trid titwettaq valutazzjoni tal-impatt ambjentali jenħtieġ li jkunu soġġetti għal verifika tar-reżistenza klimatika u li jintegraw il-kostijiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-effetti pożittivi tal-miżuri ta' mitigazzjoni tal-klima fl-analiżi kost-benefiċċji. Il-verifika tar-reżistenza klimatika jenħtieġ li titwettaq abbażi tal-aħħar gwida u l-aħjar prattika disponibbli[18]. Din tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tar-riskji relatati mat-tibdil fil-klima, kif ukoll il-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà u l-adattament għat-tibdil fil-klima fid-deċiżjonijiet dwar l-investiment u l-ippjanar taħt il-baġit tal-Unjoni. | (14) Il-proġetti infrastrutturali skont ir-Regolament TEN-T jenħtieġ li jkunu reżiljenti għall-impatti negattivi potenzjali tat-tibdil fil-klima permezz ta' valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u tar-riskju b'rabta mal-klima, inkluż permezz ta' miżuri ta' adattament rilevanti. Il-proġetti li għalihom trid titwettaq valutazzjoni tal-impatt ambjentali jenħtieġ li jkunu soġġetti għal verifika tar-reżistenza klimatika u li jintegraw il-kostijiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-effetti pożittivi tal-miżuri ta' mitigazzjoni tal-klima fl-analiżi kost-benefiċċji ***fuq bażi taċ-ċiklu tal-ħajja, inklużi l-impatti tal-fażi tal-kostruzzjoni***. Il-verifika tar-reżistenza klimatika jenħtieġ li titwettaq abbażi tal-aħħar gwida u l-aħjar prattika disponibbli[18]. Din tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tar-riskji relatati mat-tibdil fil-klima, kif ukoll il-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà u l-adattament għat-tibdil fil-klima fid-deċiżjonijiet dwar l-investiment u l-ippjanar taħt il-baġit tal-Unjoni. |

[18] Avviż tal-Kummissjoni – Gwida teknika dwar il-verifika tar-reżistenza klimatika tal-infrastruttura fil-perjodu 2021-2027 (ĠU C 373, 16.9.2021, p. 1).

[18] Avviż tal-Kummissjoni – Gwida teknika dwar il-verifika tar-reżistenza klimatika tal-infrastruttura fil-perjodu 2021-2027 (ĠU C 373, 16.9.2021, p. 1).

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (17) Id-definizzjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport jenħtieġ li tkun ibbażata fuq metodoloġija komuni u trasparenti u jenħtieġ li tirrappreżenta l-ogħla livell ta' ppjanar tal-infrastruttura fl-Unjoni. Jenħtieġ li dan ikun multimodali, jiġifieri jenħtieġ li jinkludi l-modi kollha ta' trasport u l-konnessjonijiet tagħhom, kif ukoll is-sistemi rilevanti tal-ġestjoni tal-informazzjoni dwar it-traffiku u l-ivvjaġġar. | (17) Id-definizzjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport jenħtieġ li tkun ibbażata fuq metodoloġija komuni u trasparenti u jenħtieġ li tirrappreżenta l-ogħla livell ta' ppjanar tal-infrastruttura fl-Unjoni. Jenħtieġ li dan ikun multimodali, jiġifieri jenħtieġ li jinkludi l-modi kollha ta' trasport u l-konnessjonijiet tagħhom, kif ukoll is-sistemi rilevanti tal-ġestjoni tal-informazzjoni dwar it-traffiku u l-ivvjaġġar***, u jenħtieġ li jinkludi wkoll modi ta' trasport lokali relatati mal-morfoloġija tat-territorju, bħal fil-każ tat-trasport bil-funikular u dak fuq il-lagi***. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
|  | ***(18a) L-infrastruttura tat-trasport tiffunzjona bħala network; għalhekk, in-nuqqas ta' konformità jew in-nuqqas ta' operabbiltà ta' segment żgħir jista' jfixkel l-effiċjenza u l-kompetittività tas-sistema kollha kemm hi u jipprevjeni milli jinqabdu l-benefiċċji kollha tan-network. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw dawk is-segmenti strateġiċi, b'mod partikolari għal proġetti transfruntiera u konnessjonijiet neqsin u*** |

***jqisu l-kisba urġenti tagħhom bħala l-ogħla prijorità.***

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Jenħtieġ li n-network komprensiv ikun mgħammar biżżejjed b'infrastruttura ta' fjuwils alternattivi sabiex jiġi żgurat li dan jappoġġa b'mod effettiv it-tranżizzjoni għal mobbiltà b'emissjonijiet żero, f'konformità mal-objettivi intermedji stabbiliti fl-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti. | (21) Jenħtieġ li n-network komprensiv ikun mgħammar biżżejjed b'infrastruttura ta' fjuwils alternattivi sabiex jiġi żgurat li dan jappoġġa b'mod effettiv it-tranżizzjoni għal mobbiltà b'emissjonijiet żero ***u b'emissjonijiet baxxi***, f'konformità mal-objettivi intermedji stabbiliti fl-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) In-network ewlieni bi skadenza tal-2030 u n-network ewlieni estiż bi skadenza tal-2040 jenħtieġ li jikkostitwixxu l-pedament tan-network tat-trasport multimodali sostenibbli, li jirrappreżenta l-aktar nodi u konnessjonijiet importanti mil-lat strateġiku tan-network trans-Ewropew tat-trasport, skont il-ħtiġijiet tat-traffiku. Jenħtieġ li dawn jistimolaw l-iżvilupp tan-network komprensiv kollu u jippermettu li l-azzjoni tal-Unjoni tikkonċentra fuq dawk il-komponenti tan-network trans-Ewropew tat-trasport bl-ogħla valur miżjud Ewropew, b'mod partikolari s-sezzjonijiet transfruntiera, il-konnessjonijiet neqsin, il-punti ta' konnessjoni multimodali u l-konġestjonijiet ewlenin. | (24) In-network ewlieni bi skadenza tal-2030 u n-network ewlieni estiż bi skadenza tal-2040 jenħtieġ li jikkostitwixxu l-pedament tan-network tat-trasport multimodali sostenibbli, li jirrappreżenta l-aktar nodi u konnessjonijiet importanti mil-lat strateġiku tan-network trans-Ewropew tat-trasport, skont il-ħtiġijiet tat-traffiku. Jenħtieġ li dawn jistimolaw l-iżvilupp tan-network komprensiv kollu u jippermettu li l-azzjoni tal-Unjoni tikkonċentra fuq dawk il-komponenti tan-network trans-Ewropew tat-trasport bl-ogħla valur miżjud Ewropew, b'mod partikolari s-sezzjonijiet transfruntiera, il-konnessjonijiet neqsin, il-punti ta' konnessjoni multimodali u l-konġestjonijiet ewlenin. ***Il-bini ta' linji ferrovjarji ġodda f'reġjuni transfruntiera jenħtieġ li f'dan ir-rigward jiġi aċċellerat kemm għall-merkanzija kif ukoll għall-passiġġieri bil-għan li jiżdied b'mod*** |

| | |
|---|---|
| | ***esponenzjali t-traffiku tal-merkanzija bil-ferrovija fil-livell tal-Unjoni.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(24a) Minħabba l-rata attwali tat-twettiq tan-network TEN-T, l-iskadenza tal-2030 għat-tlestija tan-network ewlieni tidher kompromessa. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu t-twettiq tan-network ewlieni bħala tal-ogħla prijorità, u jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex ilestuh qabel l-ikkompletar tan-networks estiżi u komprensivi. Din il-prijorità jenħtieġ li tiġi riflessa fl-għodod ta' investiment u fl-istrumenti ta' finanzjament fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-FNE, fid-dawl tal-baġit limitat tagħha relattiv għall-ħtiġijiet ta' investiment.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Ċerti standards eżistenti tan-network ewlieni jenħtieġ li jiġu estiżi għan-network ewlieni estiż u għan-network komprensiv sabiex jinkisbu l-benefiċċji sħaħ tan-network, tiżdied l-interoperabbiltà bejn it-tipi ta' networks u tkun tista' ssir aktar attività b'forom ta' trasport aktar sostenibbli, inkluż permezz ta' diġitalizzazzjoni ogħla u soluzzjonijiet teknoloġiċi oħrajn. | (25) Ċerti standards eżistenti tan-network ewlieni jenħtieġ li jiġu estiżi għan-network ewlieni estiż u għan-network komprensiv sabiex jinkisbu l-benefiċċji sħaħ tan-network, tiżdied l-interoperabbiltà bejn it-tipi ta' networks u tkun tista' ssir aktar attività b'forom ta' trasport aktar sostenibbli, inkluż permezz ta' diġitalizzazzjoni ogħla u soluzzjonijiet teknoloġiċi oħrajn. ***Il-forniment ta' ppjanar ċar u affidabbli għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' interoperabbiltà (TSI) huwa ta' importanza kritika għall-istabbiltà regolatorja, għaċ-ċertezza legali u għall-*** |

| | |
|---|---|
| | ***istimular tal-investimenti fis-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS).*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) L-eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tal-infrastruttura applikabbli għan-network ewlieni, għan-network ewlieni estiż u għan-network komprensiv jenħtieġ li jkunu possibbli biss f'każijiet debitament ġustifikati u soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet. Jenħtieġ li dawn ikunu jinkludu każijiet fejn l-investiment ma jkunx jista' jiġi ġġustifikat, jew fejn ikun hemm restrizzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew fiżiċi sinifikanti, pereżempju f'reġjuni ultraperiferiċi u f'reġjuni remoti, insulari, periferali u muntanjużi oħrajn jew f'żoni skarsament popolati, jew għal networks iżolati jew parzjalment iżolati. | (26) L-eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tal-infrastruttura applikabbli għan-network ewlieni, għan-network ewlieni estiż u għan-network komprensiv jenħtieġ li jkunu possibbli biss f'każijiet debitament ġustifikati u soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet. Jenħtieġ li dawn ikunu jinkludu każijiet fejn l-investiment ma jkunx jista' jiġi ġġustifikat, jew fejn ikun hemm restrizzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew fiżiċi sinifikanti, pereżempju f'reġjuni ultraperiferiċi u f'reġjuni remoti, insulari, periferali u muntanjużi oħrajn jew f'żoni skarsament popolati, jew għal networks iżolati jew parzjalment iżolati. ***Meta tivvaluta t-talba tal-Istati Membri għal eżenzjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis kif xieraq il-funzjonament u l-koeżjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport kollu, u b'mod partikolari s-sezzjonijiet konnessi fil-pajjiżi ġirien u l-funzjonament tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport. L-eżenzjonijiet jenħtieġ li jingħataw biss b'mod eċċezzjonali u, fejn applikabbli, jenħtieġ li jitqiesu bħala limitati fiż-żmien.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) In-network tal-infrastruttura fuq l-art, stabbilit permezz tan-network ewlieni, in- | (27) In-network tal-infrastruttura fuq l-art, stabbilit permezz tan-network ewlieni, in- |

| | |
|---|---|
| network ewlieni estiż u n-network komprensiv, jenħtieġ li jintegra mad-dimensjoni marittima tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jinħoloq Spazju Marittimu Ewropew verament sostenibbli, intelliġenti, bla xkiel u reżiljenti. Jenħtieġ li dan jinkludi l-komponenti kollha tal-infrastruttura marittima tan-network trans-Ewropew tat-trasport. | network ewlieni estiż u n-network komprensiv, jenħtieġ li jintegra mad-dimensjoni marittima tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jinħoloq Spazju Marittimu Ewropew verament sostenibbli, intelliġenti, bla xkiel u reżiljenti. Jenħtieġ li dan jinkludi l-komponenti kollha tal-infrastruttura marittima tan-network trans-Ewropew tat-trasport***, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-gżejjer u lir-reġjuni ultraperiferiċi***. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(28a) Il-portijiet marittimi għandhom ukoll rwol ewlieni fil-konnettività tat-trasport, il-loġistika, il-kummerċ u l-koeżjoni, filwaqt li huma importanti għall-ktajjen tal-provvista ta' emerġenza, ir-reżiljenza, l-aspetti ġeopolitiċi u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni. Għall-inklużjoni fin-network trans-Ewropew tat-trasport, il-portijiet għalhekk jenħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll, fuq bażi ta' każ b'każ, f'termini tal-valur miżjud Ewropew għoli u r-rilevanza ġeostrateġika tagħhom għas-suq intern Ewropew u d-difiża tal-Unjoni.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Jenħtieġ li l-Kurituri Ewropej tat-Trasport ikopru l-aktar flussi importanti tat-trasport fuq distanzi twal u jkunu jikkonsistu f'assi multimodali ewlieni tat-trasport Ewropew, abbażi ta' partijiet min- | (31) Jenħtieġ li l-Kurituri Ewropej tat-Trasport ikopru l-aktar flussi importanti tat-trasport fuq distanzi twal***, bit-trasport ferrovjajru bħala s-sinsla,*** u jkunu jikkonsistu f'assi multimodali ewlieni tat- |

| | |
|---|---|
| network trans-Ewropew tat-trasport, ikunu multimodali u miftuħa għall-inklużjoni tal-modi kollha ta' trasport koperti f'dan ir-Regolament u jaqsmu mill-inqas żewġ fruntieri u jinvolvu mill-inqas tliet modi ta' trasport. | trasport Ewropew, abbażi ta' partijiet min-network trans-Ewropew tat-trasport, ikunu multimodali u miftuħa għall-inklużjoni tal-modi kollha ta' trasport koperti f'dan ir-Regolament u jaqsmu mill-inqas żewġ fruntieri u jinvolvu mill-inqas tliet modi ta' trasport***, u jistgħu jinkludu wkoll pajjiżi ġirien***. |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) Sabiex jiġi stabbilit in-network trans-Ewropew tat-trasport b'mod ikkoordinat u f'waqtu, u b'hekk ikun possibbli li jiġu massimizzati l-effetti tan-network, jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa biex jiġu ffinalizzati l-proġetti ta' interess komuni tan-network ewlieni, tan-network ewlieni estiż u tan-network komprensiv sal-iskadenzi mogħtija, jiġifieri l-2030, l-2040 u l-2050, rispettivament. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm koerenza tal-pjanijiet nazzjonali tat-trasport u tal-investiment mal-prijoritajiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-pjanijiet ta' ħidma tal-Koordinaturi Ewropej. | (32) Sabiex jiġi stabbilit in-network trans-Ewropew tat-trasport b'mod ikkoordinat u f'waqtu, u b'hekk ikun possibbli li jiġu massimizzati l-effetti tan-network, jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa biex jiġu ffinalizzati l-proġetti ta' interess komuni tan-network ewlieni, tan-network ewlieni estiż u tan-network komprensiv sal-iskadenzi mogħtija, jiġifieri l-2030, l-2040 u l-2050, rispettivament. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm koerenza tal-pjanijiet nazzjonali tat-trasport u tal-investiment mal-prijoritajiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-pjanijiet ta' ħidma tal-Koordinaturi Ewropej. ***Proġetti ta' pjanijiet nazzjonali li mhumiex allinjati mal-objettivi tat-trasport tal-Unjoni jenħtieġ li ma jitqisux bħala prijorità biex jirċievu fondi tal-Unjoni.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 34**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (34) Il-proġetti ta' interess komuni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport f'konformità mar-rekwiżiti | (34) Il-proġetti ta' interess komuni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport f'konformità mar-rekwiżiti |

| | |
|---|---|
| stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom valur miżjud Ewropew, minħabba li jikkontribwixxu għal network Ewropew ta' kwalità għolja, interoperabbli u multimodali, li jżid is-sostenibbiltà, il-koeżjoni, l-effiċjenza jew il-benefiċċji għall-utenti. Il-valur miżjud Ewropew ikun ogħla jekk iwassal, minbarra għall-valur potenzjali għall-Istat Membru rispettiv biss, għal titjib sinifikanti fil-konnessjonijiet tat-trasport jew fil-flussi tat-trasport bejn l-Istati Membri jew bejn Stat Membru u pajjiż terz. Tali proġetti transfruntiera jenħtieġ li jkunu s-suġġett ta' intervent ta' prijorità mill-Unjoni sabiex jiġi żgurat li dawn jiġu implimentati. | stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom valur miżjud Ewropew, minħabba li jikkontribwixxu għal network Ewropew ta' kwalità għolja, interoperabbli***, reżiljenti*** u multimodali, li jżid is-sostenibbiltà, il-koeżjoni, l-effiċjenza jew il-benefiċċji għall-utenti***. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġi żviluppat indiċi tal-konnettività multimodali sabiex titkejjel iż-żieda fil-konnettività u l-multimodalità għall-proġetti tal-infrastruttura tat-trasport***. Il-valur miżjud Ewropew ikun ogħla jekk iwassal, minbarra għall-valur potenzjali għall-Istat Membru rispettiv biss, għal titjib sinifikanti fil-konnessjonijiet tat-trasport jew fil-flussi tat-trasport bejn l-Istati Membri jew bejn Stat Membru u pajjiż terz. Tali proġetti transfruntiera jenħtieġ li jkunu s-suġġett ta' intervent ta' prijorità mill-Unjoni sabiex jiġi żgurat li dawn jiġu implimentati. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (35) Jenħtieġ li l-Istati Membri u promoturi oħrajn tal-proġetti jiżguraw li l-valutazzjonijiet tal-proġetti ta' interess komuni jitwettqu b'mod effiċjenti, sabiex b'hekk jiġi evitat dewmien bla bżonn. | (35) Jenħtieġ li l-Istati Membri u promoturi oħrajn tal-proġetti jiżguraw li l-valutazzjonijiet tal-proġetti ta' interess komuni jitwettqu b'mod effiċjenti, sabiex b'hekk jiġi evitat dewmien bla bżonn ***u tiġi rrispettata l-iskeda ta' żmien stabbilita fid-Direttiva dwar TEN-T Intelliġenti***. |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(35a) Fl-oqfsa legali ta' ħafna Stati Membri jingħata trattament prijoritarju lil ċerti kategoriji ta' proġetti abbażi tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***importanza strateġika tagħhom. It-trattament prijoritarju huwa kkaratterizzat minn skedi ta' żmien iqsar, proċeduri simultanji jew simplifikati jew perjodi ta' żmien limitati għall-appelli. Meta jkun previst tali trattament prijoritarju f'qafas legali nazzjonali, jenħtieġ li jkun japplika awtomatikament għal proġetti ta' interess komuni taħt dan ir-Regolament. L-Istati Membri li l-oqfsa legali nazzjonali tagħhom m'għandhomx tali trattament prijoritarju jenħtieġ li jistabbilixxu wieħed għal proġetti ta' interess komuni dwar it-TEN-T.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (36) Il-proġetti ta' interess komuni li għalihom jintalab finanzjament mill-Unjoni jenħtieġ li jkunu s-suġġett ta' analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u tal-benefiċċji bbażata fuq metodoloġija rikonoxxuta, filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji u l-kostijiet soċjali, ekonomiċi klimatiċi u ambjentali rilevanti, kif ukoll il-kunċett taċ-ċiklu tal-ħajja. L-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji relatati mal-klima u ***l-ambjent*** jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali mwettqa skont id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21]. | (36) Il-proġetti ta' interess komuni li għalihom jintalab finanzjament mill-Unjoni jenħtieġ li jkunu s-suġġett ta' analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u tal-benefiċċji bbażata fuq metodoloġija rikonoxxuta, filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji***, il-bilanċ territorjali*** u l-kostijiet soċjali, ekonomiċi klimatiċi u ambjentali rilevanti, kif ukoll il-kunċett taċ-ċiklu tal-ħajja. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi metodoloġija komuni għal analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-proġetti li tippermetti valutazzjoni trasparenti u komparattiva ta' proposti ta' proġetti differenti taħt valutazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja u prijoritizzazzjoni ta' proġetti abbażi tal-valur miżjud Ewropew tagħhom.*** L-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji relatati mal-klima u ***tal-ambjent*** jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali mwettqa skont id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] ***u jenħtieġ li tikkonforma mal-iskeda ta' żmien stabbilita fid-Direttiva dwar TEN-T*** |

| | |
|---|---|
| | ***Intelliġenti***. |
| [21] Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1). | [21] Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1). |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 37**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (37) Sabiex ikun hemm kontribut għall-miri ta' tnaqqis tat-tibdil fil-klima tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ta' tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2050, jenħtieġ li ***jiġu analizzati*** l-miżuri maħsuba biex itaffu l-impatti tal-gassijiet serra ta' proġetti ta' interess komuni fil-forma ta' infrastrutturi tat-trasport ġodda, estiżi jew ammeljorati. | (37) Sabiex ikun hemm kontribut għall-miri ta' tnaqqis tat-tibdil fil-klima tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ta' tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2050, jenħtieġ li ***jitqiesu*** l-miżuri maħsuba biex itaffu l-impatti tal-gassijiet serra ta' proġetti ta' interess komuni fil-forma ta' infrastrutturi tat-trasport ġodda, estiżi jew ammeljorati. |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 38**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, inklużi pajjiżi ġirien, hija meħtieġa sabiex jiġu żgurati l-konnessjoni u l-interoperabbiltà bejn in-networks tal-infrastruttura tal-Unjoni u dawk il-pajjiżi. Fid-dawl ta' dan, fejn xieraq, jenħtieġ li l-Unjoni tippromwovi proġetti ta' interess komuni ma' dawk il-pajjiżi, ***filwaqt li*** tivvaluta u tiżgura li l-objettivi u r-rekwiżiti tan-network trans-Ewropew tat-trasport jiġu rrispettati sabiex ***tiġi żgurata*** l-interoperabbiltà tan-network tal-Unjoni. | (38) Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, inklużi pajjiżi ġirien, hija meħtieġa sabiex jiġu żgurati l-konnessjoni u l-interoperabbiltà bejn in-networks tal-infrastruttura tal-Unjoni u dawk il-pajjiżi. Fid-dawl ta' dan, fejn xieraq, jenħtieġ li l-Unjoni tippromwovi proġetti ta' interess komuni ma' dawk il-pajjiżi, ***u*** tivvaluta u tiżgura ***wkoll*** li l-objettivi u r-rekwiżiti tan-network trans-Ewropew tat-trasport jiġu rrispettati sabiex ***jiġu żgurati*** l-interoperabbiltà***, il-kontinwità u d-dekarbonizzazzjoni*** tan-network tal-Unjoni. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 38a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(38a) Ir-reżiljenza tan-network trans-Ewropew tat-trasport ġiet sfidata u ttestjata mill-impatt devastanti tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dik l-aggressjoni ddefiniet mill-ġdid ix-xenarju ġeopolitiku, u wriet il-vulnerabbiltà tal-Unjoni għal avvenimenti ta' tfixkil mhux previsti lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni. L-impatti ewlenin tagħha fuq is-swieq globali, bħas-sigurtà alimentari globali, enfasizzaw il-fatt li s-suq intern u n-network tat-trasport tal-Unjoni ma jistgħux jitqiesu waħedhom fir-rigward tat-tfassil tal-politika tal-Unjoni. Konnessjonijiet aħjar mal-pajjiżi sħab ġirien tal-Unjoni huma meħtieġa aktar minn qatt qabel.*** |
| | *(Ara l-proposta emendata tal-KE punt 1)* |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 38b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(38b) Minħabba l-kuntest ġeopolitiku ġdid, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2022 intitolata "Pjan ta' azzjoni għall-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna sabiex jiġu ffaċilitati l-esportazzjonijiet agrikoli tal-Ukrajna u l-kummerċ bilaterali mal-UE" tidentifika diversi sfidi kbar għall-infrastruttura tat-trasport li l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien tagħha jeħtieġ li jsolvu sabiex jappoġġaw l-ekonomija u l-irkupru tal-Ukrajna, biex il-prodotti agrikoli u oġġetti oħra jkunu jistgħu jaslu fl-Unjoni u fis-swieq dinjija,*** |

| | |
|---|---|
| | ***u biex jiġi żgurat li l-konnettività mal-Unjoni tissaħħaħ ħafna kemm għall-esportazzjonijiet kif ukoll għall-importazzjonijiet. Sabiex tiġi offruta konnettività akbar mal-Unjoni, dik il-Komunikazzjoni pproponiet li tiġi vvalutata l-estensjoni tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport fl-Ukrajna u fir-Repubblika tal-Moldova.*** |
| | *(Ara l-proposta emendata tal-KE - punt 2)* |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 38c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(38c) Minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u l-pożizzjoni adottata mill-Belarussja f'dak il-kunflitt, il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u r-Russja u l-Belarussja fil-qasam tal-politika tat-TEN-T la hija xierqa u lanqas fl-interess tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li n-network tat-TEN-T f'dawk iż-żewġ pajjiżi terzi jitwaqqaf. B'konsegwenza ta' dan, konnessjonijiet transfruntiera mtejba għar-Russja u għall-Belarussja ma għadhomx ta' prijorità għolja fit-territorju tal-Istati Membri. Bħalissa jeżistu konnessjonijiet bejn il-Finlandja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja ma' dawk iż-żewġ pajjiżi terzi. Sabiex tiġi riflessa l-prijorità anqas fil-bini u fil-modernizzazzjoni ta' dawk il-konnessjonijiet, l-aħħar mili tal-konnessjonijiet transfruntiera kollha mar-Russja u mal-Belarussja li bħalissa huma inklużi fin-network ewlieni jenħtieġ li jiġu mnaqqsa min-network ewlieni għal dak komprensiv li għalih hija prevista biss skadenza tal-implimentazzjoni aktar tard tal-2050. Madankollu, f'każ ta' tranżizzjoni demokratika fil-Belarussja li tibni u timmodernizza l-konnessjonijiet transfruntiera tal-pajjiż mal-UE f'konformità mal-pjan ekonomiku*** |

***komprensiv għal Belarussja demokratika, dan jingħata prijorità għolja, inkluż permezz tal-inklużjoni mill-ġdid tal-pajjiż lura fir-Regolament.***

*(Ara l-proposta emendata tal-KE - punt 3)*

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 38d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(38d) Il-kuntest ġeopolitiku l-ġdid wera wkoll kemm il-konnessjonijiet tat-trasport bla xkiel importanti jinsabu fit-territorju tal-Unjoni u ma' pajjiżi terzi ġirien. Gauge tal-binarji ferrovjarji differenti mill-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm ifixkel b'mod sever l-interoperabbiltà tan-networks ferrovjarji madwar l-Unjoni u saħansitra għandu impatt fuq il-kompetittività ta' dawk in-networks ferrovjarji iżolati. Għaldaqstant linji ferrovjarji ġodda għandhom jinbnew biss b'gauge tal-binarji nominali standard Ewropew ta' 1 435 mm. Barra minn hekk, l-Istati Membri b'network ta' gauge tal-binarji differenti jenħtieġ li jivvalutaw il-migrazzjoni tal-linji eżistenti tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport. Jenħtieġ li dan l-obbligu ma japplikax għall-Irlanda peress li n-network tat-trasport tagħha, minħabba s-sitwazzjoni insulari tagħha, huwa kompletament distakkat minn kwalunkwe konnessjoni fuq l-art fit-territorju tal-Unjoni.*** |

*(Ara l-proposta emendata tal-KE - punt 4)*

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 39**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (39) Sabiex tinkiseb it-trasformazzjoni tas-settur tat-trasport f'sistema verament multimodali ta' servizzi ta' mobbiltà sostenibbli u intelliġenti, jenħtieġ li l-Unjoni tibni network tat-trasport ta' kwalità għolja b'servizzi ferrovjarji li jilħqu l-veloċità minima tal-linja. It-trasport ferrovjarju kompetittiv tal-passiġġieri għandu ***potenzjal għoli*** għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport. Hemm il-ħtieġa li jiġi żviluppat network ferrovjarju Ewropew ta' veloċità għolja koerenti u interoperabbli li jgħaqqad il-bliet kapitali u l-bliet il-kbar tiegħu. L-ikkomplementar tal-linji ta' veloċità għolja eżistenti b'linji tal-passiġġieri b'veloċità minima tal-linja ta' 160 km/h jenħtieġ li, min-naħa tiegħu, iwassal għal effetti fuq in-network, għal network aktar koerenti u għal għadd akbar ta' passiġġieri li jivvjaġġaw bil-ferrovija. It-tlestija ta' network ta' prestazzjoni għolja se tiffaċilita wkoll l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' mudelli ġodda jew differenti tal-allokazzjoni tal-kapaċità, pereżempju, skedi ta' żmien ta' servizzi b'intervall permessi mill-inizjattiva ta' Tfassil mill-Ġdid tal-Iskeda (***'Timetable Redesign'*** - TTR). | (39) Sabiex tinkiseb it-trasformazzjoni tas-settur tat-trasport f'sistema verament multimodali ta' servizzi ta' mobbiltà sostenibbli u intelliġenti, jenħtieġ li l-Unjoni tibni network tat-trasport ta' kwalità għolja b'servizzi ferrovjarji li jilħqu l-veloċità minima tal-linja. It-trasport ferrovjarju kompetittiv tal-passiġġieri għandu ***wieħed mill-ogħla potenzjali*** għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport. Hemm il-ħtieġa li jiġi żviluppat network ferrovjarju Ewropew ta' veloċità għolja koerenti u interoperabbli li jgħaqqad il-bliet kapitali u l-bliet il-kbar tiegħu ***li għalih hemm bżonn ta' finanzjament suffiċjenti***. L-ikkomplementar tal-linji ta' veloċità għolja eżistenti b'linji tal-passiġġieri b'veloċità minima tal-linja ta' 160 km/h jenħtieġ li, min-naħa tiegħu, iwassal għal effetti fuq in-network, għal network aktar koerenti u għal għadd akbar ta' passiġġieri li jivvjaġġaw bil-ferrovija. ***L-infrastruttura ta' żewġ binarji jenħtieġ li tiġi mħeġġa għall-infrastruttura ferrovjarja li tbati minn konġestjonijiet.*** It-tlestija ta' network ta' prestazzjoni għolja se tiffaċilita wkoll l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' mudelli ġodda jew differenti tal-allokazzjoni tal-kapaċità, pereżempju, skedi ta' żmien ta' servizzi b'intervall permessi mill-inizjattiva ta' Tfassil mill-Ġdid tal-Iskeda (***"Timetable Redesign"*** - TTR). |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 40**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (40) Jenħtieġ li jiġi stabbilit network tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija aktar sostenibbli, reżiljenti u affidabbli madwar l-Ewropa biex jikkontribwixxi għall- | (40) Jenħtieġ li jiġi stabbilit network tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija aktar sostenibbli, reżiljenti u affidabbli madwar l-Ewropa biex jikkontribwixxi għall- |

| | |
|---|---|
| kompetittività tat-trasport ***ikkombinat***. L-infrastruttura għat-trasport ferrovjarju kkombinat u tat-terminals jenħtieġ li tiġi ammeljorata biex jiġi żgurat li t-trasport intermodali jsir primarjament bil-ferrovija, bil-passaġġi fuq l-ilma interni jew bit-trasport marittimu fuq distanzi qosra u li kwalunkwe komponent inizjali u/jew finali mwettaq bit-triq ikun qasir kemm jista' jkun. | kompetittività tat-trasport ***multimodali u kkombinat***. L-infrastruttura għat-trasport ferrovjarju kkombinat u tat-terminals jenħtieġ li tiġi ammeljorata biex jiġi żgurat li t-trasport intermodali jsir primarjament bil-ferrovija, bil-passaġġi fuq l-ilma interni jew bit-trasport marittimu fuq distanzi qosra u li kwalunkwe komponent inizjali u/jew finali mwettaq bit-triq ikun qasir kemm jista' jkun. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 41**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (41) Minħabba l-fatt li l-varar tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) fl-Ewropa ***qed jaċċellera***, ***u*** diversi Stati Membri diġà adottaw pjanijiet biex ivaraw l-ERTMS fuq in-networks ferrovjarji nazzjonali kollha tagħhom sal-2040, hemm bżonn li ***titqies din il-bidla fundamentali*** u li tiġi stabbilita skadenza aktar ambizzjuża għall-varar tal-ERTMS għan-network komprensiv. | (41) Minħabba l-fatt li l-varar tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS)***, kemm it-tagħmir abbord kif ukoll maġenb il-binarji,*** fl-Ewropa ***għandu bżonn jiġi aċċellerat***, ***filwaqt li jiġi rikonoxxut li*** diversi Stati Membri diġà adottaw pjanijiet biex ivaraw l-ERTMS fuq in-networks ferrovjarji nazzjonali kollha tagħhom sal-2040, hemm bżonn li ***jitqies il-progress li s'issa kien miexi bil-mod*** u li tiġi stabbilita ***data ta'*** skadenza aktar ambizzjuża għall-varar tal-ERTMS għan-network komprensiv. |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 42**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (42) Jenħtieġ li l-ERTMS tiġi varata b'mod kontinwu mhux biss fuq in-network ewlieni, in-network ewlieni estiż u n-network komprensiv, inkluż fin-nodi urbani, iżda wkoll fuq rotot ta' aċċess għal terminals multimodali. Dan se jippermetti operazzjonijiet bl-ERTMS biss u jagħti spinta lill-argument għall-vijabbiltà tal- | (42) Jenħtieġ li l-ERTMS tiġi varata b'mod kontinwu***, u jenħtieġ li tkun sinkronizzata bejn tagħmir abbord u maġenb il-binarji,*** mhux biss fuq in-network ewlieni, in-network ewlieni estiż u n-network komprensiv, inkluż fin-nodi urbani, iżda wkoll fuq rotot ta' aċċess għal terminals multimodali. ***"Sinkronizzat"*** |

| | |
|---|---|
| impriżi ferrovjarji. | ***tfisser approċċ ikkoordinat fil-ħin u fil-post bejn l-introduzzjoni tal-infrastruttura u l-introduzzjoni tal-unitajiet abbord tal-ferroviji.*** Dan se jippermetti operazzjonijiet bl-ERTMS biss u jagħti spinta lill-argument għall-vijabbiltà tal-impriżi ferrovjarji. ***Jenħtieġ li taħt l-ebda ċirkostanza ma jkun possibbli li jiġi ffinanzjat mill-fondi tal-Unjoni proġett ferrovjarju ġdid li ma jkunx qed jippjana li jvara l-ERTMS.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (43) Billi l-varar ta' ERTMS ***ibbażata fuq ir-radju jkompli*** jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni tar-regoli nazzjonali li jaffettwaw l-operat, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-ERTMS ***ibbażata fuq ir-radju biss tiġi varata*** mill-2025 u li n-network trans-Ewropew tat-trasport kollu mgħammar b'ERTMS ***ibbażata fuq ir-radju*** jiġi varat sal-2050. | (43) Billi l-varar ta' ERTMS ***ikompli*** jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni tar-regoli nazzjonali li jaffettwaw l-operat, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-ERTMS ***tiġi varata bis-sħiħ*** mill-2025 u li n-network trans-Ewropew tat-trasport kollu mgħammar b'ERTMS jiġi varat sal-2050. ***Peress li t-teknoloġija tas-Sistema ta' Komunikazzjoni Mobbli Ferrovjarja Futura (FRMCS) hija promettenti f'termini ta' kwalità tas-servizz u kostijiet tal-użu, jenħtieġ li jitwettqu inizjattivi ta' żvilupp biex jippermettu l-użu tagħha fil-futur. It-teknoloġiji spazjali jenħtieġ li jintużaw ukoll għal varar aktar rapidu u irħas.*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 44**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (44) Jenħtieġ li l-varar tal-ERTMS ikun akkumpanjat minn skadenza regolatorja għad-dekummissjonar tas-sistemi tal-klassi B maġenb il-binarji, u b'hekk l-ERTMS | (44) Jenħtieġ li l-varar tal-ERTMS ikun akkumpanjat minn skadenza regolatorja għad-dekummissjonar tas-sistemi tal-klassi B maġenb il-binarji, u b'hekk l-ERTMS |

| | |
|---|---|
| issir l-unika sistema ta' sinjalazzjoni użata fl-Istati Membri. Id-dekummissjonar tas-sistemi tal-klassi B maġenb il-binarji se jġib miegħu ffrankar sinifikanti ta' manutenzjoni għall-maniġers tal-infrastruttura, billi l-varar tal-ERTMS u ż-żamma ta' sistemi addizzjonali maġenb il-binarji għal perjodu mtawwal jiġu jiswew ħafna flus u huma kkumplikati. Jenħtieġ li s-sistemi tal-klassi B jitneħħew b'mod ikkoordinat b'perjodu tranżizzjonali suffiċjenti, sal-2040, li jippermetti lill-impriżi ferrovjarji jantiċipaw il-bidla u jadottaw l-aktar strateġija ta' migrazzjoni adattata. L-ERTMS, bħala sistema, teħtieġ varar sinkronizzat kemm maġenb il-binarji kif ukoll abbord u l-benefiċċji sħaħ tas-sistema jseħħu biss meta kemm il-ferroviji kif ukoll il-binarji jkunu mgħammra. | issir l-unika sistema ta' sinjalazzjoni użata fl-Istati Membri. Id-dekummissjonar tas-sistemi tal-klassi B maġenb il-binarji se jġib miegħu ffrankar sinifikanti ta' manutenzjoni għall-maniġers tal-infrastruttura, billi l-varar tal-ERTMS u ż-żamma ta' sistemi addizzjonali maġenb il-binarji għal perjodu mtawwal jiġu jiswew ħafna flus u huma kkumplikati. Jenħtieġ li s-sistemi tal-klassi B jitneħħew b'mod ikkoordinat b'perjodu tranżizzjonali suffiċjenti, sal-2040, li jippermetti lill-impriżi ferrovjarji jantiċipaw il-bidla u jadottaw l-aktar strateġija ta' migrazzjoni adattata. L-ERTMS, bħala sistema, teħtieġ varar sinkronizzat kemm maġenb il-binarji kif ukoll abbord u l-benefiċċji sħaħ tas-sistema, inklużi l-benefiċċji tas-sikurezza, jseħħu biss meta kemm il-ferroviji kif ukoll maġenb il-binarji jkunu mgħammra. ***L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA), f'kooperazzjoni mill-qrib mal-koordinatur tal-prijoritajiet orizzontali u billi jqis il-parir tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA), tinsab f'pożizzjoni tajba biex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni konsistenti, sinkronizzata u mifruxa tal-ERTMS.*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 44a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(44a) Il-ħajja utli tat-tagħmir ferrovjarju, inkluża l-ERTMS, għandha medja ta' madwar tletin sena, li tinvolvi perjodu twil ta' amortizzament għall-investimenti li, għalkemm jikkostitwixxi ostaklu għat-tiġdid tat-tagħmir, huwa kriterju ekonomiku importanti għall-bilanċ tat-tranżazzjonijiet imwettqa. L-evoluzzjoni frekwenti tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabbiltà tillimita t-tul tal-ħajja*** |

| | |
|---|---|
| | ***tat-tagħmir b'mod imprevedibbli għall-atturi tal-ferroviji u konsegwentement tista' tikkostitwixxi deterrent għall-investiment. Huwa għalhekk meħtieġ li wieħed ixaqleb lejn sitwazzjoni ta' stabbiltà normattiva u jippermetti, fejn possibbli, retrokompatibbiltà tal-verżjonijiet differenti tas-sistema.*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 44b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(44b) Filwaqt li l-Istrateġija għal Mobbiltà Intelliġenti u Sostenibbli tistabbilixxi miri ambizzjużi f'termini ta' network ta' veloċità għolja, l-irduppjar tal-volum tat-traffiku ferrovjarju ta' veloċità għolja sal-2030 u t-triplikar tiegħu sal-2050, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkollu wkoll l-għan li jtejjeb il-konnettività ferrovjarja ta' veloċità għolja bejn il-bliet kapitali u l-bliet ewlenin tal-Ewropa, b'mod partikolari billi jlesti l-konnessjonijiet ferrovjarji ta' veloċità għolja neqsin fin-networks ewlenin u ewlenin estiżi.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 44c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(44c) B'mod komplementari għall-ferroviji ta' veloċità għolja, il-ferroviji ta' billejl jirrappreżentaw mod sostenibbli ta' vjaġġar transfruntier bejn il-bliet Ewropej, bl-użu tal-infrastruttura ferrovjarja eżistenti. Sabiex il-potenzjal sħiħ tagħha jiġi ssodisfat madwar l-Unjoni, huwa meħtieġ li l-ġestjoni tal-kapaċità tinkorpora kif xieraq il-ħtieġa speċifika għal slots tal-ivvjaġġar*** |

| | |
|---|---|
| | ***internazzjonali u tiżgura koeżistenza ottimizzata bejn il-ferroviji tal-merkanzija u l-ferroviji ta' billejl.*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 44d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(44d) L-Unjoni stabbiliet għaliha nnifisha diversi miri għat-trasferiment tal-merkanzija mit-triq għall-ferrovija. Bil-finalizzazzjoni tan-network ewlieni tat-TEN-T fl-2030, l-Unjoni hija mistennija li fl-aħħar ikollha infrastruttura b'kapaċità għolja għad-dispożizzjoni tagħha, li tippermettilha tilħaq il-mira kif stabbilita fl-Istrateġija għal Mobbiltà Intelliġenti u Sostenibbli. Madankollu, il-ġestjoni ta' din l-infrastruttura Ewropea ta' kapaċità għolja fis-sistema attwali ta' 25 maniġer tal-infrastruttura nazzjonali hija ta' sfida f'dak li għandu x'jaqsam ma' operazzjonijiet transfruntiera. Peress li diġà minn issa aktar minn 50 % tal-operazzjonijiet tat-trasport bil-ferrovija qed jaqsmu mill-inqas fruntiera nazzjonali waħda, is-sistema ta' ġestjoni tal-infrastruttura li ntirtet saret ostaklu konsiderevoli tal-kapaċità waħedha. Is-soluzzjoni ta' din il-problema teħtieġ approċċ Ewropew u għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra li tissottometti proposta għal sistema Ewropea ta' ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju li jenħtieġ li tkun responsabbli għall-operazzjonijiet ferrovjarji transfruntiera u li jenħtieġ li jkollha l-awtorità li tiggarantixxi operazzjonijiet transfruntiera bla xkiel fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport.*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 45**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (45) Il-passaġġi fuq l-ilma interni fl-Ewropa huma kkaratterizzati minn idromorfoloġija ***eteroġena*** li xxekkel prestazzjoni koerenti għall-meded kollha tal-passaġġi fuq l-ilma. Il-passaġġi fuq l-ilma interni, speċjalment il-meded ġierja, jistgħu jiġu affettwati ħafna mill-kundizzjonijiet klimatiċi u tat-temp. Sabiex jiġi żgurat traffiku internazzjonali affidabbli, filwaqt li jiġu rrispettati l-idromorfoloġija u l-leġiżlazzjoni ambjentali applikabbli, jenħtieġ li r-rekwiżiti tat-TEN-T iqisu l-idromorfoloġija speċifika ta' kull passaġġ fuq l-ilma (pereżempju, xmajjar ġierja jew regolati), kif ukoll l-objettivi tal-politiki ambjentali u tal-bijodiversità. Tali approċċ jenħtieġ li jiġi kkunsidrat fil-livell tal-baċir idrografiku. | (45) Il-passaġġi fuq l-ilma interni fl-Ewropa huma kkaratterizzati minn idromorfoloġija ***eteroġenja*** li xxekkel prestazzjoni koerenti għall-meded kollha tal-passaġġi fuq l-ilma. Il-passaġġi fuq l-ilma interni, speċjalment il-meded ġierja, jistgħu jiġu affettwati ħafna mill-kundizzjonijiet klimatiċi u tat-temp. Sabiex jiġi żgurat traffiku internazzjonali affidabbli, filwaqt li jiġu rrispettati l-idromorfoloġija u l-leġiżlazzjoni ambjentali applikabbli, jenħtieġ li r-rekwiżiti tat-TEN-T iqisu l-idromorfoloġija speċifika ta' kull passaġġ fuq l-ilma (pereżempju, xmajjar ġierja jew regolati), kif ukoll l-objettivi tal-politiki ambjentali u tal-bijodiversità. Tali approċċ jenħtieġ li jiġi kkunsidrat fil-livell tal-baċir idrografiku ***jew fil-livell tal-kuritur u, fejn meħtieġ, jitfassal apposta għal livell aktar granulari, b'mod partikolari fil-livell tas-sezzjoni tal-passaġġi fuq l-ilma***. |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 45a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(45a) Status tajjeb ta' navigazzjoni jenħtieġ li jiġi definit mill-karatteristiċi naturali tal-baċiri idrografiċi ġierja u jenħtieġ li ma jiġi inkoraġġit l-ebda intervent maġġuri ġdid u l-ebda xogħol ta' tħammil, li jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-bijodiversità, sabiex jippermettu n-navigabbiltà.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 45b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(45b) Jenħtieġ li status tajjeb ta' navigazzjoni jiġi definit f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati u, fejn applikabbli, mal-kummissjonijiet tan-navigazzjoni tax-xmajjar.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 45c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(45c) Jenħtieġ li tiġi mħeġġa effiċjenza akbar tal-operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali transfruntiera fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni, inkluż l-iżvilupp ta' skambji ta' data sabiex ikunu jistgħu jsiru mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, bħall-Maniġers tal-Passaġġi fuq l-Ilma Interni.*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 45d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(45d) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari meta tinbena infrastruttura ġdida tal-passaġġi fuq l-ilma interni biex jiġu evitati ostakli potenzjali għall-konnettività tax-xmajjar ġierja u t-telf tal-bijodiversità.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 46**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (46) Bħala l-punti ta' dħul u ta' ħruġ għall-infrastruttura tal-art tan-network trans-Ewropew tat-trasport, il-portijiet marittimi għandhom rwol importanti bħala nodi multimodali transfruntiera li jservu mhux biss bħala ċentri tat-trasport, iżda wkoll bħala gateways għall-kummerċ, clusters industrijali u ċentri tal-enerġija, pereżempju fir-rigward tal-varar ta' installazzjonijiet eoliċi lil hinn mill-kosta. | (46) Bħala l-punti ta' dħul u ta' ħruġ għall-infrastruttura tal-art tan-network trans-Ewropew tat-trasport, il-portijiet marittimi għandhom rwol importanti bħala nodi multimodali transfruntiera li jservu mhux biss bħala ċentri tat-trasport, iżda wkoll bħala gateways għall-kummerċ, clusters industrijali u ***dejjem iżjed bħala*** ċentri tal-enerġija, pereżempju fir-rigward tal-varar ta' installazzjonijiet eoliċi lil hinn mill-kosta. ***Is-sinerġiji bejn in-network trans-Ewropew tat-trasport u n-networks trans-Ewropej għall-enerġija għandhom jiżdiedu. Filwaqt li l-fatt li niżguraw qafas miftuħ u stabbli għall-investituri huwa essenzjali għall-iżvilupp tal-portijiet marittimi Ewropej, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-investimenti f'dawn il-portijiet peress li dawn għandhom rwol strateġiku għas-sigurtà u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni.*** |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 48**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (48) It-trasport bit-triq fl-Unjoni jikkostitwixxi tliet kwarti tat-trasport intern totali tal-merkanzija (abbażi ta' tunnellati-kilometri mwettqa) u madwar 90 % tat-trasport intern totali tal-passiġġieri (abbażi tal-għadd totali ta' kilometri tal-passiġġieri). Minħabba l-importanza tat-trasport bit-triq u l-impenn li tittejjeb is-sikurezza fit-toroq f'konformità mal-objettiv intermedju tal-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti, jeħtieġ li tittejjeb l-infrastruttura tat-toroq mil-lat tas-sikurezza. | (48) It-trasport bit-triq fl-Unjoni jikkostitwixxi tliet kwarti tat-trasport intern totali tal-merkanzija (abbażi ta' tunnellati-kilometri mwettqa) u madwar 90 % tat-trasport intern totali tal-passiġġieri (abbażi tal-għadd totali ta' kilometri tal-passiġġieri). Minħabba l-importanza tat-trasport bit-triq u l-impenn li tittejjeb is-sikurezza fit-toroq f'konformità mal-objettiv intermedju tal-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti, jeħtieġ li tittejjeb l-infrastruttura tat-toroq mil-lat tas-sikurezza***, kif ukoll li tiġi adattata għall-istandards tas-sostenibbiltà u d-diġitalizzazzjoni li jiżguraw l-ogħla standards tas-sikurezza. It-titjib tas-*** |

| | |
|---|---|
| | ***sikurezza operattiva matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollha tal-infrastruttura, b'mod partikolari l-infrastruttura li tiffaċċja vulnerabbiltajiet (jiġifieri mini, pontijiet), huwa tal-ikbar importanza biex tiġi garantita infrastruttura tat-toroq ta' kwalità fit-network tat-trasport trans-Ewropew.*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 48a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(48a) Sabiex jiġi ggarantit aċċess għal faċilitajiet adegwati ta' mistrieħ għas-sewwieqa professjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu l-almu tagħhom biex jidentifikaw għadd suffiċjenti ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri għall-vetturi kummerċjali tul in-network sħiħ trans-Ewropew tat-trasport fl-Unjoni.*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 48b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(48b) Sabiex jitnaqqsu drastikament il-każijiet ta' ħinijiet twal ħafna ta' stennija fil-fruntiera għat-trasport tal-merkanzija bit-triq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra li tissottometti proposta biex tnaqqas b'mod sinifikanti l-ħinijiet ta' stennija fil-fruntiera għat-trasport tal-merkanzija bit-triq permezz tal-introduzzjoni ta' ħin massimu standard għall-Unjoni kollha għall-ipproċessar u l-kontrolli ta' vetturi tqal fil-fruntieri tal-Unjoni. L-għan għandu jkun li tintlaħaq medja ta' minuta waħda għall-ipproċessar u l-kontrolli tal-vetturi tqal irreġistrati fl-*** |

*UE.*

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 48c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(48c) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-aġenziji responsabbli jieħdu l-miżuri kollha għad-dispożizzjoni tagħhom sabiex jippermettu operazzjonijiet transfruntiera għall-modi kollha tat-trasport fuq in-network TEN-T mingħajr interruzzjonijiet bla bżonn minħabba raġunijiet amministrattivi, operattivi, ta' sikurezza, tekniċi jew ta' interoperabbiltà. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jinvolvu ruħhom f'diskussjonijiet multilaterali, iffaċilitati mill-Koordinatur tal-kuritur rispettiv, sabiex isolvu t-tilwim relatat mal-operazzjonijiet transfruntiera għall-modi kollha tat-trasport fuq in-network TEN-T. Il-koordinatur responsabbli jenħtieġ li jinforma kull sena dwar kwalunkwe tilwima lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali kkonċernati.*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 48d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(48d) Wara valutazzjoni tas-sikurezza tat-toroq fin-network kollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jikklassifikaw is-sezzjonijiet kollha tan-network tat-toroq koperti mid-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] f'mhux inqas minn tliet kategoriji. Eżenzjoni mir-rekwiżiti tal-infrastruttura tat-trasport jenħtieġ li tingħata biss jekk it-triq tkun ġiet ikklassifikata fil-kategoriji li jiżguraw*** |

***livell għoli ta' sikurezza.***

___________

***[1a] Id-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59).***

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 49**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (49) Jenħtieġ li n-network trans-Ewropew tat-trasport jiżgura multimodalità effiċjenti sabiex jagħti lok għal għażliet modali aħjar u aktar sostenibbli li għandhom isiru għall-passiġġieri u għall-merkanzija u sabiex ikunu jistgħu jiġu kkonsolidati volumi kbar għal trasferimenti fuq distanzi twal. Jenħtieġ li t-terminals multimodali jkollhom rwol ewlieni biex jintlaħaq dan l-objettiv. | (49) Jenħtieġ li n-network trans-Ewropew tat-trasport jiżgura multimodalità effiċjenti sabiex jagħti lok għal għażliet modali aħjar u aktar sostenibbli li għandhom isiru għall-passiġġieri u għall-merkanzija u sabiex ikunu jistgħu jiġu kkonsolidati volumi kbar għal trasferimenti fuq distanzi twal***, b'mod partikolari bil-ferrovija***. Jenħtieġ li t-terminals multimodali jkollhom rwol ewlieni biex jintlaħaq dan l-objettiv. ***Il-puntwalità insuffiċjenti kienet ostaklu mill-akbar biex il-multimodalità ssir għażla attraenti għat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri. Il-ġestjoni effiċjenti tal-flussi tat-traffiku kif ukoll iż-żieda fil-kapaċità tal-infrastruttura se jippermettu li l-ferroviji jaqdu l-parti sħiħa tagħhom fit-titjib tal-funzjonament tal-katina tat-trasport intermodali.*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 49a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(49a) It-traffiku tal-passiġġieri u l-għadd ta' passiġġieri fil-kurituri tat-TEN-T se jkollhom jiżdiedu. Jenħtieġ li l-passiġġieri jkollhom esperjenza tal-utent bla xkiel*** |

***meta jfittxu, jagħżlu u jixtru s-servizzi ta' trasport tagħhom, inklużi permezz ta' tikkettar multimodali.***

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 50**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (50) In-nodi urbani għandhom rwol importanti fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport bħala l-punt tat-tluq jew id-destinazzjoni finali ("l-aħħar mil") għall-passiġġieri u l-merkanzija li jiġu ttrasportati fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport u huma punti ta' trasferiment fi ħdan jew bejn modi ta' trasport differenti. Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-konġestjonijiet fil-kapaċità u konnettività insuffiċjenti tan-network fi ħdan in-nodi urbani ma jibqgħux ifixklu l-multimodalità tul in-network trans-Ewropew tat-trasport. | (50) In-nodi urbani għandhom rwol importanti fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport bħala l-punt tat-tluq jew id-destinazzjoni finali ("l-aħħar mil") għall-passiġġieri u l-merkanzija li jiġu ttrasportati fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport u huma punti ta' trasferiment fi ħdan jew bejn modi ta' trasport differenti***, u lejn trasportazzjoni lokali u reġjonali***. Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-konġestjonijiet fil-kapaċità u konnettività insuffiċjenti tan-network fi ħdan in-nodi urbani ma jibqgħux ifixklu l-multimodalità tul in-network trans-Ewropew tat-trasport. ***Jenħtieġ li n-nodi urbani jinkoraġġixxu wkoll iż-żieda fis-sehem modali ta' modi ta' trasport sostenibbli, bħat-trasport pubbliku jew il-modi attivi.*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 51**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (51) Bħala qafas uniku effettiv għall-indirizzar tal-isfidi tal-mobbiltà urbana, jenħtieġ li n-nodi urbani jiżviluppaw Pjan ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMP), li huwa pjan fit-tul, li jinkludi kollox u integrat għall-mobbiltà tal-merkanzija u tal-passiġġieri għaż-żona urbana funzjonali kollha. Jenħtieġ li dan jinkludi objettivi, miri u indikaturi li jsostnu l-prestazzjoni attwali u futura tas-sistema tat-trasport | (51) Bħala qafas uniku effettiv għall-indirizzar tal-isfidi tal-mobbiltà urbana, jenħtieġ li n-nodi urbani jiżviluppaw Pjan ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMP), li huwa pjan fit-tul, li jinkludi kollox u integrat għall-mobbiltà tal-merkanzija u tal-passiġġieri għaż-żona urbana funzjonali kollha. ***Il-koordinazzjoni u l-armonizzazzjoni tas-SUMPs jenħtieġ li jiġu mħeġġa.*** Jenħtieġ li dan jinkludi |

urban, bħala minimu, dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-konġestjoni, l-aċċidenti u l-korrimenti, is-sehem modali u ***l-aċċess*** għas-servizzi ta' mobbiltà, kif ukoll data dwar it-tniġġis tal-arja u tal-istorbju fil-bliet.

objettivi, miri u indikaturi li jsostnu l-prestazzjoni attwali u futura tas-sistema tat-trasport urban, bħala minimu, dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-konġestjoni, l-aċċidenti u l-korrimenti, is-sehem modali u ***l-aċċessibbiltà*** għas-servizzi ta' mobbiltà, ***inkluż għal utenti vulnerabbli tat-triq u għall-persuni b'diżabbiltajiet jew mobbiltà mnaqqsa,*** kif ukoll data dwar it-tniġġis tal-arja u tal-istorbju fil-bliet. ***Id-data miġbura jenħtieġ li tkun diżaggregata skont l-età, il-ġeneru u d-diżabbiltà, fejn possibbli, u jenħtieġ li jiġi żgurat li d-data tkun rappreżentattiva tal-utenti kollha u tal-ħtiġijiet u x-xejriet differenti tagħhom tal-mobbiltà, kif ukoll tqis kif xieraq l-impatt differenti tat-trasport u tal-infrastruttura tat-trasport fuq il-popolazzjoni.***

___

***[22] Il-kunċett ta' SUMP ġie propost l-ewwel darba fil-Pakkett dwar il-Mobbiltà Urbana tal-UE tal-2013 (COM(2013)913 final, Anness I)***

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 52**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (52) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu programm ta' appoġġ nazzjonali ta' SUMP immirat lejn il-promozzjoni tal-użu tas-SUMPs u t-titjib tal-koordinazzjoni fost ir-reġjuni, l-ibliet u l-ibliet. Jenħtieġ li dan jappoġġa lir-reġjuni u liż-żoni urbani biex jiżviluppaw SUMPs ta' kwalità għolja u jsaħħu l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tas-SUMP permezz ta' miżuri leġiżlattivi, gwida, bini tal-kapaċità, assistenza u possibbilment appoġġ finanzjarju. | (52) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu programm ta' appoġġ nazzjonali ta' SUMP immirat lejn il-promozzjoni tal-użu tas-SUMPs u t-titjib tal-koordinazzjoni fost ir-reġjuni, l-ibliet u l-ibliet. Jenħtieġ li dan jappoġġa lir-reġjuni u liż-żoni urbani biex jiżviluppaw SUMPs ta' kwalità għolja u jsaħħu l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tas-SUMP permezz ta' miżuri leġiżlattivi, gwida, bini tal-kapaċità, assistenza u possibbilment appoġġ finanzjarju. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' taġġorna l-lista ta' nodi urbani fl-Anness II fuq talba ta' Stat Membru, bil-ftehim preċedenti*** |

| | |
|---|---|
| | ***tan-nodi urbani tul il-Kuritur Ewropew tat-Trasport ikkonċernat, bil-għan li jittejjeb il-bilanċ territorjali u tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn mobbiltà aktar sostenibbli.*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 52a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(52a) Kull Stat Membru jenħtieġ li jistabbilixxi programm nazzjonali ta' appoġġ SUMP u jaħtar punt ta' kuntatt nazzjonali tas-SUMP bil-għan li jsaħħaħ il-governanza u jżid is-sjieda, l-ippjanar u l-adozzjoni ta' politiki ta' mobbiltà urbana sostenibbli fil-livell nazzjonali, u jtejjeb il-koordinazzjoni fost ir-reġjuni u l-ibliet. Il-punt ta' kuntatt nazzjonali għandu jiżviluppa gwida nazzjonali għall-ippjanar tal-mobbiltà urbana abbażi tal-Linji Gwida Ewropej tas-SUMP, jipprovdi assistenza teknika u appoġġ espert għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tas-SUMPs, jimmonitorja l-progress, jirrevedi u jipprovdi pariri biex tittejjeb il-kwalità tas-SUMPs fl-Istat Membru tagħhom. Huma għandhom jippromwovu wkoll in-network nazzjonali tal-ibliet u r-reġjuni biex irawmu t-tagħlim bejn il-pari u jxerrdu prattiki tajbin, jimplimentaw programmi ta' taħriġ u jorganizzaw u jikkoordinaw kampanji ta' komunikazzjoni relatati mas-SUMPS.*** |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 52b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(52b) Il-promozzjoni ta' modi attivi fin-nodi urbani tikkontribwixxi għall-*** |

| | |
|---|---|
| | ***għanijiet klimatiċi tal-Unjoni, ittejjeb is-saħħa pubblika, tnaqqas il-konġestjoni, toffri soluzzjoni għall-aħħar mil għall-passiġġieri u tipprovdi benefiċċji ekonomiċi. Għalhekk, meta tiġi ppjanata infrastruttura tat-trasport ġdida, kif ukoll xogħlijiet ta' manutenzjoni u ammeljorament f'dak li għandu x'jaqsam ma' infrastrutturi eżistenti, f'nodi urbani, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati infrastrutturi tal-modi attivi, inklużi infrastrutturi bħall-mixi u ċ-ċikliżmu.*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 54**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (54) Is-servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali jgħinu biex tittejjeb l-integrazzjoni tal-modi ta' trasport differenti billi jikkombinaw diversi offerti ta' trasport f'waħda. Jenħtieġ li l-iżvilupp ulterjuri tagħhom jikkontribwixxi għal imġiba ta' spinta lejn l-aktar modi sostenibbli, it-trasport pubbliku u modi attivi bħall-mixi u ċ-ċikliżmu. | (54) Is-servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali jgħinu biex tittejjeb l-integrazzjoni tal-modi ta' trasport differenti billi jikkombinaw diversi offerti ta' trasport f'waħda. Jenħtieġ li l-iżvilupp ulterjuri tagħhom jikkontribwixxi għal imġiba ta' spinta lejn l-aktar modi sostenibbli, it-trasport pubbliku u modi attivi bħall-mixi u ċ-ċikliżmu***, u jisfruttaw il-benefiċċji sħaħ ta' soluzzjonijiet ta' "Mobbiltà bħala Servizz". Barra minn hekk, l-ippjanar tal-infrastruttura urbana jenħtieġ li jiġi żviluppat f'konformità mal-istandards tal-Unjoni dwar is-sikurezza fit-toroq. Jenħtieġ li jiġu żviluppati standards għas-sikurezza tal-infrastruttura taċ-ċikliżmu u tal-mixi biex tissaħħaħ il-bidla lejn modi ta' trasport aktar sostenibbli.*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 55a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(55a) Peress li dan ir-Regolament għandu l-għan li joħloq infrastruttura tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, jenħtieġ li n-network trans-Ewropew tat-trasport ikun mgħammar bis-sistemi tal-ICT meħtieġa, li jippermettu l-introduzzjoni ta' kontrolli mmirati bbażati fuq ir-riskju, u spezzjonijiet mhux diskriminatorji mingħajr kuntatt u mingħajr karti bbażati fuq l-aċċess għal data diġitali f'ħin reali dwar is-sewwieqa, l-operaturi, il-vetturi kummerċjali u l-merkanzija. Il-kontrolli u l-ispezzjonijiet kollha jenħtieġ li jsiru b'manjiera kompletament mhix diskriminatorja.*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 57**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (57) Huwa meħtieġ ippjanar adegwat tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Dan jinvolvi wkoll l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi fin-network kollu f'termini ta' infrastruttura, sistemi tal-ICT, tagħmir u servizzi, inklużi r-rekwiżiti għat-tnedija tal-infrastruttura ta' fjuwils alternattivi kif definita fir-Regolament (UE) […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi]. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi żgurat il-varar adegwat u miftiehem ta' tali rekwiżiti madwar l-Ewropa għal kull mod ta' trasport u għall-interkonnessjoni tagħhom fin-network trans-Ewropew tat-trasport kollu u lil hinn minnu, sabiex jinkisbu l-benefiċċji tal-effett tan-network u sabiex l-operazzjonijiet ta' trasport trans-Ewropew effiċjenti u fuq distanzi twal isiru possibbli. Sabiex jiġi żgurat il-varar ta' fjuwils alternattivi fin-network kollu tat-toroq tan- | (57) Huwa meħtieġ ippjanar adegwat tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Dan jinvolvi wkoll l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi fin-network kollu f'termini ta' infrastruttura, sistemi tal-ICT, tagħmir u servizzi, inklużi r-rekwiżiti għat-tnedija tal-infrastruttura ta' fjuwils alternattivi kif definita fir-Regolament (UE) […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi]. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi żgurat il-varar adegwat u miftiehem ta' tali rekwiżiti madwar l-Ewropa għal kull mod ta' trasport u għall-interkonnessjoni tagħhom fin-network trans-Ewropew tat-trasport kollu u lil hinn minnu, sabiex jinkisbu l-benefiċċji tal-effett tan-network u sabiex l-operazzjonijiet ta' trasport trans-Ewropew effiċjenti***, sostenibbli*** u fuq distanzi twal isiru possibbli. Sabiex jiġi żgurat il-varar ta' fjuwils alternattivi fin-network kollu |

| | |
|---|---|
| network trans-Ewropew tat-trasport f'konformità mal-miri stabbiliti fir-Regolament (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi], jenħtieġ li r-referenzi għal "network ewlieni" fir-Regolament (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi] jiġu interpretati bħala referenzi għal "network ewlieni" kif definit f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li r-referenzi għal "network komprensiv" fir-Regolament (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi] jiġu interpretati bħala referenzi għal "network ewlieni estiż" u "network komprensiv" kif definiti f'dan ir-Regolament. | tat-toroq tan-network trans-Ewropew tat-trasport f'konformità mal-miri stabbiliti fir-Regolament (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi], jenħtieġ li r-referenzi għal "network ewlieni" fir-Regolament (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi] jiġu interpretati bħala referenzi għal "network ewlieni" kif definit f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li r-referenzi għal "network komprensiv" fir-Regolament (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi] jiġu interpretati bħala referenzi għal "network ewlieni estiż" u "network komprensiv" kif definiti f'dan ir-Regolament. |
| [23] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' […] dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L […]). | [23] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' […] dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L […]). |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 58**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (58) Jenħtieġ li n-network trans-Ewropew tat-trasport jipprovdi l-bażi għall-varar fuq skala kbira ta' teknoloġiji ġodda u innovazzjoni, bħall-infrastruttura 5G, li tista' tgħin biex ittejjeb l-effiċjenza ġenerali tas-settur tat-trasport Ewropew u l-kapaċità li tippermetti flussi siguri tal-passiġġieri bl-użu ta' mezzi effiċjenti, li tagħmel il-mezzi ta' trasport pubbliku jew aktar ekoloġiku aktar attraenti għall-passiġġieri, u tnaqqas l-impronta tal-karbonju tiegħu. Dan se jikkontribwixxi lejn l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u, fl-istess ħin, jikkontribwixxi għall-objettiv li tiżdied is-sigurtà tal-enerġija għall-Unjoni. Sabiex jintlaħqu dawk l- | (58) Jenħtieġ li n-network trans-Ewropew tat-trasport jipprovdi l-bażi għall-varar fuq skala kbira ta' teknoloġiji ġodda u innovazzjoni, ***li jippermetti data f'ħin reali u l-iskambju ta' informazzjoni,*** bħall-infrastruttura 5G, li tista' tgħin biex ittejjeb l-effiċjenza ġenerali tas-settur tat-trasport Ewropew u l-kapaċità li tippermetti flussi siguri tal-passiġġieri bl-użu ta' mezzi effiċjenti, li tagħmel il-mezzi ta' trasport pubbliku jew aktar ekoloġiku aktar attraenti għall-passiġġieri, u tnaqqas l-impronta tal-karbonju tiegħu. Dan se jikkontribwixxi lejn l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u, fl-istess ħin, jikkontribwixxi għall-objettiv li tiżdied is- |

| | |
|---|---|
| objettivi, jenħtieġ li d-disponibbiltà ta' fjuwils alternattivi u infrastruttura relatata tittejjeb fin-network trans-Ewropew tat-Trasport kollu. | sigurtà tal-enerġija għall-Unjoni. Sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi, jenħtieġ li d-disponibbiltà ta' fjuwils alternattivi u infrastruttura relatata tittejjeb fin-network trans-Ewropew tat-Trasport kollu. |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 59**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (59) Jenħtieġ li jiġu varati għadd suffiċjenti ta' punti tal-irriċarġjar veloċi għal vetturi light-duty u heavy-duty aċċessibbli għall-pubbliku madwar in-network trans-Ewropew tat-trasport. Jenħtieġ li dan l-għan jiżgura konnettività transfruntiera sħiħa ***u jippermetti li l-vetturi elettriċi jiċċirkolaw madwar l-Unjoni kollha***. Il-miri bbażati fuq id-distanza għan-network trans-Ewropew tat-trasport kif definit fir-Regolament (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi] għandhom jiżguraw kopertura minima suffiċjenti ta' punti tal-irriċarġjar bl-elettriku tul in-networks tat-toroq ewlenin tal-Unjoni. | (59) Jenħtieġ li jiġu varati għadd suffiċjenti ta' punti tal-irriċarġjar ***u r-riforniment tal-idroġenu*** veloċi għal vetturi light-duty u heavy-duty aċċessibbli għall-pubbliku madwar in-network trans-Ewropew tat-trasport. Jenħtieġ li dan l-għan jiżgura konnettività transfruntiera sħiħa. Il-miri bbażati fuq id-distanza għan-network trans-Ewropew tat-trasport kif definit fir-Regolament (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi] għandhom jiżguraw kopertura minima suffiċjenti ta' punti tal-irriċarġjar bl-elettriku ***u r-riforniment tal-idroġenu*** tul in-networks tat-toroq ewlenin tal-Unjoni. |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 60**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (60) L-infrastruttura tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku tul in-network trans-Ewropew tat-trasport kif definit fir-Regolament (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi] jenħtieġ li tiġi kkomplementata bir-rekwiżiti dwar il-varar ta' infrastruttura ***tal-irriċarġjar*** fit-terminals multimodali u għaċ-ċentri multimodali tal-passiġġieri, sabiex jiġu pprovduti opportunitajiet ta' | (60) L-infrastruttura tal-irriċarġjar ***u r-riforniment tal-idroġenu*** aċċessibbli għall-pubbliku tul in-network trans-Ewropew tat-trasport kif definit fir-Regolament (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi] jenħtieġ li tiġi kkomplementata bir-rekwiżiti dwar il-varar ta' infrastruttura ***korrespondenti*** fit-terminals multimodali u għaċ-ċentri multimodali tal-passiġġieri, sabiex jiġu |

| | |
|---|---|
| ċċarġjar għal trakkijiet fuq rotot twal meta jkunu qed jitgħabbew jew jinħattu jew meta s-sewwieq ikun qed jistrieħ, jew għal karozzi tal-linja f'ċentri multimodali tal-passiġġieri. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċirkolazzjoni libera, meta t-terminals jew iċ-ċentri tal-passiġġieri jirċievu appoġġ mill-Unjoni jew appoġġ pubbliku, jenħtieġ li l-aċċess għall-finijiet ta' ċċarġjar ***ikun*** fuq bażi ġusta, trasparenti u mhux diskriminatorja, sabiex jiġi evitat l-imblukkar tas-suq għal intrapriżi speċifiċi jew distorsjonijiet possibbli tal-kompetizzjoni. Jenħtieġ li l-ipprezzar isir fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja għall-impriżi jew il-persuni awtorizzati kollha, fejn l-infrastruttura tal-iċċarġjar tinbena bl-użu ta' finanzjament tal-Unjoni jew pubbliku. | pprovduti opportunitajiet ta' ċċarġjar ***u riforniment tal-idroġenu*** għal trakkijiet fuq rotot twal meta jkunu qed jitgħabbew jew jinħattu jew meta s-sewwieq ikun qed jistrieħ, jew għal karozzi tal-linja f'ċentri multimodali tal-passiġġieri. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċirkolazzjoni libera, meta t-terminals jew iċ-ċentri tal-passiġġieri jirċievu appoġġ mill-Unjoni jew appoġġ pubbliku, jenħtieġ li l-aċċess għall-finijiet ta' ċċarġjar ***u riforniment tal-idroġenu jkun*** fuq bażi ġusta, ***affordabbli,***trasparenti u mhux diskriminatorja, sabiex jiġi evitat l-imblukkar tas-suq għal intrapriżi speċifiċi jew distorsjonijiet possibbli tal-kompetizzjoni. Jenħtieġ li l-ipprezzar isir fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja għall-impriżi jew il-persuni awtorizzati kollha, fejn l-infrastruttura tal-iċċarġjar tinbena bl-użu ta' finanzjament tal-Unjoni jew pubbliku. |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 61a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(61a) L-Istati Membri jenħtieġ li jwettqu test tal-vulnerabbiltà klimatika u ambjentali u valutazzjoni tar-riskju tal-infrastruttura kritika eżistenti tagħhom tat-trasport u jipprevedu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-funzjonament fit-tul u jżidu r-reżiljenza tan-networks trans-Ewropej tat-trasport.*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 62**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (62) B'kont meħud tal-esperjenza fir-rigward tal-immaniġġjar tal-kriżijiet matul | (62) B'kont meħud tal-esperjenza fir-rigward tal-immaniġġjar tal-kriżijiet matul |

| | |
|---|---|
| il-pandemija tal-Covid-19[25] u sabiex jevitaw it-tfixkil u l-kontinġenzi tat-traffiku fil-futur, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu s-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastruttura tat-trasport għat-tibdil fil-klima, għall-perikli naturali, għad-diżastri kkawżati mill-bniedem u għal tfixkil ieħor li jaffettwa l-funzjonament tas-sistema tat-trasport tal-Unjoni, meta jkunu qegħdin jippjanaw l-infrastruttura. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Kurituri Ewropej tat-Trasport jinkludu wkoll linji ta' devjazzjoni importanti li jistgħu jintużaw fil-każ ta' konġestjoni jew problemi oħrajn fuq ir-rotot prinċipali. Barra minn hekk, minħabba n-natura multimodali tagħhom, mod wieħed jista' jissostitwixxi lill-ieħor f'każ ta' emerġenzi. | il-pandemija tal-Covid-19[25] u sabiex jevitaw it-tfixkil u l-kontinġenzi tat-traffiku fil-futur, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu s-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastruttura tat-trasport għat-tibdil fil-klima, għall-perikli naturali, għad-diżastri kkawżati mill-bniedem***, għall-bidliet ġeopolitiċi*** u għal tfixkil ieħor li jaffettwa l-funzjonament tas-sistema tat-trasport tal-Unjoni, meta jkunu qegħdin jippjanaw l-infrastruttura. Għal dak l-għan, jenħtieġ ***li l-konġestjonijiet eżistenti jiġu eliminati u*** li l-Kurituri Ewropej tat-Trasport jinkludu wkoll linji ta' devjazzjoni importanti li jistgħu jintużaw fil-każ ta' konġestjoni jew problemi oħrajn fuq ir-rotot prinċipali. Barra minn hekk, minħabba n-natura multimodali tagħhom, mod wieħed jista' jissostitwixxi lill-ieħor f'każ ta' emerġenzi. |
| [25] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Korsiji Ħodor skont il-Linji Gwida għall-miżuri ta' ġestjoni tal-fruntieri biex tiġi protetta s-saħħa u tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-oġġetti u tas-servizzi essenzjali; C(2020)1897 final (ĠU C 96 I, 24.3.2020, p. 1) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2020 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "naġġornaw il-Korsiji Ħodor tat-trasport biex l-ekonomija tibqa' għaddejja matul iż-żieda mill-ġdid fl-għadd ta' każijiet tal-pandemija tal-COVID-19"; COM(2020)685 final. | [25] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Korsiji Ħodor skont il-Linji Gwida għall-miżuri ta' ġestjoni tal-fruntieri biex tiġi protetta s-saħħa u tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-oġġetti u tas-servizzi essenzjali; C(2020)1897 final (ĠU C 96 I, 24.3.2020, p. 1) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2020 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "naġġornaw il-Korsiji Ħodor tat-trasport biex l-ekonomija tibqa' għaddejja matul iż-żieda mill-ġdid fl-għadd ta' każijiet tal-pandemija tal-COVID-19"; COM(2020)685 final. |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 62a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(62a) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-Koordinaturi Ewropej, "Korsiji Ħodor" biex jiżguraw l-effiċjenza*** |

***u l-funzjonament tal-infrastrutturi tat-trasport għall-fluss tat-traffiku ta' oġġetti essenzjali u persuni f'każ ta' emerġenza.***

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 63**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (63) Il-parteċipazzjoni tal-impriżi, inklużi dawk li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn persuna fiżika ta' pajjiż terz jew impriża ta' pajjiż terz, inklużi dawk li huma stabbiliti f'pajjiż terz, tista' taċċellera r-realizzazzjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Madankollu, f'ċirkostanzi speċifiċi, il-parteċipazzjoni ta' jew il-kontribut minn impriżi li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn persuna fiżika ta' pajjiż terz jew impriża ta' pajjiż terz għal proġetti ta' interess komuni jistgħu jikkompromettu s-sigurtà u l-ordni pubbliku ***fl-UE***. Mingħajr preġudizzju u minbarra l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2019/452[26], hija meħtieġa sensibilizzazzjoni akbar ta' tali parteċipazzjoni jew kontribut sabiex tippermetti l-intervent tal-awtoritajiet pubbliċi jekk jidher li dawn x'aktarx jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni u l-parteċipazzjoni jew il-kontribut ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/452. | (63) ***L-infrastruttura tat-trasport hija s-sinsla tal-ekonomija u tas-soċjetà kollha kemm hi; partijiet minnha huma kritiċi biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-funzjonijiet vitali tas-soċjetà, u għalhekk huma pilastru tal-awtonomija strateġika fl-Unjoni. F'dan il-kuntest,*** il-parteċipazzjoni tal-impriżi, inklużi dawk li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn persuna fiżika ta' pajjiż terz jew impriża ta' pajjiż terz, inklużi dawk li huma stabbiliti f'pajjiż terz, tista' taċċellera r-realizzazzjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Madankollu, f'ċirkostanzi speċifiċi, il-parteċipazzjoni ta' jew il-kontribut minn impriżi li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn persuna fiżika ta' pajjiż terz jew impriża ta' pajjiż terz għal proġetti ta' interess komuni jistgħu jikkompromettu s-sigurtà***, l-ordni pubbliku jew l-awtonomija strateġika fl-UE. L-investimenti, l-interessi u l-preżenza ta' kumpaniji ta' pajjiżi terzi fl-infrastruttura strateġika – u xi kultant anke dik militari – Ewropea qed jiżdiedu, bħal fil-portijiet, fl-ajruporti u fit-terminals tal-kontejners. Tali preżenza barranija li qed tiżdied fl-infrastruttura strateġika Ewropea tirriskja li timmina r-reżiljenza tal-Unjoni tagħna. Għalhekk, speċjalment fid-dawl tas-sitwazzjoni l-ġdida tas-sigurtà fil-kontinent tagħna, huwa kruċjali li l-Unjoni tadotta bi prijorità approċċ strateġiku strett lejn l-iżvilupp u r-reviżjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport u tipprevjeni kwalunkwe preżenza ta' pajjiż terz li x'aktarx taffettwa s-*** |

***sigurtà jew*** l-ordni pubbliku ***fl-Unjoni***. Mingħajr preġudizzju u minbarra l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2019/452[26], hija meħtieġa sensibilizzazzjoni akbar ta' tali parteċipazzjoni jew kontribut sabiex tippermetti l-intervent tal-awtoritajiet pubbliċi jekk jidher li dawn x'aktarx jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni u l-parteċipazzjoni jew il-kontribut ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/452.

[26] Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1).

[26] Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1).

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 64**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (64) Filwaqt li l-manutenzjoni hija u se tibqa' r-responsabbiltà ewlenija tal-Istati Membri, huwa importanti li n-network trans-Ewropew tat-trasport – ladarba jinbena – jinżamm f'kundizzjoni tajba sabiex tiġi żgurata kwalità għolja tas-servizzi. Jenħtieġ li jiġi segwit kunċett taċ-ċiklu tal-ħajja fl-ippjanar u l-akkwist ta' proġetti infrastrutturali. | (64) Filwaqt li l-manutenzjoni hija u se tibqa' r-responsabbiltà ewlenija tal-Istati Membri, huwa importanti li n-network trans-Ewropew tat-trasport – ladarba jinbena – jinżamm f'kundizzjoni tajba sabiex tiġi żgurata kwalità għolja tas-servizzi. Jenħtieġ li jiġi segwit kunċett taċ-ċiklu tal-ħajja fl-ippjanar u l-akkwist ta' proġetti infrastrutturali***, u jenħtieġ li jitqies sabiex jiġi riċevut finanzjament mill-FNE. Ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni jenħtieġ li jitwettqu f'konformità mad-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/2075.*** |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 66**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (66) Jenħtieġ li l-Kurituri Ewropej tat-Trasport jgħinu fl-iżvilupp tal-infrastruttura tan-network trans-Ewropew tat-trasport b'tali mod li jiġu indirizzati l-konġestjonijiet, jissaħħu l-konnessjonijiet transfruntiera u jittejbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà. Jenħtieġ li dawn jikkontribwixxu għal koeżjoni permezz ta' kooperazzjoni territorjali mtejba. Jenħtieġ li dawn jindirizzaw ukoll objettivi usa' tal-politika tat-trasport u jiffaċilitaw l-interoperabbiltà, l-integrazzjoni modali u l-operazzjonijiet multimodali. L-approċċ tal-kurituri jenħtieġ li jkun trasparenti u ċar u jenħtieġ li l-ġestjoni ta' tali kurituri ma toħloqx piżijiet jew kostijiet amministrattivi addizzjonali. | (66) Jenħtieġ li l-Kurituri Ewropej tat-Trasport jgħinu fl-iżvilupp tal-infrastruttura tan-network trans-Ewropew tat-trasport b'tali mod li jiġu indirizzati l-konġestjonijiet ***u l-piż amministrattiv***, jissaħħu l-konnessjonijiet transfruntiera***, b'mod partikolari għall-ferroviji,*** u jittejbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà. Jenħtieġ li dawn jikkontribwixxu għal koeżjoni permezz ta' kooperazzjoni territorjali mtejba***, inkluż ma' pajjiżi ġirien***. Jenħtieġ li dawn jindirizzaw ukoll objettivi usa' tal-politika tat-trasport u jiffaċilitaw l-interoperabbiltà, l-integrazzjoni modali u l-operazzjonijiet multimodali. L-approċċ tal-kurituri jenħtieġ li jkun trasparenti u ċar u jenħtieġ li l-ġestjoni ta' tali kurituri ma toħloqx piżijiet jew kostijiet amministrattivi addizzjonali. ***Jenħtieġ li l-Kurituri tat-Trasport Ewropej jinkoraġġixxu wkoll l-istabbiliment ta' strutturi ta' ġestjoni integrati, inklużi impriżi konġunti, bil-għan li jaċċelleraw l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' infrastruttura transfruntiera.*** |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 67**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (67) Bi qbil mal-Istat Membru kkonċernat, jenħtieġ li l-Koordinaturi Ewropej jiffaċilitaw l-implimentazzjoni kkoordinata tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport u taż-żewġ prijoritajiet orizzontali, l-ERTMS u l-Ispazju Marittimu Ewropew. Jenħtieġ li dawn jiffaċilitaw il-miżuri biex titfassal l-istruttura ta' governanza t-tajba u biex jiġu identifikati l-investimenti ta' prijorità tul il- | (67) Bi qbil mal-Istat Membru kkonċernat, ***u wara konsultazzjoni mal-istati ġirien ikkonċernati,*** jenħtieġ li l-Koordinaturi Ewropej jiffaċilitaw l-implimentazzjoni kkoordinata tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport u taż-żewġ prijoritajiet orizzontali, l-ERTMS u l-Ispazju Marittimu Ewropew. Jenħtieġ li dawn jiffaċilitaw il-miżuri biex titfassal l-istruttura ta' governanza t-tajba u biex jiġu |

| | |
|---|---|
| Kurituri Ewropej tat-Trasport u ż-żewġ prijoritajiet orizzontali. | identifikati l-investimenti ta' prijorità tul il-Kurituri Ewropej tat-Trasport u ż-żewġ prijoritajiet orizzontali. |

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 69**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (69) Il-pjanijiet ta' ħidma tal-Koordinaturi Ewropej jenħtieġ li jintużaw biex ***tiġi promossa*** l-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, ***biex tissaħħaħ il-komplementarjetà*** mal-azzjonijiet ***mill-Istati Membri*** u ***mill-maniġers*** tal-infrastruttura u**,** b'mod partikolari**,** ***biex jiġu stabbiliti*** l-objettivi intermedji u l-prijoritajiet għall-investimenti. Abbażi tal-pjanijiet ta' ħidma, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-prijoritajiet għall-ippjanar tal-infrastruttura u għall-finanzjament. | (69) Il-pjanijiet ta' ħidma tal-Koordinaturi Ewropej jenħtieġ li jintużaw biex ***jippromwovu*** l-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, ***inkluż, fejn xieraq, partijiet ikkonċernati rilevanti minn pajjiżi ġirien. Jenħtieġ li jsaħħu l-komplementarjetà*** mal-azzjonijiet ***tal-awtoritajiet pubbliċi*** u ***tal-maniġers*** tal-infrastruttura u b'mod partikolari ***jistabbilixxu l-istadji*** l-objettivi intermedji u l-prijoritajiet għall-investimenti. Abbażi tal-pjanijiet ta' ħidma, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-prijoritajiet għall-ippjanar tal-infrastruttura u għall-finanzjament ***fl-Istati Membri. Il-finanzjament mill-Unjoni ma jistax jingħata jekk il-prijoritajiet stabbiliti fil-livell Ewropew ma jiġux rispettati***. |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 69a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(69a) Sabiex jiġu evitati assi mhux rekuperabbli fl-Istati Membri, minħabba dewmien sinifikanti fuq il-proġetti tat-TEN-T fil-pajjiżi ġirien, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-ippjanar, il-bidu u t-tlestija tal-ħidma tal-proġetti fuq in-networks, kif stabbilit fl-atti ta' implimentazzjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tissottometti r-rapporti annwali*** |

| | |
|---|---|
| | ***lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali. Fil-każ ta' dewmien sinifikanti, jiġifieri dewmien ta' aktar minn sentejn, jenħtieġ li minnufih il-Kummissjoni tiftaħ proċeduri ta' ksur.*** |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 69b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(69b) Il-Koordinatur Ewropew jista' jikkoopera mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, bħall-Komunità tat-Trasport stabbilita taħt it-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport[1a] fil-qasam tat-trasport bit-triq, ferrovjarju, bil-passaġġi fuq l-ilma interni u marittimu, kif ukoll l-iżvilupp tan-network tat-trasport bejn l-Unjoni Ewropea u l-Partijiet fix-Xlokk tal-Ewropa.***<br>__________________<br>***[1a] ĠU L 278, 27.10.2017, p. 3.*** |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 69c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(69c) Abbażi tal-pjanijiet ta' ħidma, jenħtieġ li l-Unjoni tkun tista' tikkonkludi wkoll ftehimiet ta' livell għoli mal-pajjiżi ġirien ikkonċernati, billi jiġu stabbiliti l-prijoritajiet għall-ippjanar tal-infrastruttura u għall-finanzjament fit-territorju tagħhom.*** |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 70**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (70) Il-bażi teknika tal-mapep li jispeċifikaw in-network trans-Ewropew tat-trasport hija pprovduta mis-sistema interattiva ta' informazzjoni ġeografika u teknika għan-network trans-Ewropew tat-trasport (TENtec). | (70) Il-bażi teknika tal-mapep li jispeċifikaw in-network trans-Ewropew tat-trasport hija pprovduta mis-sistema interattiva ta' informazzjoni ġeografika u teknika għan-network trans-Ewropew tat-trasport (TENtec)***, tipprovdi l-bażi teknika tal-mapep li jirriflettu l-evoluzzjoni tan-network Ewropew tat-trasport bil-ħsieb li jinkisbu l-għanijiet finali korrispondenti riflessi fl-Anness I u fil-listi tal-Anness II ta' dan ir-Regolament***. |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 70a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(70a) Il-mobbiltà militari għandha l-għan li tarmonizza r-regoli fl-Istati Membri kollha u li tesplora l-potenzjal ta' approċċ ċivili-militari ("użu doppju") għall-iżvilupp tal-infrastruttura sabiex jissaħħu d-difiża u r-reżiljenza tal-Unjoni.*** |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 71a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(71a) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kkonfermat il-ħtieġa urġenti li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li ċċaqlaq il-forzi militari fuq l-iskala u l-ħeffa meħtieġa u li żżid l-isforzi biex tissaħħaħ sostanzjalment il-mobbiltà militari. Kif enfasizzat mill-"Boxxla Strateġika tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża" adottata mill-Kunsill fl-21 ta' Marzu 2022 - għal Unjoni Ewropea li tipproteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-*** |

***interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali - jeħtieġ li l-Unjoni ssaħħaħ l-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju fin-network trans-Ewropew tat-trasport kollu sabiex tippromwovi l-moviment rapidu u bla xkiel ta' persunal, materjal u tagħmir militari għall-iskjeramenti u l-eżerċizzji operattivi, inkluż it-trasport umanitarju, u biex tnaqqas b'mod sostanzjali l-burokrazija permezz ta' proċeduri amministrattivi simplifikati u uniformi, speċjalment għal rekwiżiti tad-dwana. Hemm baġit iddedikat għal proġetti ta' infrastruttura tat-trasport b'użu doppju taħt l-FNE għall-perjodu 2021-2027 (FNE II). Madankollu, l-allokazzjoni baġitarja limitata għall-Mobbiltà Militari, li tirrappreżenta baġit ta' EUR 1,69 biljun, kif adottata fl-2020, jenħtieġ li tiżdied b'mod sostanzjali u rapidu sabiex in-network TEN-T jiġi adattat għax-xenarju ġeopolitiku l-ġdid u jittejjeb l-użu doppju ċivili u tad-difiża madwar l-Unjoni.***

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 72**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (72) Sabiex tiġi massimizzata l-konsistenza bejn il-linji gwida u l-programmazzjoni tal-istrumenti finanzjarji rilevanti disponibbli fil-livell tal-Unjoni, il-finanzjament tan-network trans-Ewropew tat-trasport jenħtieġ li jkun konformi ma' dan ir-Regolament u jkun ibbażat, b'mod partikolari, fuq ir-Regolament (UE) Nru 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-finanzjament tan-network jibni wkoll fuq il-fondi u l-istrumenti ta' finanzjament ipprovduti skont xi dritt tal-Unjoni ieħor, inklużi InvestEU, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Politika ta' Koeżjoni, | (72) Sabiex tiġi massimizzata l-konsistenza bejn il-linji gwida u l-programmazzjoni tal-istrumenti finanzjarji rilevanti disponibbli fil-livell tal-Unjoni, il-finanzjament tan-network trans-Ewropew tat-trasport jenħtieġ li jkun konformi ma' dan ir-Regolament u jkun ibbażat, b'mod partikolari, fuq ir-Regolament (UE) Nru 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-finanzjament tan-network jibni wkoll fuq il-fondi u l-istrumenti ta' finanzjament ipprovduti skont xi dritt tal-Unjoni ieħor, inklużi InvestEU, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Politika ta' Koeżjoni, |

| | |
|---|---|
| Orizzont Ewropa u strumenti ta' finanzjament oħrajn stabbiliti mill-Bank Ewropew tal-Investiment. Sabiex ikun possibbli l-finanzjament ta' proġetti ta' interess komuni, ir-referenzi għal "pjattaformi loġistiċi multimodali", "awtostradi tal-baħar" u "applikazzjonijiet telematiċi" fir-Regolament (UE) 2021/1153 jenħtieġ li jiġu interpretati, rispettivament, bħala referenzi għal "terminals multimodali tal-merkanzija", "Spazju Marittimu Ewropew" u "Sistemi tal-ICT għat-trasport" kif definiti f'dan ir-Regolament. Għall-istess skop, jenħtieġ li r-referenzi għal "network ***ewlieni"*** fir-Regolament (UE) 2021/1153 jinftiehmu bħala li jinkludu "network ewlieni estiż" kif definit f'dan ir-Regolament. | Orizzont Ewropa***, il-Fond għall-Innovazzjoni,*** u strumenti ta' finanzjament oħrajn stabbiliti mill-Bank Ewropew tal-Investiment. Sabiex ikun possibbli l-finanzjament ta' proġetti ta' interess komuni, ir-referenzi għal "pjattaformi loġistiċi multimodali", "awtostradi tal-baħar" u "applikazzjonijiet telematiċi" fir-Regolament (UE) 2021/1153 jenħtieġ li jiġu interpretati, rispettivament, bħala referenzi għal "terminals multimodali tal-merkanzija", "Spazju Marittimu Ewropew" u "Sistemi tal-ICT għat-trasport" kif definiti f'dan ir-Regolament. Għall-istess skop, jenħtieġ li r-referenzi għal "network ***komprensiv"*** fir-Regolament (UE) 2021/1153 jinftiehmu bħala li jinkludu "network ewlieni estiż" kif definit f'dan ir-Regolament***, ħlief jekk Stat Membru jkun diġà kkompleta n-network ewlieni tiegħu***. |
| [29] Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38). | [29] Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38). |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 73a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(73a) Il-baġit attwali tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2021-2027 (FNE II) wera li kien insuffiċjenti minħabba l-ħtiġijiet li qed jiżdiedu tas-settur tat-trasport u l-kuntest ġeopolitiku l-ġdid kif ukoll ir-rekwiżiti tal-infrastruttura tat-TEN-T imtejba. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jesploraw opportunitajiet ġodda ta' finanzjament u jippjanaw programm suċċessur ambizzjuż*** |

| | |
|---|---|
| | ***għall-FNE II għall-QFP wara l-2027, b'finanzjament imsaħħaħ. Jenħtieġ li din il-FNE III tiġi ffinanzjata kif xieraq u tiżdied b'mod sinifikanti, u tinkludi pakkett iddedikat għat-"trasport estern" sabiex tiżdied il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi f'termini ta' proġetti transfruntiera u l-użu tal-infrastruttura.*** |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 73b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(73b) Baġit u riżorsi akbar jenħtieġ li wkoll ikunu riflessi u proporzjonali għaż-żieda fil-kompetenzi u r-rwoli tal-aġenziji Ewropej rilevanti, inkluża l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea.*** |

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 73c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(73c) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-Koordinaturi Ewropej ikollhom biżżejjed riżorsi u appoġġ biex iwettqu l-kompiti preskritti lilhom f'din il-leġiżlazzjoni: B'mod partikolari b'ambitu akbar tar-rwoli tal-koordinaturi u r-responsabbiltajiet transfruntiera tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni talloka baġit u persunal suffiċjenti lill-Koordinaturi Ewropej.*** |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 74a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(74a) L-inklużjoni ta' nodi tat-trasport (portijiet, ajruporti, u nodi urbani) fl-Annessi I u II tinvolvi l-applikazzjoni ta' atti legali oħra tal-UE. Sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali u biex ikun jista' jsir ippjanar strateġiku fit-tul, huwa essenzjali li n-network jinżamm kemm jista' jkun stabbli u li jiġu evitati l-esklużjonijiet, billi jitqies il-valur miżjud Ewropew tagħhom għas-suq intern u r-rilevanza ġeostrateġika tagħhom għad-difiża tal-Unjoni.*** |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 77**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (77) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-livelli tal-ilma ta' referenza u r-rekwiżiti minimi għal kull baċir idrografiku (status tajjeb ta' navigazzjoni), li jiddefinixxu entità waħda għall-kostruzzjoni u l-ġestjoni ta' proġetti ta' infrastruttura transfruntiera ta' interess komuni, li jistabbilixxu metodoloġija għad-data dwar il-mobbiltà urbana li għandha tinġabar mill-Istati Membri u atti ta' implimentazzjoni għal kull pjan ta' ħidma tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport u ż-żewġ prijoritajiet orizzontali, kif ukoll għall-implimentazzjoni ta' sezzjonijiet speċifiċi tal-Kuritur Ewropew tat-Trasport jew għall-implimentazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi tal-infrastruttura tat-trasport tal-Kuritur Ewropew tat-Trasport jew tal-prijoritajiet orizzontali. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal- | (77) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-livelli tal-ilma ta' referenza u r-rekwiżiti minimi għal kull ***kuritur, kull*** baċir idrografiku ***jew kull sezzjoni ta' passaġġ fuq l-ilma intern*** (status tajjeb ta' navigazzjoni), li jiddefinixxu entità waħda għall-kostruzzjoni u l-ġestjoni ta' proġetti ta' infrastruttura transfruntiera ta' interess komuni, li jistabbilixxu metodoloġija għad-data dwar il-mobbiltà urbana li għandha tinġabar mill-Istati Membri u atti ta' implimentazzjoni għal kull pjan ta' ħidma tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport u ż-żewġ prijoritajiet orizzontali, kif ukoll għall-implimentazzjoni ta' sezzjonijiet speċifiċi tal-Kuritur Ewropew tat-Trasport jew għall-implimentazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi tal-infrastruttura tat-trasport tal-Kuritur Ewropew tat-Trasport jew tal-prijoritajiet orizzontali. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar- |

| | |
|---|---|
| Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32]. | Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32]. |
| [32] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13). | [32] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13). |

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament japplika għan-network trans-Ewropew tat-trasport kif muri fuq il-mapep stabbiliti fl-Anness I. In-network trans-Ewropew tat-trasport jinkludi l-infrastruttura tat-trasport, inklużi l-infrastruttura ***għall-varar*** ta' fjuwils alternattivi***, is-sistemi*** tal-ICT għat-trasport***, kif ukoll miżuri li jippromwovu l-ġestjoni*** u ***l-użu effiċjenti ta' tali infrastruttura*** u ***li jippermettu l-istabbiliment*** u ***l-operat ta' servizzi tat-trasport sostenibbli u effiċjenti***. | 1. Dan ir-Regolament japplika għan-network trans-Ewropew tat-trasport kif muri fuq il-mapep stabbiliti fl-Anness I. In-network trans-Ewropew tat-trasport jinkludi l-infrastruttura tat-trasport, inklużi l-infrastruttura ***għall-introduzzjoni*** ta' fjuwils alternattivi ***u s-sistemi*** tal-ICT għat-trasport ***f'konformità mad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew*** u ***tal-Kunsill***[1a] u ***d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew*** u ***tal-Kunsill, rispettivament***. |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) "konġestjoni" tfisser ostaklu fiżiku, tekniku, funzjonali, operattiv jew amministrattiv li jwassal għal interruzzjoni tas-sistema ***li taffettwa l-kontinwità tal-flussi*** fuq distanzi twal jew transfruntiera; | (e) "konġestjoni" tfisser ostaklu fiżiku, tekniku, funzjonali, operattiv jew amministrattiv li jwassal għal interruzzjoni tas-sistema***, konġestjoni jew waqfien fiż-żewġ direzzjonijiet tat-traffiku jew interruzzjonijiet rikorrenti ta' flussi*** fuq distanzi twal jew transfruntiera; |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) "nodu urban" tfisser żona urbana fejn l-elementi tal-infrastruttura tat-trasport tan-network trans-Ewropew tat-trasport, bħal portijiet, inklużi terminals tal-passiġġieri, ajruporti, stazzjonijiet ferrovjarji, terminals tal-karozzi tal-linja, ***pjattaformi*** u faċilitajiet ***loġistiċi*** u terminals tal-merkanzija, li jinsabu fiż-żona urbana u madwarha, huma konnessi ma' elementi oħrajn ta' dik l-infrastruttura u mal-infrastruttura għat-traffiku reġjonali u ***lokali***; | (f) "nodu urban" tfisser żona urbana ***funzjonali*** fejn l-elementi tal-infrastruttura tat-trasport tan-network trans-Ewropew tat-trasport, bħal portijiet, inklużi terminals tal-passiġġieri, ajruporti, stazzjonijiet ferrovjarji, terminals tal-karozzi tal-linja, ***infrastruttura għal modi attivi, ċentri*** u faċilitajiet ***multimodali tal-merkanzija, turnaround terminals ferrovjarji*** u terminals tal-merkanzija, li jinsabu fiż-żona urbana u madwarha, huma konnessi ma' elementi oħrajn ta' dik l-infrastruttura u mal-infrastruttura għat-traffiku reġjonali***,*** ***lokali*** u ***urban tal-passiġġieri u tal-merkanzija***; |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt k**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (k) "interoperabbiltà" tfisser il-kapaċità, inklużi l-kundizzjonijiet regolatorji, tekniċi u operattivi kollha, tal-infrastruttura, inkluża l-infrastruttura diġitali f'mod jew segment ta' trasport, ***li*** tippermetti flussi ta' traffiku u informazzjoni sikuri u mingħajr interruzzjonijiet li jiksbu l-livelli ta' prestazzjoni meħtieġa għal dak il-mod jew is-segment tal-infrastruttura; | (k) "interoperabbiltà" tfisser il-kapaċità, inklużi l-kundizzjonijiet regolatorji, tekniċi***, amministrattivi*** u operattivi kollha, tal-infrastruttura, inkluża l-infrastruttura diġitali f'mod jew segment ta' trasport, ***kif ukoll bejn il-modi differenti, sabiex*** tippermetti flussi ta' traffiku u informazzjoni sikuri u mingħajr interruzzjonijiet li jiksbu l-livelli ta' prestazzjoni meħtieġa għal dak il-mod jew is-segment tal-infrastruttura; |

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt l**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (l) "ċentru multimodali tal-passiġġieri" tfisser punt ta' konnessjoni bejn mill-inqas żewġ modi ta' trasport għall-passiġġieri, fejn jiġu żgurati l-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar, l-aċċess għat-trasport pubbliku u t-trasferimenti bejn il-modi, inklużi l-istazzjonijiet tal-Park and Ride u l-modi attivi, u li jaġixxu bħala interfaċċa bejn in-nodi urbani u n-networks tat-trasport fuq distanzi itwal; | (l) "ċentru multimodali tal-passiġġieri" tfisser punt ta' konnessjoni bejn mill-inqas żewġ modi ta' trasport għall-passiġġieri, fejn jiġu żgurati l-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar, l-aċċess għat-trasport pubbliku u t-trasferimenti bejn il-modi, inklużi l-istazzjonijiet tal-Park and Ride u l-modi attivi, u li jaġixxu bħala interfaċċa ***fi ħdan u*** bejn in-nodi urbani u n-networks tat-trasport fuq distanzi itwal; |

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt m**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (m) "terminal multimodali tal-merkanzija" tfisser struttura mgħammra għat-trażbord bejn mill-inqas żewġ modi ta' trasport jew bejn żewġ sistemi ferrovjarji differenti, u għall-ħżin temporanju tal-merkanzija, bħat-terminals fil-portijiet interni jew marittimi, tul il-passaġġi fuq l-ilma interni, fl-ajruporti, kif ukoll fit-terminals stradali-ferrovjarji, inklużi l-pjattaformi loġistiċi multimodali msemmija fir-Regolament (UE) 2021/1153; | (m) "terminal multimodali tal-merkanzija" tfisser struttura mgħammra għat-trażbord bejn mill-inqas żewġ modi ta' trasport jew bejn żewġ sistemi ferrovjarji ***jew tal-barkuni*** differenti, u għall-ħżin temporanju tal-merkanzija, bħat-terminals fil-portijiet interni jew marittimi, tul il-passaġġi fuq l-ilma interni, fl-ajruporti, kif ukoll fit-terminals stradali-ferrovjarji, inklużi l-pjattaformi loġistiċi multimodali msemmija fir-Regolament (UE) 2021/1153; |

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt n**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(n) "pjattaforma loġistika" tfisser żona li hija konnessa direttament mal-infrastruttura tat-trasport tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li tinkludi*** | ***imħassar*** |

***mill-inqas terminal wieħed tal-merkanzija u li tippermetti li jitwettqu attivitajiet ta' loġistika;***

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt p**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (p) "modi attivi" tfisser it-trasport ta' nies jew merkanzija, permezz ta' mezzi mhux motorizzati, abbażi ta' attività fiżika umana; | (p) "modi attivi" tfisser it-trasport ta' nies jew merkanzija, permezz ta' mezzi mhux motorizzati, abbażi ta' attività fiżika umana ***jew b'taħlita ta' enerġija elettrika bil-mutur u tal-bniedem***; |

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt q**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (q) "sistemi tal-ICT għat-trasport" tfisser sistemi u applikazzjonijiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni, tal-komunikazzjoni, tan-navigazzjoni jew tal-pożizzjonament/lokalizzazzjoni, li jippermettu l-ipproċessar, il-ħżin u l-iskambju tad-data u l-informazzjoni meħtieġa għall-ġestjoni effettiva tal-infrastruttura, tal-mobbiltà u tat-traffiku fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport, għar-rapportar tal-informazzjoni rilevanti lill-awtoritajiet u għall-forniment ta' servizzi ta' valur miżjud liċ-ċittadini, lill-ispedituri u lill-operaturi, inklużi sistemi għall-użu reżiljenti, sikur, sigur, ambjentalment korrett u effiċjenti fil-kapaċità tan-network. Dawn jinkludu s-sistemi, it-teknoloġiji u s-servizzi msemmija fil-punti minn (r) sa (x) u jistgħu jinkludu wkoll apparati abbord b'komponenti tal-infrastruttura | (q) "sistemi tal-ICT għat-trasport" tfisser sistemi u applikazzjonijiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni, tal-komunikazzjoni, tan-navigazzjoni jew ***teknoloġiji*** tal-pożizzjonament/lokalizzazzjoni***, inklużi tekonoloġiji bbażati fl-ispazju***, li jippermettu l-ipproċessar, il-ħżin u l-iskambju tad-data u l-informazzjoni meħtieġa għall-ġestjoni effettiva tal-infrastruttura, tal-mobbiltà u tat-traffiku fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport, għar-rapportar tal-informazzjoni rilevanti lill-awtoritajiet u għall-forniment ta' servizzi ta' valur miżjud liċ-ċittadini, lill-ispedituri u lill-operaturi, inklużi sistemi għall-użu reżiljenti, sikur, sigur, ambjentalment korrett u effiċjenti fil-kapaċità tan-network. Dawn jinkludu s-sistemi, it-teknoloġiji u s-servizzi msemmija fil-punti minn (r) sa (x) u jistgħu jinkludu wkoll apparati abbord |

| | |
|---|---|
| korrispondenti; | b'komponenti tal-infrastruttura korrispondenti; |

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt v**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (v) ***"Sistema ta' Ġestjoni*** tat-Traffiku tal-Ajru ***/ Servizzi tan-Navigazzjoni tal-Ajru"*** (***Sistema*** ATM***/ANS***) tfisser ***sistemi*** u ***kostitwenti użati għall-forniment ta'*** servizzi ***ta'*** ġestjoni tat-traffiku tal-ajru ***jew servizzi tan-navigazzjoni*** tal-ajru***, jew it-tnejn li huma***; | (v) ***"Ġestjoni*** tat-Traffiku tal-Ajru (ATM)***"*** tfisser ***l-aggregazzjoni tal-funzjonijiet*** u ***tas-servizzi fl-ajru, ibbażati fl-art u bbażati fl-ispazju (***servizzi ***tat-traffiku tal-ajru, ġestjoni tal-ispazju tal-ajru, u*** ġestjoni ***tal-fluss*** tat-traffiku tal-ajru***) meħtieġa biex ikun żgurat il-moviment sikur u effiċjenti tal-inġenji*** tal-ajru ***tul il-fażijiet kollha tal-operazzjonijiet***; |

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt w**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (w) "Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju" (***'***European Rail Traffic Management System***'*** - ERTMS) tfisser is-sistema definita fil-punt 2.2 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919[38]; | (w) "Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju" (***"***European Rail Traffic Management System***"*** - ERTMS) tfisser is-sistema definita fil-punt 2.2 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919[38]***, u fil-kuntest tal-iskadenzi ta' implimentazzjoni, tirreferi għall-żewġ partijiet tal-ERTMS eżistenti: ETCS u GSM-R/GPRS/FRMCS***; |
| [38] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-"kontroll-kmand u sinjalazzjoni" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 158, 15.6.2016, p. 1). | [38] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-"kontroll-kmand u sinjalazzjoni" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 158, 15.6.2016, p. 1). |

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt x**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (x) "ERTMS ibbażata fuq ir-radju" tfisser ***ERTMS tal-livell*** 2 jew ***tal-livell*** 3 li tuża r-radju biex ***tittrażmetti messaġġi mill-awtoritajiet tal-moviment lill-ferrovija*** skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919[39]; | (x) "ERTMS ibbażata fuq ir-radju" tfisser ***l-applikazzjoni ETCS tas-sistema ta' kontroll tal-ferroviji bbażata fuq ir-radju, livell*** 2 jew ***livell*** 3, li ***tista' tintuża ma' sistema tal-klassi B jew mingħajrha u b'sinjali u użi ta' maġenb il-binarji jew mingħajrhom u*** tuża r-radju ***(GSM-R/GPRS/FRMCS)*** biex ***tgħaddi l-iskambju kollu ta' data relatata mas-sikurezza u mhux relatata mas-sikurezza bejn il-binarji u l-ferroviji*** skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE)2016/919[39]; |
| [39] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-"kontroll-kmand u sinjalazzjoni" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 158, 15.6.2016, p. 1). | [39] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-"kontroll-kmand u sinjalazzjoni" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 158, 15.6.2016, p. 1). |

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ya (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ya) "xmara ġierja" tfisser xmara li jkun fiha l-konnettività tal-ilma, is-sediment, in-nutrijenti, il-materja u l-organiżmi fis-sistema tax-xmara u mal-pajsaġġi tal-madwar, fl-erba' dimensjonijiet kollha li ġejjin: lonġitudinali (il-konnettività bejn iż-żewġ direzzjonijiet, jiġifieri kontra l-fluss tal-ilma u mal-fluss tal-ilma); laterali (il-konnettività maż-żoni tal-pjanuri tal-għargħar u maż-żoni riparji); vertikali (il-konnettività mal-ilma ta' taħt*** |

| | |
|---|---|
| | ***l-art u mal-atmosfera); u temporali (il-konnettività bbażata fuq l-istaġjonalità tal-flussi);*** |

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt z**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (z) “port marittimu” tfisser żona ta’ art u ilma msawra minn tali infrastruttura u tagħmir li jippermettu, prinċipalment, l-akkoljenza ta’ bastimenti ***tat-trasport fuq l-ilma***, it-tagħbija u l-ħatt tagħhom, il-ħżin ta’ merkanzija, il-wasla u l-kunsinna ta’ dik il-merkanzija u l-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri, tal-ekwipaġġ u ta’ persuni oħrajn u kwalunkwe infrastruttura oħra meħtieġa għall-operaturi tat-trasport fiż-żona tal-port; | (z) “port marittimu” tfisser żona ta’ art u ilma msawra minn tali infrastruttura u tagħmir li jippermettu, prinċipalment, l-akkoljenza ta’ bastimenti ***li jbaħħru***, it-tagħbija u l-ħatt tagħhom, il-ħżin ta’ merkanzija, il-wasla u l-kunsinna ta’ dik il-merkanzija u l-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri, tal-ekwipaġġ u ta’ persuni oħrajn u kwalunkwe infrastruttura oħra meħtieġa għall-operaturi tat-trasport fiż-żona tal-port; |

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**
**"Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt aa**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (aa) “trasport marittimu fuq distanzi qosra” tfisser il-moviment ta’ merkanzija u passiġġieri bil-baħar bejn portijiet li jinsabu fl-ilmijiet ġeografiċi ***tal-Istati*** Membri jew bejn port li jinsab fl-ilmijiet tal-Istati Membri u port li jinsab fl-ilmijiet ta’ pajjiż terz ġar li jkollu kosta fuq l-ibħra ***magħluqa*** li jmissu ***mal-ilmijiet tal-Unjoni***; | (aa) “trasport marittimu fuq distanzi qosra” tfisser il-moviment ta’ merkanzija u passiġġieri bil-baħar bejn portijiet li jinsabu fl-ilmijiet ġeografiċi ***ta’ Stat Membru wieħed jew diversi Stati*** Membri jew bejn port li jinsab fl-ilmijiet tal-Istati Membri u port li jinsab fl-ilmijiet ta’ pajjiż terz ġar li jkollu kosta fuq l-ibħra li jmissu ***ma’ wieħed mill-Istati Membri jew ma’ diversi Stati Membri***; |

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt aa**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (aj) "manutenzjoni" tfisser attivitajiet li jridu jitwettqu regolarment**,** perjodikament ***jew f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza sabiex l-assi jkun jista' jintuża*** matul ***iċ-ċiklu tal-ħajja tas-servizz mistenni tiegħu bl-istess*** livell ta' ***servizz*** u sikurezza, f'konformità ma' dan ir-Regolament; | (aj) "manutenzjoni" tfisser attivitajiet ***u xogħlijiet*** li jridu jitwettqu regolarment ***jew*** perjodikament ***bl-intenzjoni li jinżammu l-kundizzjoni u l-kapaċità tal-infrastruttura eżistenti*** matul ***il-ħajja tagħha sabiex jiġi żgurat*** livell ***għoli*** ta' ***servizzi*** u sikurezza, f'konformità ma' dan ir-Regolament; |

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ana (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ana) "deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni tal-proġett" tfisser id-deċiżjoni jew sett ta' deċiżjonijiet, li jistgħu jkunu ta' natura amministrattiva, meħuda simultanjament jew suċċessivament minn awtorità jew minn awtoritajiet ta' Stat Membru, li ma jinkludux awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji ta' appell, skont sistema legali nazzjonali u liġi amministrattiva li jiddeterminaw jekk promotur ta' proġett huwiex intitolat jew le li jimplimenta l-proġett fiż-żona ġeografika kkonċernata fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni meħuda fil-kuntest ta' proċedura ta' appell amministrattiv jew ġudizzjarju f'konformità mad-Direttiva (UE) 2021/1187 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-"Direttiva dwar it-TEN-T Intelliġenti").*** |

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt anb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(anb) "awtorità deżinjata" tfisser l-*** |

***awtorità li hija l-punt ta' kuntatt għall-promotur tal-proġett u li tiffaċilita l-ipproċessar effiċjenti u strutturat tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi f'konformità mad-Direttiva (UE) 2021/1187 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-"Direttiva dwar TEN-T Intelliġenti").***

**Emenda 108**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt anc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(anc) "infrastruttura kritika" tfisser assi, sistema jew parti minnhom użati għal finijiet ta' trasport u li jinsabu fi Stati Membri li huma essenzjali għaż-żamma ta' funzjonijiet vitali tas-soċjetà, is-saħħa, is-sikurezza, is-sigurtà, id-difiża, il-benesseri ekonomiku jew soċjali tan-nies, u li t-tfixkil jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt sinifikanti fi Stat Membru b'riżultat tan-nuqqas ta' żamma ta' dawk il-funzjonijiet;*** |

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt and (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(and) "EuroVelo" tfisser in-network Ewropew ta' rotot għaċ-ċikliżmu fuq distanzi twal li jaqsmu u jgħaqqdu l-kontinent Ewropew, inklużi s-17-il rotta tal-Eurovelo fin-network;*** |

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ane (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ane) “indiċi tal-konnettività tan-network” tfisser indiċi li jindika l-livell ta’ integrazzjoni miksub permezz tal-użu tas-servizzi fuq kull network tat-trasport u li juri l-potenzjal tagħhom, magħmul minn indiċijiet tal-konnettività ponderati għall-modi ewlenin tat-trasport li jidentifikaw il-konsistenza, il-kwalità, l-aċċess mhux diskriminatorju għall-parteċipanti kollha tas-suq, id-diversità tal-offerta, kif ukoll il-possibbiltajiet tal-intermodalità bejn il-modi tat-trasport.*** |

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt anf (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(anf) “dewmien sinifikanti” tfisser proġetti, standards operattivi u tekniċi fuq in-network ewlieni, estensiv u komprensiv li jdumu aktar minn sentejn b’relazzjoni mal-iskadenzi ta’ implimentazzjoni stabbiliti f’dan ir-Regolament, u fl-atti ta’ implimentazzjoni previsti fih;*** |

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. In-network trans-Ewropew tat-trasport għandu jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali tal-Unjoni u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta’ żona unika Ewropea tat-trasport li tkun sostenibbli, effiċjenti u reżiljenti u li żżid il-benefiċċji għall-utenti tagħha u tappoġġa t-tkabbir inklużiv. Huwa għandu juri valur miżjud Ewropew billi jikkontribwixxi | 2. In-network trans-Ewropew tat-trasport għandu jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali tal-Unjoni u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta’ żona unika Ewropea tat-trasport li tkun ***kompetittiva,*** sostenibbli, effiċjenti u reżiljenti u li żżid il-benefiċċji għall-utenti tagħha u tappoġġa t-tkabbir inklużiv. Huwa għandu juri valur miżjud Ewropew billi |

| | |
|---|---|
| għall-objettivi stipulati fl-erba' kategoriji li ġejjin: | jikkontribwixxi għall-objettivi stipulati fl-erba' kategoriji li ġejjin: |

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) il-promozzjoni ta' mobbiltà b'emissjonijiet żero f'konformità mal-miri rilevanti tal-Unjoni għat-tnaqqis tas-$CO_2$; | (i) il-promozzjoni ta' mobbiltà b'emissjonijiet żero ***u b'emissjonijiet baxxi*** f'konformità mal-miri rilevanti tal-Unjoni għat-tnaqqis tas-$CO_2$; |

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) l-iffaċilitar ta' użu akbar ta' modi ta' trasport aktar sostenibbli, inkluż permezz tal-iżvilupp ulterjuri ta' network ferrovjarju għat-trasport tal-passiġġieri fuq distanzi twal u b'veloċità għolja u network ferrovjarju interoperabbli bis-sħiħ għat-trasport tal-merkanzija, network affidabbli ta' passaġġi fuq l-ilma interni u ta' trasport marittimu fuq distanzi qosra madwar l-Unjoni; | (ii) l-iffaċilitar ta' użu akbar ta' modi ta' trasport aktar sostenibbli, inkluż permezz tal-iżvilupp ulterjuri ta' network ferrovjarju għat-trasport tal-passiġġieri fuq distanzi twal u b'veloċità għolja ***interoperabbli bis-sħiħ*** u network ferrovjarju interoperabbli bis-sħiħ għat-trasport tal-merkanzija, network affidabbli ta' passaġġi fuq l-ilma interni u ta' trasport marittimu fuq distanzi qosra ***għall-passiġġieri u għall-merkanzija*** madwar l-Unjoni; |

**Emenda 115**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a – punt iv**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iv) tnaqqis ***tal-kostijiet esterni***, inklużi dawk relatati mal-ambjent, is-saħħa, il-konġestjoni u l-aċċidenti; | (iv) tnaqqis ***ta' esternalitajiet negattivi***, inklużi dawk relatati mal-ambjent***, il-klima***, is-saħħa, il-konġestjoni u l-aċċidenti; |

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a – punt va (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(va) il-kontribut għall-introduzzjoni ta' teknoloġiji tad-dekarbonizzazzjoni, inkluż permezz ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u l-ottimizzazzjoni ta' sinerġiji mar-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a];*** |
| | ***[1a] Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45).*** |

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a – punt vb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(vb) il-promozzjoni ta' infrastruttura ta' modi attivi;*** |

**Emenda 118**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) aċċessibbiltà u konnettività tar-reġjuni kollha tal-Unjoni, ***inklużi reġjuni*** | (i) aċċessibbiltà u konnettività tar-reġjuni kollha tal-Unjoni, ***b'attenzjoni*** |

| | |
|---|---|
| ultraperiferiċi u reġjuni remoti, insulari, periferali u muntanjużi oħrajn, kif ukoll żoni skarsament popolati; | ***partikolari għar-reġjuni*** ultraperiferiċi u reġjuni remoti, insulari, periferali u muntanjużi oħrajn, kif ukoll żoni skarsament popolati; |

**Emenda 119**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) tnaqqis tal-lakuni fil-kwalità tal-infrastruttura bejn l-Istati Membri; | (ii) tnaqqis tal-lakuni fil-kwalità tal-infrastruttura ***filwaqt li tiżdied il-kapaċità tan-network fi ħdan u*** bejn l-Istati Membri; |

**Emenda 120**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) kemm għat-traffiku tal-passiġġieri kif ukoll għat-traffiku tal-merkanzija, koordinazzjoni u interkonnessjoni effiċjenti bejn l-infrastruttura tat-trasport, minn naħa waħda, għat-traffiku fuq distanzi twal u, min-naħa l-oħra, ***għas-servizzi tat-traffiku*** u ***tat-trasport reġjonali u lokali f'nodi*** urbani; | (iii) kemm għat-traffiku tal-passiġġieri kif ukoll għat-traffiku tal-merkanzija, koordinazzjoni u interkonnessjoni effiċjenti bejn l-infrastruttura tat-trasport, minn naħa waħda, għat-traffiku fuq distanzi twal u, min-naħa l-oħra, ***għat-traffiku reġjonali*** u ***lokali, sabiex jittejbu s-servizzi tat-trasport, inkluż fin-nodi*** urbani; |

**Emenda 121**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b – punt iva (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iva) Sistemi diġitali interoperabbli Ewropej għall-ġestjoni tan-networks tal-modi kollha tat-trasport;*** |

**Emenda 122**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b – punt ivb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ivb) żieda fl-indiċi tal-konnettività tan-network;*** |

**Emenda 123**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) it-tneħħija tal-konġestjonijiet fl-infrastruttura u l-ħolqien tal-konnessjonijiet neqsin, kemm fl-infrastrutturi tat-trasport, kif ukoll fil-punti ta' konnessjoni bejn dawn, fit-territorji tal-Istati Membri u ***bejniethom***; | (i) it-tneħħija tal-konġestjonijiet fl-infrastruttura u l-ħolqien tal-konnessjonijiet neqsin, kemm fl-infrastrutturi tat-trasport, kif ukoll fil-punti ta' konnessjoni bejn dawn, fit-territorji tal-Istati Membri***, bejn l-Istati Membri,*** u ***b'konnessjonijiet, fejn xieraq, ma' pajjiżi terzi ġirien***; |

**Emenda 124**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) l-interoperabbiltà tan-networks tat-trasport nazzjonali, reġjonali u lokali***;*** | (iii) l-interoperabbiltà tan-networks tat-trasport ***Ewropej,*** nazzjonali, reġjonali u lokali ***permezz ta' regoli u standards tekniċi u operattivi komuni Ewropej, rekwiżiti ta' tagħmir tekniku, ċertifikazzjoni tal-persunal, bħall-użu ta' lingwa unika mal-Unjoni kollha għat-trasport ferrovjarju transfruntier.*** |

**Emenda 125**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c – punt viia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(viia) l-ottimizzazzjoni tal-kapaċità tan-network ferrovjarju;*** |

**Emenda 126**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c – punt viib (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(viib) programmi ta' manutenzjoni kontinwa u effiċjenti;*** |

**Emenda 127**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c – punt viic (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(viic) koordinazzjoni akbar dwar xogħlijiet ta' infrastruttura bejn l-Istati Membri għal proġetti transfruntiera;*** |

**Emenda 128**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c – punt viid (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(viid) l-eliminazzjoni ta' sezzjonijiet ta' konġestjonijiet, b'mod partikolari għall-konnessjonijiet transfruntiera;*** |

**Emenda 129**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) l-iżgurar tal-aċċessibbiltà għall-ħtiġijiet ta' mobbiltà u trasport tal-utenti u l-issodisfar tagħhom, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-ħtiġijiet tal-persuni f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, inklużi l-persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa u n-nies li jgħixu f'reġjuni remoti, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer; | (i) l-iżgurar tal-aċċessibbiltà għall-ħtiġijiet ta' mobbiltà u trasport tal-utenti u l-issodisfar tagħhom, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-ħtiġijiet tal-persuni f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, inklużi l-persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa u n-nies li jgħixu f'reġjuni remoti, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer***, u f'żoni rurali u skarsament popolati, u b'hekk jiġi prevenut u mtaffi l-faqar tal-mobbiltà***; |

**Emenda 130**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) l-iżgurar ta' standards sikuri, siguri u ta' kwalità għolja, inkluża l-kwalità tas-servizzi lill-utenti, għat-trasport kemm tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija; | (ii) l-iżgurar ta' standards sikuri, siguri u ta' kwalità għolja, inkluża l-kwalità tas-servizzi lill-utenti, għat-trasport kemm tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija***, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin għall-ħaddiema***; |

**Emenda 131**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d – punt v**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (v) l-iżgurar tar-reżiljenza tal-infrastruttura, b'mod partikolari fuq sezzjonijiet transfruntiera; | (v) l-iżgurar tar-reżiljenza tal-infrastruttura, b'mod partikolari fuq sezzjonijiet transfruntiera ***u infrastruttura kritika***; |

**Emenda 132**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d – punt via (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(via) l-iżgurar, fejn rilevanti, tal-adattament ta' partijiet min-network trans-Ewropew tat-trasport għall-użu doppju tal-infrastruttura biex jiġu indirizzati kemm il-ħtiġijiet ċivili kif ukoll dawk tad-difiża, b'attenzjoni partikolari għar-rotot ewlenin ta' importanza ġeostrateġika għall-Unjoni;*** |

**Emenda 133**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d – punt vib (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(vib) appoġġ għall-mobbiltà bla xkiel fl-Unjoni permezz tal-implimentazzjoni u l-infurzar strett tal-istandards tekniċi u operattivi komuni tal-infrastruttura;*** |

**Emenda 134**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d – punt vic (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(vic) l-iżgurar ta' sistemi diġitali Ewropej komuni u interoperabbli għall-informazzjoni tal-passiġġieri u għall-koordinazzjoni tal-ħruġ ta' biljetti u tat-tċrasport tal-merkanzija;*** |

**Emenda 135**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d – punt vid (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(vid) l-iżgurar tal-forniment tad-data meħtieġa għall-ġestjoni diġitali tan-*** |

| | |
|---|---|
| | ***networks.*** |

**Emenda 136**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d – punt vie (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(vie) l-iżgurar ta' manutenzjoni adegwata li tiżgura l-kwalità tal-infrastruttura tat-trasport, u li timmassimizza l-valur taċ-ċiklu tal-ħajja għall-flus investiti fl-infrastruttura;*** |

**Emenda 137**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Network effiċjenti fir-riżorsi u l-ħarsien tal-ambjent | Network effiċjenti fir-riżorsi u ***reżiljenti u*** l-ħarsien tal-ambjent |

**Emenda 138**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' regoli komuni Ewropej għall-implimentazzjoni ta' proġetti komuni, speċjalment f'sezzjonijiet transfruntiera;*** |

**Emenda 139**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-ottimizzazzjoni tal-integrazzjoni u | (b) l-ottimizzazzjoni tal-integrazzjoni u |

| | |
|---|---|
| l-interkonnessjoni tal-infrastruttura; | l-interkonnessjoni tal-infrastruttura***, sabiex tiġi mrawma l-multimodalità***; |

**Emenda 140**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) il-kunsiderazzjoni ta' sinerġiji possibbli ma' networks oħrajn, b'mod partikolari networks trans-Ewropej tal-enerġija ***u/***jew tat-telekomunikazzjoni; | (f) il-kunsiderazzjoni ta' sinerġiji possibbli ma' networks oħrajn, ***inklużi modi attivi, u*** b'mod partikolari networks trans-Ewropej tal-enerġija jew tat-telekomunikazzjoni***, inkluża l-grilja elettrika kollha kemm hi, sabiex tiġi żgurata konsistenza bejn l-ippjanar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u l-ippjanar tal-grilja rispettiv. Sinerġiji man-network EuroVelo jew network identifikat fir-Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari tal-UE;*** |

**Emenda 141**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) l-iżvilupp ta' infrastruttura ekoloġika, sostenibbli u reżiljenti għall-klima ***mfassla*** biex timminimizza l-impatt negattiv fuq is-saħħa taċ-ċittadini li jgħixu madwar in-network, l-ambjent u d-degradazzjoni tal-ekosistemi; | (g) l-iżvilupp ta' infrastruttura ekoloġika, sostenibbli u reżiljenti għall-klima***, inkluża b'mod partikolari infrastruttura ddedikata għal modi attivi, imfassla*** biex timminimizza l-impatt negattiv fuq is-saħħa taċ-ċittadini li jgħixu madwar in-network, l-ambjent***, it-tniġġis tal-arja u akustiku,*** u d-degradazzjoni tal-ekosistemi; |

**Emenda 142**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) il-kunsiderazzjoni adegwata tar-reżiljenza tan-network tat-trasport u tal-infrastruttura tiegħu fir-rigward ta' klima li qed tinbidel, kif ukoll il-perikli naturali u d-diżastri kkawżati mill-bniedem, kif ukoll it-tfixkil intenzjonat bil-ħsieb li jiġu indirizzati dawk l-isfidi; | (h) il-kunsiderazzjoni adegwata tar-reżiljenza tan-network tat-trasport u tal-infrastruttura ***kritika*** tiegħu fir-rigward ta' klima li qed tinbidel, kif ukoll il-perikli naturali***, il-bidliet ġeopolitiċi*** u d-diżastri kkawżati mill-bniedem, kif ukoll it-tfixkil intenzjonat***, inkluż minn persuni fiżiċi jew impriżi minn pajjiżi terzi,*** bil-ħsieb li jiġu indirizzati dawk l-isfidi; ***Għandha tingħata kunsiderazzjoni partikolari lill-infrastruttura kritika, sabiex il-provvista tiġi żgurata fi żminijiet ta' tfixkil;*** |

**Emenda 143**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-valutazzjoni ambjentali tal-pjanijiet u tal-proġetti għandha titwettaq f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[49], mad-Direttivi 2000/60/KE[50], 2001/42/KE[51], 2002/49/KE[52], 2009/147/KE[53]u 2011/92/UE[54] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54]. Għall-proġetti ta' interess komuni li għalihom il-valutazzjoni ambjentali tkun għadha ma twettqitx fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li din tinkludi wkoll il-valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". | 3. Il-valutazzjoni ambjentali tal-pjanijiet u tal-proġetti għandha titwettaq f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[49], mad-Direttivi 2000/60/KE[50], 2001/42/KE[51], 2002/49/KE[52], 2009/147/KE[53] u 2011/92/UE[54] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54]. Għall-proġetti ta' interess komuni li għalihom il-valutazzjoni ambjentali tkun għadha ma twettqitx fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li din tinkludi wkoll il-valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". ***Dawk il-valutazzjonijiet ambjentali għandhom jitwettqu f'konformità stretta mal-perjodu ta' żmien massimu stabbilit fid-Direttiva dwar TEN-T Intelliġenti.*** |
| [49] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7). | [49] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7). |
| [50] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament | [50] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament |

| | |
|---|---|
| Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1). | Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1). |
| [51] Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30). | [51] Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30). |
| [52] Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali (ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12). | [52] Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali (ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12). |
| [53] Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7). | [53] Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7). |
| [54] Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1). | [54] Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1). |

**Emenda 144**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. In-network ewlieni u n-network ewlieni estiż għandhom jikkonsistu f'dawk il-partijiet tan-network trans-Ewropew tat-trasport li għandhom jiġu żviluppati bħala kwistjoni ta' prijorità sabiex jintlaħqu l-objettivi għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport. | 3. In-network ewlieni u n-network ewlieni estiż għandhom jikkonsistu f'dawk il-partijiet tan-network trans-Ewropew tat-trasport li għandhom jiġu żviluppati ***mill-Istati Membri*** bħala kwistjoni ta' prijorità sabiex jintlaħqu l-objettivi għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport. ***Sabiex l-Istati Membri jikkonformaw mal-iskadenzi kollha, għandhom jiżguraw li t-tlestija tan-network ewlieni jkollha prijorità fuq it-tlestija tan-network ewlieni estiż u n-network komprensiv;*** |

**Emenda 145**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fuq talba ta' Stat Membru jew tal-Istati Membri kkonċernati, f'każijiet debitament ġustifikati, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-Kummissjoni mir-rekwiżiti tal-punt (b), għal proġetti speċifiċi meqjusa essenzjali biex tiġi żgurata l-mobbiltà militari meħtieġa fl-Unjoni kollha f'konformità mal-Artikolu 47a ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 146**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Proġett ta' interess komuni jinkludi ċ-ċiklu kollu tiegħu, inklużi l-istudji ta' fattibbiltà u l-proċeduri ta' permess, il-kostruzzjoni, l-operat u l-evalwazzjoni. | 3. Proġett ta' interess komuni jinkludi ċ-ċiklu kollu tiegħu, inklużi l-istudji ta' fattibbiltà u l-proċeduri ta' permess, il-kostruzzjoni, l-operat ***(inkluża l-manutenzjoni)*** u l-evalwazzjoni. |

**Emenda 147**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-proġetti jitwettqu f'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti***, b'mod partikolari mal-atti legali tal-Unjoni dwar l-ambjent, il-protezzjoni tal-klima, is-sikurezza, is-sigurtà, il-kompetizzjoni, l-għajnuna mill-Istat, l-akkwist pubbliku, is-saħħa pubblika u l-aċċessibbiltà, kif ukoll il-leġiżlazzjoni dwar in-*** | 4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-proġetti jitwettqu f'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti. |

*nondiskriminazzjoni*.

**Emenda 148**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri permezz ta' att ta' implimentazzjoni biex jistabbilixxu entità unika għall-kostruzzjoni u ***l-ġestjoni*** ta' proġetti infrastrutturali transfruntiera ta' interess komuni. Il-Koordinatur Ewropew rilevanti għandu jkollu l-istatus ta' osservatur fil-bord maniġerjali jew superviżorju, jew fit-tnejn, ta' dik l-entità unika. | 5. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri permezz ta' att ta' implimentazzjoni biex jistabbilixxu entità unika ***għall-ippjanar,*** għall-kostruzzjoni u ***għall-ġestjoni*** ta' proġetti infrastrutturali transfruntiera ta' interess komuni. Il-Koordinatur Ewropew rilevanti għandu jkollu l-istatus ta' osservatur fil-bord maniġerjali jew superviżorju, jew fit-tnejn, ta' dik l-entità unika. |

**Emenda 149**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li ssir manutenzjoni tal-proġetti b'tali mod li jipprovdu l-istess livell ta' servizz u sikurezza, u jiżguraw kapaċità suffiċjenti matul il-ħajja kollha tagħhom.*** |

**Emenda 150**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 5b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-kontinwità fl-investiment għal proġett tat-trasport ta' interess komuni. F'każ li l-investiment jitwaqqaf jew jitnaqqas, l-*** |

*Istati Membri għandhom jiġġustifikaw id-deċiżjoni tagħhom, abbażi ta' analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u tal-benefiċċji, lill-Kummissjoni.*

**Emenda 151**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 - paragrafu 5c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5c. Fejn jeżistu proċeduri speċifiċi għall-għoti ta' permessi għal proġetti prijoritarji skont il-liġi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proġetti ta' interess komuni li huma parti min-network ewlieni jiġu ttrattati skont dawk il-proċeduri, fejn u bil-mod li tali trattament ikun previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għat-tipi korrispondenti ta' infrastruttura tat-trasport. Sabiex jiġu żgurati proċeduri amministrattivi effiċjenti relatati ma' proġetti ta' interess komuni, il-promoturi tal-proġetti u l-awtoritajiet kollha kkonċernati għandhom jiżguraw li jingħata l-aktar trattament rapidu legalment possibbli lil dawn il-proġetti.*** |

**Emenda 152**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 5d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5d. Sa ... [6 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, metodoloġija armonizzata għall-analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-proġetti ta' interess komuni msemmija fil-paragrafu 2 u fil-paragrafu 5b ta' dan l-Artikolu. Dik il-metodoloġija għandha tippermetti*** |

| | |
|---|---|
| | ***valutazzjoni trasparenti u komparattiva ta' proposti ta' proġetti differenti taħt valutazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja, inkluża l-prijoritizzazzjoni ta' proġetti f'termini ta' valur miżjud Ewropew, b'mod partikolari fir-rigward ta' sezzjonijiet transfruntiera, konnessjonijiet neqsin, punti ta' konnessjoni multimodali u konġestjonijiet.*** |

**Emenda 153**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jippromwovu l-estensjoni tal-politika tan-network trans-Ewropew tat-trasport f'pajjiżi terzi; | (a) jippromwovu l-estensjoni tal-politika tan-network trans-Ewropew tat-trasport f'pajjiżi terzi***, inkluż għall-introduzzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi***; |

**Emenda 154**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) jiffaċilitaw it-trasport marittimu u jippromwovu rotot tat-tbaħħir fuq distanzi qosra ma' pajjiżi terzi; | (e) jiffaċilitaw it-trasport marittimu u jippromwovu rotot tat-tbaħħir fuq distanzi qosra ma' pajjiżi terzi***, inklużi pajjiżi terzi li jinsabu direttament qrib ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni***; |

**Emenda 155**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) jiffaċilitaw it-trasport ferrovjarju ma' pajjiżi terzi;*** |

**Emenda 156**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2035 li jmiss, għandu jinħoloq pakkett baġitarju ddedikat għat-"trasport estern" fil-FNE III, sabiex tiżdied il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi f'termini ta' proġetti transfruntiera u l-introduzzjoni tal-infrastruttura. Dak il-pakkett finanzjarju ġdid għandu jkun mill-inqas 30 % tal-ammont tal-programm FNE attwali u għandu jiġi pprovdut taħt l-Intestatura 5 (Sigurtà u Difiża) u l-Intestatura 6 (Viċinat u d-dinja) tal-QFP.*** |

**Emenda 157**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. In-network ewlieni u n-network ewlieni estiż għandhom jikkonsistu f'dawk il-partijiet tan-network komprensiv li għandhom jiġu żviluppati bħala kwistjoni ta' prijorità biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Ir-referenzi għal ***"network ewlieni"*** fir-Regolament (UE) 2021/1153 għandhom jiġu interpretati bħala li jinkludu "network ewlieni estiż" kif definit f'dan ir-Regolament. Ir-referenzi għal "network ewlieni" fir-Regolament (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi] għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal "network ewlieni" kif definit f'dan ir-Regolament. Ir-referenzi għal "network komprensiv" fir-Regolament (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi] għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal "network | 2. In-network ewlieni u n-network ewlieni estiż għandhom jikkonsistu f'dawk il-partijiet tan-network komprensiv li għandhom jiġu żviluppati bħala kwistjoni ta' prijorità biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Ir-referenzi għal ***"network komprensiv"*** fir-Regolament (UE) 2021/1153 għandhom jiġu interpretati ***bħala li jinkludu "network ewlieni estiż" kif definit f'dan ir-Regolament, sakemm Stat Membru jkun diġà kkompleta n-network ewlieni tiegħu. Ladarba Stat Membru jkun ikkompleta n-network ewlieni tiegħu, ir-referenzi għal "network ewlieni" fir-Regolament (UE) 2021/1153 jinftiehmu bħala li jinkludu "network ewlieni estiż" kif definit f'dan ir-Regolament.*** Ir-referenzi għal "network ewlieni" fir-Regolament (UE) […] [dwar |

| | |
|---|---|
| ewlieni estiż" u "network komprensiv" kif definiti f'dan ir-Regolament. | il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi] għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal "network ewlieni" kif definit f'dan ir-Regolament. Ir-referenzi għal "network komprensiv" fir-Regolament (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi] għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal "network ewlieni estiż" u "network komprensiv" kif definiti f'dan ir-Regolament. |

**Emenda 158**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiġu żviluppati l-Kurituri Ewropej tat-Trasport sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, sal-31 ta' Diċembru 2030 għall-infrastruttura tagħhom li hija parti min-network ewlieni, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, u sal-31 ta' Diċembru 2040 għall-infrastruttura tagħhom li hija parti min-network ewlieni estiż, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. | 2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiġu żviluppati l-Kurituri Ewropej tat-Trasport sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, sal-31 ta' Diċembru 2030 għall-infrastruttura tagħhom li hija parti min-network ewlieni, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor ***f'dan ir-Regolament***, u sal-31 ta' Diċembru 2040 għall-infrastruttura tagħhom li hija parti min-network ewlieni estiż, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor ***f'dan ir-Regolament***. |

**Emenda 159**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) iż-żieda ***fl-attività*** tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri ta' modi ta' trasport aktar sostenibbli fid-dawl ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport; | (a) iż-żieda ***fis-sehem tal-attività*** tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri ta' modi ta' trasport aktar sostenibbli fid-dawl ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ***u t-tniġġis*** mit-trasport; |

**Emenda 160**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-iżgurar ta' aċċessibbiltà u konnettività mtejba għar-reġjuni kollha tal-Unjoni, filwaqt li titqies il-koeżjoni territorjali u soċjali, ***kif ukoll il-każ*** speċifiku tar-reġjuni ultraperiferiċi u ta' reġjuni remoti, insulari, periferali u muntanjużi oħrajn, kif ukoll ta' żoni skarsament popolati; | (b) l-iżgurar ta' aċċessibbiltà u konnettività mtejba għar-reġjuni kollha tal-Unjoni, filwaqt li titqies il-koeżjoni territorjali u soċjali, ***b'mod partikolari l-każ*** speċifiku tar-reġjuni ultraperiferiċi u ta' reġjuni remoti, insulari, periferali u muntanjużi oħrajn, kif ukoll ta' żoni skarsament popolati; |

**Emenda 161**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) il-ħolqien tal-konnessjonijiet neqsin u t-tneħħija tal-konġestjonijiet, b'mod partikolari ***fis-sezzjonijiet*** transfruntiera; | (d) il-ħolqien tal-konnessjonijiet neqsin u t-tneħħija tal-konġestjonijiet, b'mod partikolari ***fir-rigward ta' sezzjonijiet*** transfruntiera ***jew konnessjonijiet transfruntiera skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2021/1153***; |

**Emenda 162**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) il-varar tal-infrastruttura meħtieġa li tiżgura ċirkolazzjoni ***mingħajr*** xkiel ta' vetturi b'emissjonijiet żero; | (e) il-varar tal-infrastruttura meħtieġa li tiżgura ċirkolazzjoni ***bla*** xkiel ta' vetturi b'emissjonijiet żero ***u b'emissjonijiet baxxi, bastimenti u inġenji tal-ajru li jużaw fjuwils alternattivi kif definit fir-Regolament (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi]***; |

**Emenda 163**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) il-promozzjoni tal-użu effiċjenti u sostenibbli tal-infrastruttura u, fejn meħtieġ, iż-żieda fil-kapaċità; | (f) il-promozzjoni tal-użu effiċjenti***, bla xkiel*** u sostenibbli tal-infrastruttura u, fejn meħtieġ, iż-żieda fil-kapaċità; |

**Emenda 164**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) iż-żamma tal-infrastruttura eżistenti operattiva u ***t-titjib jew iż-żamma tal-kwalità*** tagħha f'termini ta' sikurezza, sigurtà, effiċjenza tas-sistema tat-trasport u l-operazzjonijiet tat-trasport, ir-reżiljenza għall-klima u għad-diżastri, il-prestazzjoni ambjentali, u l-kontinwità tal-flussi tat-traffiku; | (g) iż-żamma tal-infrastruttura eżistenti operattiva u ***l-ottimizzazzjoni, il-manutenzjoni, il-konsolidament u it-titjib fil-kwalità*** tagħha f'termini ta' sikurezza, sigurtà, effiċjenza tas-sistema tat-trasport u l-operazzjonijiet tat-trasport, ***ir-reżiljenza ta' infrastruttura kritika, kif ukoll*** ir-reżiljenza għall-klima u għad-diżastri, il-prestazzjoni ambjentali, u l-kontinwità tal-flussi tat-traffiku; |

**Emenda 165**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) it-titjib tal-kwalità tas-servizzi u tal-kundizzjonijiet soċjali għall-ħaddiema tat-trasport, l-aċċessibbiltà għall-utenti kollha, inklużi l-persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa u persuni oħrajn f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà; | (h) it-titjib tal-kwalità tas-servizzi u tal-kundizzjonijiet soċjali għall-ħaddiema tat-trasport, l-aċċessibbiltà għall-utenti kollha, inklużi l-persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa u persuni oħrajn f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà***, filwaqt li jiġi prevenut u mitigat il-faqar tal-mobbiltà***; |

**Emenda 166**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) l-iżgurar tal-implimentazzjoni u l-infurzar strett tal-istandards operattivi u tekniċi komuni;*** |

**Emenda 167**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) l-implimentazzjoni u l-varar ta' sistemi tal-ICT għat-trasport. | (i) l-implimentazzjoni u l-varar ta' sistemi tal-ICT għat-trasport ***u l-iffaċilitar tal-infurzar diġitali***. |

**Emenda 168**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) l-iżgurar li fuq il-kurituri tiġi riżervata kapaċità suffiċjenti għall-passiġġieri ferrovjarji u għall-merkanzija ferrovjarja, b'sehem ġust għal kull wieħed minnhom, wara l-integrazzjoni tal-Kurituri Ferrovjarji tal-Merkanzija fil-Kurituri Ewropej tat-Trasport;*** |

**Emenda 169**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt ib (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ib) it-tiftix ta' sinerġiji fil-modi kollha tat-trasport, inklużi l-modi attivi, u t-tneħħija tal-ostakli għal mobbiltà attiva meta l-infrastruttura tkun qed tiġi*** |

| | |
|---|---|
| | ***aġġornata jew tkun għadha kif inbniet;*** |

**Emenda 170**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt ic (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ic) l-adattament, fejn rilevanti, tal-infrastruttura għall-użu doppju sabiex jiġu indirizzati kemm il-ħtiġijiet ċivili kif ukoll dawk tad-difiża, b'attenzjoni partikolari għall-infrastruttura strateġika tal-Unjoni.*** |

**Emenda 171**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt id (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(id) l-aġġornament u, fejn rilevanti, il-bini ta' infrastruttura ġdida, b'mod partikolari biex tiżdied il-kapaċità għal modi ta' trasport aktar sostenibbli, f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (a) ta' dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 172**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-kontribut għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tat-trasport u ż-żieda fis-sigurtà tal-enerġija permezz tal-promozzjoni tal-użu ta' vetturi u bastimenti b'emissjonijiet żero ***u ta'*** fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, permezz tal-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi | (a) il-kontribut għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tat-trasport u ż-żieda fis-sigurtà tal-enerġija permezz tal-promozzjoni tal-użu ta' vetturi u bastimenti b'emissjonijiet żero ***jew b'emissjonijiet baxxi u*** fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, permezz tal-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi korrispondenti ***f'konformità*** |

korrispondenti;

***mar-Regolament (UE) […][dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi]***;

**Emenda 173**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) il-mitigazzjoni tal-esponiment ta' żoni urbani għall-effetti negattivi tat-trasport ta' tranżitu bil-ferrovija u bit-triq;

*Emenda*

(b) il-mitigazzjoni tal-esponiment ta' żoni urbani ***u rurali*** għall-effetti negattivi tat-trasport ta' tranżitu bil-ferrovija u bit-triq;

**Emenda 174**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt da (new)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(da) l-iżgurar ta' aċċess ugwali għall-parteċipanti kollha tas-suq fl-infrastruttura tat-TEN-T.***

**Emenda 175**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(d b) tnaqqis sinifikanti fil-ħinijiet ta' stennija fil-fruntieri għat-trasport tal-merkanzija bit-triq;***

**Emenda 176**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt dc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(dc) l-aċċellerazzjoni tal-kostruzzjoni ta' "linji ta' kostruzzjoni ġodda proġettati" f'sezzjonijiet transfruntiera, permezz ta' entità ta' ġestjoni unika u proċedura rapida, sabiex jiżdied it-traffiku tal-merkanzija bil-ferrovija.*** |

**Emenda 177**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt dd (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(dd) iż-żieda tar-reżiljenza tan-network, b'enfasi fuq l-infrastruttura kritika u l-infrastruttura b'użu doppju.*** |

**Emenda 178**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (a) l-iżvilupp ta' network ferrovjarju għat-trasport tal-merkanzija ta' prestazzjoni għolja u interoperabbli bis-sħiħ madwar l-Unjoni; | (a) l-iżvilupp ta' network ferrovjarju għat-trasport tal-merkanzija ta' prestazzjoni għolja u interoperabbli bis-sħiħ ***bla xkiel*** madwar l-Unjoni; |

**Emenda 179**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (c) l-iżvilupp ta' sistema ta' passaġġi fuq l-ilma interni, tal-avjazzjoni u tal-infrastruttura marittima bla xkiel; | (c) l-iżvilupp ta' sistema ta' passaġġi fuq l-ilma interni, tal-avjazzjoni u tal-infrastruttura marittima bla xkiel ***għall-passiġġieri u għall-merkanzija***; |

**Emenda 180**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-iżvilupp ta' network tat-toroq sikur u sigur, b'infrastrutturi suffiċjenti ta' fjuwils alternattivi; | (d) l-iżvilupp ta' network tat-toroq sikur u sigur, b'infrastrutturi suffiċjenti ta' fjuwils alternattivi ***u żoni ta' parkeġġ għat-trakkijiet sikuri u siguri***; |

**Emenda 181**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tat-trasport multimodali u interoperabbli ***mtejba***; | (e) l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tat-trasport multimodali u interoperabbli; |

**Emenda 182**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) il-varar tal-infrastruttura meħtieġa li tiżgura ċirkolazzjoni ***mingħajr*** xkiel ta' vetturi b'emissjonijiet żero. | (g) il-varar tal-infrastruttura meħtieġa li tiżgura ċirkolazzjoni ***bla*** xkiel ta' vetturi b'emissjonijiet żero ***u b'emissjonijiet baxxi, bastimenti u inġenji tal-ajru li jużaw fjuwils alternattivi, kif definit fir-Regolament (UE) [...] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi];*** |

**Emenda 183**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ga) il-varar ta' sistemi tal-ICT fuq il-modi kollha fuq in-network sabiex jiġi żgurat użu effiċjenti tal-infrastruttura;*** |

**Emenda 184**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt gb (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(gb) it-titjib tal-konnessjonijiet bejn in-network trans-Ewropew tat-trasport u n-networks tal-infrastruttura tal-pajjiżi ġirien, kif ukoll it-titjib tal-infrastruttura tat-trasport transewropea fit-territorju tal-pajjiżi ġirien.*** |

**Emenda 185**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(1a) Sa ... [data sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tlesti studju dwar il-konnessjoni tal-kapitali kollha tal-Unjoni, il-bliet ewlenin magħżula u ż-żoni metropolitani ma' network tal-linji ferrovjarji b'veloċità għolja. L-istudju għandu jiġi żviluppat f'kooperazzjoni mal-Istati Membri li se jikkonsultaw mal-partijiet ikkonċernati, u speċjalment mal-maniġers tal-infrastruttura ferrovjarja. L-istudju għandu jidentifika l-istrumenti finanzjarji għall-finanzjament tal-kostruzzjoni tan-network. Il-konklużjonijiet tal-istudju għandhom isiru l-bażi għall-Istati Membri biex jiżviluppaw network Ewropew ta' veloċità għolja.*** |

**Emenda 186**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) l-infrastruttura relatata ma' faċilitajiet ta' fjuwils alternattivi, kif definiti fir-Regolament (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi];*** |

**Emenda 187**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura ferrovjarja tan-network komprensiv***, inklużi l-konnessjonijiet imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 14(1),*** sal-31 ta' Diċembru 2050: | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura ferrovjarja tan-network komprensiv sal-31 ta' Diċembru 2050: |

**Emenda 188**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) tkun ***kompletament*** elettrifikata fir-rigward tal-binarji tal-linji u, sal-punt meħtieġ għall-operazzjonijiet tal-ferroviji elettriċi, fir-rigward tas-sidings; | (a) tkun elettrifikata fir-rigward tal-binarji tal-linji u, sal-punt meħtieġ għall-operazzjonijiet tal-ferroviji elettriċi, fir-rigward tas-sidings; |

**Emenda 189**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt b**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(b) tipprevedi gauge tal-binarji nominali għal linji ferrovjarji ġodda ta' 1435 mm, ħlief fejn il-linja l-ġdida tkun estensjoni fuq network, li l-gauge tal-binarji tiegħu jkun differenti u maqtugħ mil-linji ferrovjarji ewlenin fl-Unjoni;*** | ***imħassar*** |

*(Ara l-proposta emendata tal-KE - punt 6)*

**Emenda 190**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt d – punt i**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (i) fuq linji b'żewġ binarji, mill-inqas 50 % tal-mogħdijiet tal-ferrovija għall-ferroviji tal-merkanzija, u mhux inqas minn żewġ mogħdijiet tal-ferrovija fis-siegħa u f'kull direzzjoni, jistgħu jiġu allokati għal ferroviji tal-merkanzija b'tul ta' mill-inqas 740 m; | (i) fuq linji b'żewġ binarji, mill-inqas 50 % tal-mogħdijiet tal-ferrovija għall-ferroviji tal-merkanzija, u mhux inqas minn żewġ mogħdijiet tal-ferrovija fis-siegħa u f'kull direzzjoni, jistgħu jiġu allokati għal ferroviji tal-merkanzija b'tul ta' mill-inqas 740 m; ***sabiex jiġu żgurati operazzjonijiet transfruntiera bla xkiel, dawk il-mogħdijiet tal-ferrovija għandhom jiġu allinjati kif xieraq;*** |

**Emenda 191**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, inklużi raġunijiet għall-kostefficjenza tas-servizz, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet lin-network komprensiv mir-rekwiżiti taħt il-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (d) u (e) mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Kwalunkwe talba għal eżenzjoni għandha tkun ibbażata fuq analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u tal-benefiċċji u valutazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***tal-impatt fuq l-interoperabbiltà. Eżenzjoni għandha tkun konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], tkun ikkoordinata u miftiehma mal-Istat(i) Membru/i ġar/ġirien, fejn applikabbli.*** |
| | ***[1a] Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44).*** |

**Emenda 192**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fuq l-infrastruttura ferrovjarja tan-network komprensiv, mill-1 ta' Diċembru 2040, f'każ ta' kostruzzjoni ta' linja ġdida, ikun hemm konformità mar-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 2, il-punt (a).*** |

**Emenda 193**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Japplikaw l-eżenzjonijiet li ġejjin:*** | 3. ***in-networks iżolati huma eżentati mir-rekwiżiti taħt il-paragrafu 2;*** |
| | *(Ara l-proposta emendata tal-KE - punt 6)* |
| (a) ***in-networks iżolati huma eżentati mir-rekwiżiti taħt il-punti (a), (c), (d) u (e) tal-paragrafu 2;*** | ***imħassar*** |
| ***(b) fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet oħrajn mill-Kummissjoni*** | ***imħassar*** |

***permezz ta' atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2. Kwalunkwe talba għal eżenzjoni għandha tkun ibbażata fuq analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u tal-benefiċċji u valutazzjoni tal-impatt fuq l-interoperabbiltà. Eżenzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[58], filwaqt li tiġi kkoordinata u miftiehma mal-Istat(i) Membru/i ġar/ġirien, fejn applikabbli.***

***[58] Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44).***

**Emenda 194**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni estiż***, inklużi l-konnessjonijiet imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 14(1),*** sal-31 ta' Diċembru 2040: | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni estiż sal-31 ta' Diċembru 2040: |

**Emenda 195**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt -a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) tkun kompletament elettrifikata fir-rigward tal-binarji tal-linji u, sal-punt meħtieġ għall-operazzjonijiet tal-ferroviji elettriċi, fir-rigward tas-sidings;*** |

**Emenda 196**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti ***fil-punti minn (a) sa (e) tal-Artikolu*** 15(2), ***u ta' veloċità minima prevalenti tal-linja operattiva ta' 100 km/h għall-ferroviji tal-merkanzija fuq il-linji tal-merkanzija tan-network ewlieni estiż;*** | (a) tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti ***fl-Artikolu*** 15(2), ***il-punti (c), (d) u (e)*** |

*(Ara l-proposta emendata tal-KE - punt 7)*

**Emenda 197**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) tippermetti veloċità minima operattiva prevalenti tal-linja ta' 100 km/h għall-ferroviji tal-merkanzija fuq il-linji tal-merkanzija tan-network ewlieni estiż;*** |

**Emenda 198**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 15(2), fuq il-linji tal-passiġġieri tan-network ewlieni estiż;*** | ***imħassar*** |

*(Ara l-proposta emendata tal-KE - punt 7)*

**Emenda 199**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati inklużi raġunijiet ta' kostefficjenza tas-servizz, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu, ħlief għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15, il-paragrafu 2, il-punti (c) u (d). Kwalunkwe talba għal eżenzjoni għandha tkun ibbażata fuq analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u tal-benefiċċji u valutazzjoni tal-impatt fuq l-interoperabbiltà. Eżenzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, filwaqt li tiġi kkoordinata u miftiehma mal-Istat(i) Membru/i ġar/ġirien, fejn applikabbli.*** |

**Emenda 200**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***2a. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fuq l-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni estiż, mill-31 ta' Diċembru 2030, f'każ ta' kostruzzjoni ta' linja ġdida, ikun hemm konformità mar-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 2, il-punt (-a).*** |

**Emenda 201**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura ferrovjarja tan-network | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura ferrovjarja tan-network |

| | |
|---|---|
| ewlieni***, inklużi l-konnessjonijiet imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 14(1),*** sal-31 ta' Diċembru 2030: | ewlieni sal-31 ta' Diċembru 2030: |

**Emenda 202**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt -a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) tkun kompletament elettrifikata fir-rigward tal-binarji tal-linji u, sal-punt meħtieġ għall-operazzjonijiet tal-ferroviji elettriċi, fir-rigward tas-sidings;*** |

**Emenda 203**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti ***fil-punti minn (a) sa (d) tal-Artikolu*** 15(2), ***u ta' veloċità minima prevalenti tal-linja operattiva ta' 100 km/h għall-ferroviji tal-merkanzija fuq il-linji tal-merkanzija tan-network ewlieni***; | (a) tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti ***fl-Artikolu*** 15(2), ***il-punti (c) u (d)***; |
| | *(ara l-proposta emendata tal-KE - punt 7)* |

**Emenda 204**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) tippermetti veloċità minima operattiva prevalenti tal-linja ta' 100 km/h għall-ferroviji tal-merkanzija fuq il-linji tal-merkanzija tan-network ewlieni estiż;*** |

**Emenda 205**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b)* *tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 15(2), fuq il-linji tal-passiġġieri tan-network ewlieni;*** | ***imħassar*** |
| | *(Ara l-proposta emendata tal-KE - punt 7)* |

**Emenda 206**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba)* *tippermetti veloċità minima prevalenti tal-linja ta' 160 km/h għall-ferroviji tal-passiġġieri fuq il-linji tal-passiġġieri tan-network ewlieni;*** |

**Emenda 207**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati meta Stat Membru jkun affettwat minn restrizzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew fiżiċi sinifikanti li jipprevjenu l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu, il-punti (ab) u (ba) fuq il-linji ferrovjarji fuq in-network ewlieni, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' dawk ir-rekwiżiti.*** |

**Emenda 208**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fuq l-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni, mill-31 ta' Diċembru 2025, f'każ ta' kostruzzjoni ta' linja ġdida, ikun hemm konformità mar-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 3, il-punt (-a).*** |

**Emenda 209**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 4 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni***, inklużi l-konnessjonijiet imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 14(1),*** sal-31 ta' Diċembru 2040: | 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni sal-31 ta' Diċembru 2040: |

**Emenda 210**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 4 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) tissodisfa r-rekwiżit tal-punt (c) tal-paragrafu 2, fuq il-linji tal-passiġġieri tan-network ewlieni.*** | ***imħassar*** |

*(Ara l-proposta emendata tal-KE - punt 7)*

**Emenda 211**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***debitament ġustifikati inklużi raġunijiet tal-kostefficjenza tas-servizz, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-Kummissjoni mir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Kwalunkwe talba għal eżenzjoni għandha tkun ibbażata fuq analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u tal-benefiċċji u valutazzjoni tal-impatt fuq l-interoperabbiltà. Eżenzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u tkun ikkoordinata u miftiehma mal-Istat(i) Membru/i ġar/ġirien, fejn applikabbli.*** |

**Emenda 212**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Japplikaw l-eżenzjonijiet li ġejjin:*** | 5. ***in-networks iżolati huma eżentati mir-rekwiżiti taħt il-paragrafi 2, 3 u 4;*** |
| ***(a) in-networks iżolati huma eżentati mir-rekwiżiti taħt il-paragrafi 2, 3 u 4;*** | ***imħassar*** |
| ***(b) fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet oħrajn mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi minn 2 sa 4. Kwalunkwe eżenzjoni għandha tkun ibbażata fuq analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u tal-benefiċċji u valutazzjoni tal-impatt fuq l-interoperabbiltà. Eżenzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2016/797, filwaqt li tiġi kkoordinata u miftiehma mal-Istat(i) Membru/i ġar/ġirien, fejn applikabbli.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 213**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 - paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konnessjonijiet tal-infrastruttura ferrovjarja msemmija fl-Artikolu 14(1), il-punt (d), jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 15(2):*** |
| | ***- fuq in-network ewlieni sal-31 ta' Diċembru 2030;*** |
| | ***- fuq in-network ewlieni estiż sal-31 ta' Diċembru 2040; u*** |
| | ***- fuq in-network komprensiv sal-31 ta' Diċembru 2050;*** |
| | ***Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati inklużi raġunijiet għall-kostefficjenza tas-servizz, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-Kummissjoni mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15(2), il-punt (a) u l-punt (e), permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Kwalunkwe talba għal eżenzjoni għandha tkun ibbażata fuq analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u tal-benefiċċji u valutazzjoni tal-impatt fuq l-interoperabbiltà. Eżenzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, filwaqt li tiġi kkoordinata u miftiehma mal-Istat(i) Membru/i ġar/ġirien, fejn applikabbli.*** |
| | ***Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati meta restrizzjonijiet speċifiċi ġeografiċi jew fiżiċi sinifikanti jipprevjenu tali provvediment, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-Kummissjoni mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15(2), il-punt (d) permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.*** |

**Emenda 214**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16a – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni kif emendat b'COM(2022)384* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe infrastruttura ferrovjarja ġdida tan-network komprensiv, tan-network ewlieni estiż u tan-network ewlieni, inklużi l-konnessjonijiet imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 14(1), tikkunsidra l-gauge tal-binarji nominali standard Ewropew ta' 1435 mm. Dak ir-rekwiżit jitqies li ġie ssodisfat meta l-ferroviji b'gauge tal-binarji ta' 1435 mm ikunu jistgħu jiċċirkolaw fl-infrastruttura. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, infrastruttura ferrovjarja ġdida tfisser kwalunkwe infrastruttura li għaliha ***x-xogħlijiet*** ta' ***kostruzzjoni ma jkunux bdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri li fit-territorju tagħhom, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***, ***l-ebda linja ferrovjarja ġdida*** ma ***tkun ippjanata li tkun konnessa mal-fruntiera tal-art ta' Stat Membru ieħor skont l-Anness I*** ta' dan ***ir-Regolament, għandhom ifasslu pjan li jidentifika l-linja ferrovjarja l-ġdida li għandha tinbena skont il-gauge tal-binarji nominali standard Ewropew ta' 1435 mm.*** | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe infrastruttura ferrovjarja ġdida tan-network komprensiv, tan-network ewlieni estiż u tan-network ewlieni, inklużi l-konnessjonijiet imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 14(1), tikkunsidra l-gauge tal-binarji nominali standard Ewropew ta' 1435 mm. Dak ir-rekwiżit jitqies li ġie ssodisfat meta l-ferroviji b'gauge tal-binarji ta' 1435 mm ikunu jistgħu jiċċirkolaw fl-infrastruttura. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, infrastruttura ferrovjarja ġdida tfisser kwalunkwe infrastruttura li għaliha ***d-deċiżjoni*** ta' ***awtorizzazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2021/1187 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***, ma ***tkunx ittieħdet fi ... [id-data tad-dħul fis-seħħ*** ta' dan ***ir-Regolament].*** <br>*(ara l-proposta emendata tal-Kummissjoni - punt 8)* |

**Emenda 215**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16a – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni kif emendat b'COM(2022)384* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri b'network ferrovjarju, jew parti minnu, li jkollu gauge tal-binarji differenti minn dak tal-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm għandhom ***ifasslu***, mhux aktar tard minn sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ***ir-Regolament***, ***pjan ta' migrazzjoni*** tal-linji ferrovjarji | 2. L-Istati Membri b'network ferrovjarju, jew parti minnu, li jkollu gauge tal-binarji differenti minn dak tal-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm għandhom ***iwettqu valutazzjoni***, ***sa*** mhux aktar tard minn ***... [data*** sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ***ir-Regolament]***, ***billi jivvalutaw il-*** |

eżistenti li jinsabu fil-Kurituri Ewropej tat-Trasport għall-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm. Tali pjan ta' migrazzjoni għandu jiġi kkoordinat mal-Istat***(i)*** Membru***/i ġar/***ġirien ***(i)kkonċernat(i)*** mill-migrazzjoni.

***vijabbiltà tal-migrazzjoni*** tal-linji ferrovjarji eżistenti li jinsabu fil-Kurituri Ewropej tat-Trasport għall-gauge nominali tal-linji ferrovjarji standard Ewropew ta' 1 435 mm. Tali pjan ta' migrazzjoni għandu jiġi kkoordinat mal-Istat Membru ***jew mal-Istati Membri*** ġirien ***ikkonċernati*** mill-migrazzjoni.

*(Ara l-proposta emendata tal-KE - punt 8)*

**Emenda 216**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16a – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni kif emendat b'COM(2022)384* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Fil-pjan ta' migrazzjoni***, l-Istati Membri ***jistgħu jidentifikaw*** il-linji ferrovjarji li mhux se jemigraw għall-gauge tal-binarji nominali standard Ewropew ta' 1 435 mm. Il-pjan ta' migrazzjoni għandu jinkludi analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji li tiġġustifika d-deċiżjoni li l-linji ferrovjarji ma jiġux migrati għall-gauge tal-binarji nominali standard Ewropew ta' 1 435 mm u valutazzjoni tal-impatt fuq l-interoperabbiltà. | 3. ***Abbażi tal-valutazzjoni taħt il-paragrafu 2***, l-Istati Membri ***għandhom ifasslu pjan ta' migrazzjoni, sa mhux aktar tard minn sena wara li tkun ikkompletata l-valutazzjoni, u f'dan il-pjan ta' migrazzjoni jiġġustifikaw*** il-linji ferrovjarji li mhux se jemigraw għall-gauge tal-binarji nominali standard Ewropew ta' 1 435 mm. Il-pjan ta' migrazzjoni għandu jinkludi analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji li tiġġustifika d-deċiżjoni li l-linji ferrovjarji ma jiġux migrati għall-gauge tal-binarji nominali standard Ewropew ta' 1 435 mm u valutazzjoni tal-impatt fuq l-interoperabbiltà ***u l-kontinwità tan-network ferrovjarju***. ***Fil-każ ta' sezzjonijiet transfruntiera, it-talba għal eżenzjoni għandha tiġi kkoordinata u miftiehma mal-Istat Membru ġar.*** |

*(Ara l-proposta emendata tal-KE - punt 8)*

**Emenda 217**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16a – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni kif emendat b'COM(2022)384* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-prijoritajiet għall-ippjanar tal-infrastruttura u tal-investiment relatati mal-pjan ta' migrazzjoni għandhom jiġu inklużi fl-ewwel pjan ta' ħidma tal-Koordinatur Ewropew għal Kuritur Ewropew tat-Trasport li minnu jagħmlu parti l-linji ferrovjarji tal-merkanzija b'gauge tal-binarji differenti minn dak tal-gauge tal-binarji nominali standard Ewropew, skont l-Artikolu 53. | 4. Il-prijoritajiet għall-ippjanar tal-infrastruttura u tal-investiment relatati mal-pjan ta' migrazzjoni għandhom jiġu inklużi fl-ewwel pjan ta' ħidma tal-Koordinatur Ewropew għal Kuritur Ewropew tat-Trasport li minnu jagħmlu parti l-linji ferrovjarji tal-merkanzija b'gauge tal-binarji differenti minn dak tal-gauge tal-binarji nominali standard Ewropew, skont l-Artikolu 53.<br>*(Ara l-proposta emendata tal-KE - punt 8)* |

**Emenda 218**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-ERTMS tkun mgħammra; | (a) l-ERTMS tkun mgħammra***, filwaqt li jiġi żgurat varar sinkronizzat u armonizzat tal-ERTMS maġenb il-binarji u abbord***; |

**Emenda 219**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni, tan-network ewlieni estiż u tan-network komprensiv, inklużi l-konnessjonijiet imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 14(1), tkun mgħammra b'ERTMS ***ibbażata fuq ir-radju*** sal-31 ta' Diċembru ***2050***. | 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni, tan-network ewlieni estiż u tan-network komprensiv, inklużi l-konnessjonijiet imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 14(1), tkun mgħammra b'ERTMS sal-31 ta' Diċembru ***2040***. |

**Emenda 220**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fuq l-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni, tan-network ewlieni estiż u tan-network komprensiv, inklużi l-konnessjonijiet imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 14(1), mill-31 ta' Diċembru 2025, fil-każ tal-kostruzzjoni ta' linja ġdida jew l-ammeljorament tas-sistema ta' sinjalar, tkun qed tiġi varata ERTMS ***ibbażata fuq ir-radju***. | 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fuq l-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni, tan-network ewlieni estiż u tan-network komprensiv, inklużi l-konnessjonijiet imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 14(1), mill-31 ta' Diċembru 2025, fil-każ tal-kostruzzjoni ta' linja ġdida jew l-ammeljorament tas-sistema ta' sinjalar, tkun qed tiġi varata ERTMS. |

**Emenda 221**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6.*** Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi minn 1 sa 5. ***Kwalunkwe talba għal eżenzjoni għandha tkun ibbażata fuq analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u tal-benefiċċji u valutazzjoni tal-impatt fuq l-interoperabbiltà. Eżenzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, filwaqt li tiġi kkoordinata u miftiehma mal-Istat(i) Membru/i ġar/ġirien, fejn applikabbli.*** | ***Għal networks iżolati,*** fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi minn 1 sa 5. |
| [59] Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44). | [59] Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44). |

**Emenda 222**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw fil-ħin lill-partijiet ikkonċernati dwar il-varar tal-ERTMS qabel il-varar tal-ETCS maġenb il-binarji u qabel id-dekummissjonar tas-sistemi tal-klassi B.*** |

**Emenda 223**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 6b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi ta' Interoperabbiltà (TSI CCS u TSI INF) ikunu allinjati ma' dan ir-Regolament, li jimplika l-allinjament tad-dispożizzjonijiet kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva.*** |

**Emenda 224**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 6c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6c. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tipprovdi, fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, proposta leġiżlattiva għall-istabbiliment ta' Sistema armonizzata għall-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju sabiex jittejbu l-operazzjonijiet transfruntiera fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport.*** |

**Emenda 225**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-31 ta’ Diċembru 2030, il-kwalità tas-servizzi pprovduti mill-maniġers tal-infrastruttura lill-impriżi ferrovjarji, ir-rekwiżiti tekniċi u operattivi għall-użu tal-infrastruttura u l-proċeduri relatati mal-kontrolli fil-fruntieri ma jwaqqfux lill-prestazzjoni operazzjonali tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija tul il-linji ferrovjarji tal-merkanzija tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport milli tilħaq il-valuri fil-mira li ġejjin: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-31 ta’ Diċembru 2030, il-kwalità tas-servizzi pprovduti mill-maniġers tal-infrastruttura lill-impriżi ferrovjarji ***u lill-operaturi tat-terminals***, ir-rekwiżiti tekniċi***, amministrattivi*** u operattivi għall-użu tal-infrastruttura u l-proċeduri relatati mal-kontrolli fil-fruntieri ma jwaqqfux lill-prestazzjoni operazzjonali tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija tul il-linji ferrovjarji tal-merkanzija tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport milli tilħaq il-valuri fil-mira li ġejjin: |

**Emenda 226**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) għal kull sezzjoni transfruntiera interna tal-Unjoni, il-ħin ta’ waqfien tal-ferroviji tal-merkanzija kollha li jaqsmu l-fruntiera ma jaqbiżx ***medja ta’*** 15-il minuta. Il-ħin ta’ waqfien ta’ ferrovija f’sezzjoni transfruntiera jfisser il-ħin ta’ tranżitu addizzjonali totali li jista’ jiġi attribwit għall-eżistenza tal-qsim tal-fruntiera, irrispettivament mill-kawżi sottostanti, bħal kontrolli mill-pulizija fil-fruntieri u proċeduri jew kunsiderazzjonijiet ta’ natura infrastrutturali, operazzjonali, teknika u amministrattiva, mingħajr ma jitqies iż-żmien li ma jistax jiġi attribwit għall-qsim tal-fruntiera, bħall-proċeduri operazzjonali mwettqa f’faċilitajiet li jinsabu fil-viċinanza tal-qsim tal-fruntiera, iżda mhux intrinsikament relatati miegħu; | (a) għal kull sezzjoni transfruntiera interna tal-Unjoni, il-ħin ta’ waqfien tal-ferroviji tal-merkanzija kollha li jaqsmu l-fruntiera ma jaqbiżx 15-il minuta. Il-ħin ta’ waqfien ta’ ferrovija f’sezzjoni transfruntiera jfisser il-ħin ta’ tranżitu addizzjonali totali li jista’ jiġi attribwit għall-eżistenza tal-qsim tal-fruntiera, irrispettivament mill-kawżi sottostanti, bħal kontrolli mill-pulizija fil-fruntieri u proċeduri jew kunsiderazzjonijiet ta’ natura infrastrutturali, operazzjonali, teknika u amministrattiva, mingħajr ma jitqies iż-żmien li ma jistax jiġi attribwit għall-qsim tal-fruntiera, bħall-proċeduri operazzjonali mwettqa f’faċilitajiet li jinsabu fil-viċinanza tal-qsim tal-fruntiera, iżda mhux intrinsikament relatati miegħu; |

**Emenda 227**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) mill-inqas 90 % tal-ferroviji tal-passiġġieri li jaqsmu mill-inqas fruntiera waħda ta' Kuritur Ewropew tat-Trasport jaslu fid-destinazzjoni tagħhom, jew fil-fruntiera esterna tal-Unjoni jekk id-destinazzjoni tagħhom tkun barra mill-Unjoni, fil-ħin skedat tagħhom jew b'dewmien ta' inqas minn 30 minuta.*** |

**Emenda 228**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jimmodifikaw, kif xieraq, il-ftehimiet kuntrattwali msemmija fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2012/34/UE u jieħdu miżuri xierqa f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 913/2010 biex jilħqu l-valuri fil-mira stabbiliti fil-punti (a) u (***b***) tal-ewwel paragrafu. | 2. L-Istati Membri għandhom jimmodifikaw, kif xieraq, il-ftehimiet kuntrattwali msemmija fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2012/34/UE u jieħdu miżuri xierqa f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 913/2010 biex jilħqu l-valuri fil-mira stabbiliti fil-punti (a)***, (b)*** u (***ba***) tal-ewwel paragrafu. |

**Emenda 229**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-Kummissjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati mill-qasam ferrovjarju kollha, għandha tiżgura li sal-31 ta' Diċembru 2025 tiġi żviluppata sistema tal-ġestjoni tal-kapaċità diġitali, li tippermetti lill-operaturi tal-passiġġieri u tal-merkanzija jipprenotaw mogħdija tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***ferrovija transfruntiera li tgħaddi minn diversi Stati Membri. Is-sistema tal-ġestjoni tal-kapaċità għandha titħaddem mill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea. L-Istati Membri għandhom ivaraw is-sistema kompletament fuq il-Kurituri Ewropej tat-Trasport, fin-network ewlieni u fin-network ewlieni estiż, sal-31 ta' Diċembru 2027.*** |

**Emenda 230**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt -a**

| *Test propost mill-Kummissjoni (proposta emendata)* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-migrazzjoni għall-gauge tal-binarji nominali standard Ewropew (1 435 mm); | ***(-a)*** il-migrazzjoni għall-gauge tal-binarji nominali standard Ewropew (1 435 mm); |

**Emenda 231**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) it-titjib ***fis-sikurezza*** tal-passaġġi invell; | (b) it-titjib ***tas-sikurezza*** tal-passaġġi invell***, u fejn rilevanti, il-konverżjoni għal passaġġi minn fuq il-ferroviji jew mini***; |

**Emenda 232**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) fejn xieraq, il-konnessjoni tal-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju mal-infrastruttura ta' ***port ta'*** passaġġi fuq l-ilma interni; | (c) fejn xieraq, il-konnessjoni tal-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju mal-infrastruttura ta' passaġġi fuq l-ilma interni ***u ta' portijiet marittimi, kif ukoll ta' ajruporti***; |

**Emenda 233**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) l-iżvilupp u l-varar ta' teknoloġiji innovattivi għall-ferroviji, li jibnu b'mod partikolari fuq il-ħidma tal-Impriżi Konġunti "Shift2Rail" u "Sistema Ferrovjarja Ewropea", notevolment it-tħaddim awtomatiku tal-ferroviji, il-ġestjoni avvanzata tat-traffiku, u l-konnettività diġitali għall-passiġġieri bbażata fuq ERTMS u akkoppjamenti diġitali awtomatiċi, kif ukoll il-konnettività 5G; | (e) l-iżvilupp u l-varar ta' teknoloġiji innovattivi għall-ferroviji, li jibnu b'mod partikolari fuq il-ħidma tal-Impriżi Konġunti "Shift2Rail" u "Sistema Ferrovjarja Ewropea", notevolment it-tħaddim awtomatiku tal-ferroviji, ***inklużi shunting awtomatizzat u ttestjar awtomatizzat tal-istat tal-brejkijiet,*** il-ġestjoni avvanzata tat-traffiku, u l-konnettività diġitali għall-passiġġieri bbażata fuq ERTMS u akkoppjamenti diġitali awtomatiċi, kif ukoll il-konnettività 5G; |

**Emenda 234**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) meta tinbena jew tiġi ammeljorata l-infrastruttura ferrovjarja, jiġu żgurati l-kontinwità u l-aċċessibbiltà tal-mogħdijiet pedonali u għaċ-ċikliżmu sabiex jiġu promossi l-modi attivi tat-trasport; | (f) meta tinbena jew tiġi ammeljorata ***fuq skala kbira*** l-infrastruttura ferrovjarja, jiġu żgurati l-kontinwità u l-aċċessibbiltà tal-mogħdijiet pedonali u għaċ-ċikliżmu sabiex jiġu promossi l-modi attivi tat-trasport; |

**Emenda 235**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi ta' fjuwils alternattivi għall-ferroviji, bħall-idroġenu għal sezzjonijiet li huma eżentati mir-rekwiżit ta' elettrifikazzjoni. | (g) l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi ta' fjuwils alternattivi għall-ferroviji, bħall-idroġenu ***jew ferroviji li jaħdmu bil-batterija,*** għal sezzjonijiet li huma eżentati mir-rekwiżit ta' elettrifikazzjoni***, fejn il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***vijabbiltà ekonomika ta' tali proġetti tkun ġiet stabbilita abbażi ta' analiżi tal-kostijiet u tal-benefiċċji***. |

**Emenda 236**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ga) l-iżvilupp tat-teknoloġija FRMCS sabiex tiġi implimentata ERTMS ibbażata fuq it-teknoloġija satellitari.*** |

**Emenda 237**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt gb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(gb) l-iżvilupp ta' unitajiet inerzjali għall-komponent tal-ġeopożizzjonament tal-ERTMS;*** |

**Emenda 238**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt gc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(gc) Ammeljorament għal ferroviji b'żewġ binarji f'sezzjonijiet ta' konġestjoni li jsofru minn ostakli għall-kapaċità;*** |

**Emenda 239**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) lagi; | (c) lagi ***u laguni***; |

**Emenda 240**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) il-portijiet interni, inkluża l-infrastruttura bażika tal-port fil-forma ta' baċiri interni, ħitan tal-mollijiet, irmiġġi, pontijiet tal-imbark, baċiri, digi, backfills, ir-reklamazzjoni tal-art u l-infrastruttura meħtieġa għall-operazzjonijiet ta' trasport fiż-żona tal-port u barra miż-żona tal-port; | (g) il-portijiet interni, inkluża l-infrastruttura bażika tal-port fil-forma ta' baċiri interni, ħitan tal-mollijiet, irmiġġi, pontijiet tal-imbark, baċiri, digi, backfills, ***pjattaformi,*** ir-reklamazzjoni tal-art u l-infrastruttura meħtieġa għall-operazzjonijiet ta' trasport fiż-żona tal-port u barra miż-żona tal-port; |

**Emenda 241**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) it-tagħmir assoċjat; | (h) it-tagħmir assoċjat ***imsemmi fil-paragrafu 2***; |

**Emenda 242**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ikunu mgħammra b'faċilitajiet biex itejbu l-prestazzjoni ambjentali tal-bastimenti fil-portijiet, ***inklużi l-faċilitajiet*** ta' akkoljenza, il-faċilitajiet ta' tneħħija tal-gass, il-miżuri għat-tnaqqis tal-istorbju, il-miżuri għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja u tal-ilma. | (c) ikunu mgħammra b'faċilitajiet biex itejbu l-prestazzjoni ambjentali tal-bastimenti fil-portijiet, ***bħall-faċilitajiet*** ta' akkoljenza, il-faċilitajiet ta' tneħħija tal-gass, il-miżuri għat-tnaqqis tal-istorbju, il-miżuri għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja u tal-ilma. |

**Emenda 243**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-network tal-passaġġi fuq l-ilma interni, inklużi l-konnessjonijiet imsemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 20(1), jinżamm sabiex jippermetti navigazzjoni effiċjenti, affidabbli u sikura għall-utenti billi jiġu żgurati rekwiżiti minimi ta' passaġġi fuq l-ilma u livelli ta' servizz ***u*** billi jiġi evitat id-deterjorament ta' dawn ir-rekwiżiti minimi jew ta' kwalunkwe wieħed mill-kriterji sottostanti definiti tiegħu (Status Tajjeb ta' Navigazzjoni). | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-network tal-passaġġi fuq l-ilma interni, inklużi l-konnessjonijiet imsemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 20(1), jinżamm sabiex jippermetti navigazzjoni effiċjenti, affidabbli u sikura għall-utenti billi jiġu żgurati rekwiżiti minimi ta' passaġġi fuq l-ilma u livelli ta' servizz***,*** billi jiġi evitat id-deterjorament ta' dawn ir-rekwiżiti minimi***, u jiġi protett u prevenut id-deterjorament tal-istatus attwali tal-partijiet tan-network li diġà jaqbżu r-rekwiżiti minimi,*** jew ta' kwalunkwe wieħed mill-kriterji sottostanti definiti tiegħu (Status Tajjeb ta' Navigazzjoni). |

**Emenda 244**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jiżguraw li: | 3. L-Istati Membri għandhom***, sal-31 ta' Diċembru 2030,*** b'mod partikolari jiżguraw li: |

**Emenda 245**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) Ix-xmajjar, il-kanali, il-lagi, il-portijiet interni u r-rotot ta' aċċess tagħhom jipprovdu fond tal-kanal navigabbli ta' mill-inqas 2,5 m u għoli minimu taħt | (a) Ix-xmajjar, il-kanali, il-lagi, ***il-laguni,*** il-portijiet interni u r-rotot ta' aċċess tagħhom jipprovdu fond tal-kanal navigabbli ta' mill-inqas 2,5 m u għoli |

| | |
|---|---|
| pontijiet li ma jinfetħux ta' mill-inqas 5,25 m f'livelli tal-ilma ta' referenza definiti, li jinqabżu f'għadd definit ta' jiem fis-sena fuq medja statistika. | minimu taħt pontijiet li ma jinfetħux ta' mill-inqas 5,25 m f'livelli tal-ilma ta' referenza definiti, li jinqabżu f'għadd definit ta' jiem fis-sena fuq medja statistika. ***Għal kwalunkwe pont li ma jinfetaħx mibni ġdid jew rinnovat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għoli tiegħu jaqbeż dak tal-pont l-aktar baxx tal-baċir idrografiku.*** |

**Emenda 246**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-livelli tal-ilma ta' referenza għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-għadd ta' jiem fis-sena li fihom il-livell tal-ilma attwali jkun qabeż il-livell tal-ilma ta' referenza speċifikat. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-livelli tal-ilma ta' referenza msemmija fis-subparagrafu preċedenti għal kull baċir idrografiku. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 59(3). | Il-livelli tal-ilma ta' referenza għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-għadd ta' jiem fis-sena li fihom il-livell tal-ilma attwali jkun qabeż il-livell tal-ilma ta' referenza speċifikat. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni***, li jridu jiġu żviluppati f'kooperazzjoni mill-qrib ma' tali Stati Membri u, jekk applikabbli, f'konsultazzjoni mal-kummissjonijiet għan-navigazzjoni fuq ix-xmajjar stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali,*** li jispeċifikaw il-livelli tal-ilma ta' referenza msemmija fis-subparagrafu preċedenti għal kull ***kuritur, kull*** baċir idrografiku ***jew kull sezzjoni ta' passaġġ fuq l-ilma***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 59(3). |

**Emenda 247**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta tispeċifika l-livelli tal-ilma ta' referenza, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rekwiżiti li huma stabbiliti f'konvenzjonijiet internazzjonali u fi | Meta tispeċifika l-livelli tal-ilma ta' referenza, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rekwiżiti li huma stabbiliti fil-konvenzjonijiet internazzjonali u fil-ftehimiet konklużi bejn l-Istati Membri**,** |

| | |
|---|---|
| ftehimiet konklużi bejn l-Istati Membri. | ***inkluż fir-regolamenti adottati mill-kummissjonijiet għan-navigazzjoni fuq ix-xmajjar imwaqqfa minn tali konvenzjonijiet u ftehimiet, u tikkonsulta mal-koordinaturi Ewropej tal-kurituri Ewropej tat-trasport ikkonċernati***. |

**Emenda 248**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu rekwiżiti li jikkomplementaw ir-rekwiżiti minimi stabbiliti f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-punt (a) tal-paragrafu (3), għal kull baċir idrografiku. Dawn ir-rekwiżiti jistgħu jkunu relatati b'mod partikolari ma': | Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu rekwiżiti ***f'kooperazzjoni, fejn applikabbli, mal-kummissjonijiet għan-navigazzjoni fuq ix-xmajjar rispettivi,*** li jikkomplementaw ir-rekwiżiti minimi stabbiliti f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-punt (a) tal-paragrafu (3), għal kull ***kuritur, għal kull*** baċir idrografiku ***jew meta meħtieġ, għal kull passaġġ fuq l-ilma***. Dawn ir-rekwiżiti jistgħu jkunu relatati b'mod partikolari ma': |

**Emenda 249**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) il-varar ta' infrastruttura tal-enerġija alternattiva sabiex jiġi żgurat aċċess għal fjuwils alternattivi mal-kuritur kollu; | (e) il-varar ta' infrastruttura tal-enerġija alternattiva sabiex jiġi żgurat aċċess għal fjuwils alternattivi mal-kuritur kollu ***f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi]***; |

**Emenda 250**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) l-introduzzjoni u l-promozzjoni ta' teknoloġiji ġodda u l-innovazzjoni għal fjuwils tal-enerġija u sistemi ta' propulsjoni ***b'livell*** żero ta' emissjonijiet tal-karbonju. | (h) l-introduzzjoni u l-promozzjoni ta' teknoloġiji ġodda u l-innovazzjoni għal fjuwils tal-enerġija u sistemi ta' propulsjoni ***b'livelli*** żero ***u baxxi*** ta' emissjonijiet tal-karbonju. |

**Emenda 251**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-Kummissjoni għandha tiżgura approċċ koerenti dwar l-applikazzjoni tal-istatus tajjeb ta' navigazzjoni fl-Unjoni u tista' tadotta linji gwida għal dan. Meta tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-paragrafi (e) u (f), il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-interoperabbiltà bejn il-baċiri idrogafiċi ma tiġix kompromessa. | 6. Il-Kummissjoni għandha tiżgura approċċ koerenti dwar l-applikazzjoni tal-istatus tajjeb ta' navigazzjoni fl-Unjoni u tista' tadotta linji gwida għal dan. Meta tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-paragrafi (e) u (f), il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-interoperabbiltà bejn ***il-kurituri jew*** il-baċiri idrogafiċi ma tiġix kompromessa ***bla bżonn***. |

**Emenda 252**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) it-titjib tal-proċessi ta' diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni tal-infrastruttura u l-flotta, kif ukoll l-iżvilupp ta' infrastruttura intelliġenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni;*** |

**Emenda 253**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) il-modernizzazzjoni u l-espansjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura meħtieġa għall-operazzjonijiet tat-trasport kemm fiż-żona tal-port kif ukoll barra minnha; | (d) il-modernizzazzjoni u l-espansjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura***, inklużi l-postijiet ta' rmiġġ u ta' mistrieħ u s-servizzi tagħhom,*** meħtieġa għall-operazzjonijiet tat-trasport ***u tal-mobbiltà*** kemm fiż-żona tal-port kif ukoll barra minnha ***u tul il-passaġġ fuq l-ilma***; |

**Emenda 254**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' miżuri biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni u l-infrastruttura tat-trasport, inklużi bastimenti b'emissjonijiet żero u baxxi u miżuri maħsuba biex itaffu l-impatti fuq il-korpi tal-ilma u l-bijodiversità dipendenti mill-ilma, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni jew il-ftehimiet internazzjonali rilevanti. | (e) il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' miżuri biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni u l-infrastruttura tat-trasport, inklużi bastimenti b'emissjonijiet żero u baxxi ***li jużaw fjuwils alternattivi u rinnovabbli, kif ukoll bastimenti*** u miżuri ***alternattivi b'inqas impatt*** maħsuba biex itaffu l-impatti fuq il-korpi tal-ilma u l-bijodiversità dipendenti mill-ilma, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni jew il-ftehimiet internazzjonali rilevanti. |

**Emenda 255**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) l-iżvilupp u l-varar ta' mezzi għall-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tal-passaġġi navigabbli;*** |

**Emenda 256**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(eb) l-għoti ta' modi infrastrutturali attivi tul il-passaġġi fuq l-ilma;*** |

**Emenda 257**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt ec (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ec) Sa... [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tippreżenta qafas leġislattiv, akkumpanjat jekk xieraq minn proposta leġiżlattiva, għall-faċilitazzjoni tal-operazzjoni tat-trasport kummerċjali transfruntier fuq passaġġi fuq l-ilma interni, inkluż l-iżvilupp ta' skambji ta' data sabiex ikunu jistgħu jsiru mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri;*** |

**Emenda 258**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt ed (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ed) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe infrastruttura ġdida tal-passaġġi fuq l-ilma interni tevita, fejn possibbli, ostaklu potenzjali għall-konnettività lonġitudinali u laterali tax-xmajjar ġierja u t-telf tal-bijodiversità.*** |

**Emenda 259**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Ispazju Marittimu Ewropew jgħaqqad u jintegra l-komponenti marittimi deskritti fil-paragrafu 2 man-network tal-art permezz tal-ħolqien jew l-ammeljorament ta' rotot tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra bejn żewġ portijiet marittimi jew aktar fit-territorju tal-Unjoni jew bejn port wieħed jew aktar fit-territorju tal-Unjoni u port fit-territorju ta' pajjiż terz ġar li jkollu kosta fuq l-ibħra magħluqa li jmissu mal-ilmijiet tal-Unjoni, u permezz tal-iżvilupp ta' portijiet marittimi fit-territorju tal-Unjoni u l-konnessjonijiet tagħhom mal-intern tal-pajjiż biex jipprovdu integrazzjoni effiċjenti, vijabbli u sostenibbli ma' modi oħrajn ta' trasport. | 1. L-Ispazju Marittimu Ewropew jgħaqqad u jintegra l-komponenti marittimi deskritti fil-paragrafu 2 man-network tal-art permezz tal-ħolqien jew l-ammeljorament ta' rotot tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra bejn żewġ portijiet marittimi jew aktar fit-territorju tal-Unjoni jew bejn port wieħed jew aktar fit-territorju tal-Unjoni u port fit-territorju ta' pajjiż terz ġar li jkollu kosta fuq l-ibħra magħluqa li jmissu mal-ilmijiet tal-Unjoni ***jew fiż-żona ġeografika tar-reġjuni ultraperiferiċi***, u permezz tal-iżvilupp ta' portijiet marittimi fit-territorju tal-Unjoni u l-konnessjonijiet tagħhom mal-intern tal-pajjiż biex jipprovdu integrazzjoni effiċjenti, vijabbli u sostenibbli ma' modi oħrajn ta' trasport. |

**Emenda 260**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 3 – punt j**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (j) tagħmir assoċjat, li jista' jinkludi, b'mod partikolari, tagħmir għall-ġestjoni tat-traffiku u tal-merkanzija, għat-tnaqqis tal-effetti negattivi fuq l-ambjent, għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika, għat-tnaqqis tal-istorbju, u għall-użu ta' fjuwils alternattivi, kif ukoll tagħmir biex tiġi żgurata navigabbiltà matul is-sena kollha, inklużi t-tkissir tas-silġ, stħarriġ idroloġiku, u għat-tħammil ***kapitali*** u l-protezzjoni tal-portijiet u l-approċċi tal-portijiet; | (j) tagħmir assoċjat, li jista' jinkludi, b'mod partikolari, tagħmir għall-ġestjoni tat-traffiku u tal-merkanzija, għat-tnaqqis tal-effetti negattivi fuq l-ambjent, għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika, għat-tnaqqis tal-istorbju, u għall-użu ta' fjuwils alternattivi, kif ukoll tagħmir biex tiġi żgurata navigabbiltà matul is-sena kollha, inklużi t-tkissir tas-silġ, stħarriġ idroloġiku, u għat-tħammil u l-protezzjoni tal-portijiet u l-approċċi tal-portijiet; |

**Emenda 261**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 3 – punt ka (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ka) infrastruttura b'użu doppju użata għal skopijiet ċivili u militari.*** |

**Emenda 262**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 4 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ikun ***jinsab fuq gżira u*** jipprovdi l-uniku punt ta' aċċess għal reġjun NUTS 3 fin-network komprensiv; | (c) ikun jipprovdi l-uniku punt ta' aċċess għal reġjun NUTS 3 fin-network komprensiv; |

**Emenda 263**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 4 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) ikun inkluż fil-lista stabbilita fl-Anness II minħabba l-importanza ġeostrateġika tiegħu għall-Unjoni.*** |

**Emenda 264**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-portijiet marittimi tan-network komprensiv se jkunu konnessi mal-infrastruttura ferrovjarja u tat-toroq u, fejn possibbli, mal-passaġġi fuq l-ilma interni, ***ħlief meta jkun hemm restrizzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew fiżiċi sinifikanti li jimpedixxu tali konnessjoni;*** | (a) il-portijiet marittimi tan-network komprensiv se jkunu konnessi mal-infrastruttura ferrovjarja u tat-toroq u, fejn possibbli, mal-passaġġi fuq l-ilma interni, |

**Emenda 265**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) ir-rekwiżit ta' konnessjoni ferrovjarja ma għandux japplika għal portijiet marittimi li jinsabu fuq gżejjer mingħajr network ferrovjarju;*** |

**Emenda 266**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 - paragrafu 2 - punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) kwalunkwe port marittimu tan-network komprensiv li jservi lit-traffiku tal-merkanzija joffri mill-inqas terminal multimodali wieħed tal-merkanzija li jkun miftuħ għall-operaturi u l-utenti kollha b'mod mhux diskriminatorju u li japplika imposti trasparenti u mhux diskriminatorji; | (b) kwalunkwe port marittimu tan-network komprensiv li jservi lit-traffiku tal-merkanzija joffri mill-inqas terminal multimodali wieħed tal-merkanzija ***fil-port jew fil-viċinanzi tiegħu permezz ta' konnessjoni ferrovjarja diretta,*** li jkun miftuħ għall-operaturi u l-utenti kollha b'mod mhux diskriminatorju u li japplika imposti trasparenti u mhux diskriminatorji; |

**Emenda 267**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d)*** il-portijiet marittimi tan-network komprensiv konnessi mal-passaġġi fuq l-ilma interni jkunu mgħammra b'kapaċità ***ddedikata*** għall-immaniġġjar tal-bastimenti li joperaw f'passaġġi fuq l-ilma interni | ***(d)*** il-portijiet marittimi tan-network komprensiv konnessi mal-passaġġi fuq l-ilma interni jkunu mgħammra b'kapaċità għall-immaniġġjar tal-bastimenti li joperaw f'passaġġi fuq l-ilma interni. |

**Emenda 268**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) L-Istati Membri għandhom jaħtru l-entità responsabbli għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), abbażi tal-governanza u l-istruttura eżistenti tan-network ferrovjarju ta' kull port.*** |

**Emenda 269**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-ammeljorament tal-aċċess marittimu, bħal breakwaters, kanali fil-baħar, passaġġi navigabbli, xtabi, tħammil ***kapitali*** u għajnuniet għan-navigazzjoni; | (a) l-ammeljorament tal-aċċess marittimu, bħal breakwaters, kanali fil-baħar, passaġġi navigabbli, xtabi, tħammil u għajnuniet għan-navigazzjoni; |

**Emenda 270**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-kostruzzjoni jew l-ammeljorament tal-infrastruttura bażika tal-portijiet, bħal baċiri interni, ħitan tal-mollijiet, irmiġġi, pontijiet tal-imbark, baċiri, digi, backfills u r-reklamazzjoni tal-art; | (b) il-kostruzzjoni***, il-manutenzjoni*** jew l-ammeljorament tal-infrastruttura bażika tal-portijiet, bħal baċiri interni***, infrastrutturi għall-fjuwils sostenibbli alternattivi,*** ħitan tal-mollijiet, irmiġġi, pontijiet tal-imbark, baċiri, digi, backfills u r-reklamazzjoni tal-art; |

**Emenda 271**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba.) il-modernizzazzjoni u l-espansjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja*** |

***meħtieġa għall-operazzjonijiet tat-trasport kemm fiż-żona tal-port kif ukoll barra minnha;***

**Emenda 272**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-introduzzjoni u l-promozzjoni ta' teknoloġiji ġodda u l-innovazzjoni għal fjuwils tal-enerġija u sistemi ta' propulsjoni b'livelli żero u baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju; | (d) l-introduzzjoni u l-promozzjoni ta' teknoloġiji ġodda u l-innovazzjoni għal fjuwils tal-enerġija u sistemi ta' propulsjoni b'livelli żero u baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju***, inkluża l-propulsjoni tar-riħ***; |

**Emenda 273**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) il-promozzjoni ta' bastimenti b'emissjonijiet żero u baxxi li jservu u joperaw konnessjonijiet tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra, u l-iżvilupp ta' miżuri biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tat-trasport marittimu għall-ottimizzazzjoni tal-waqfiet fil-portijiet ***jew*** tal-katina tal-provvista f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni jew il-ftehimiet internazzjonali rilevanti. | (g) il-promozzjoni ta' bastimenti b'emissjonijiet żero u baxxi li jservu u joperaw konnessjonijiet tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra, u l-iżvilupp ta' miżuri biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tat-trasport marittimu għall-ottimizzazzjoni tal-waqfiet fil-portijiet ***u*** tal-katina tal-provvista f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni jew il-ftehimiet internazzjonali rilevanti. |

**Emenda 274**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ga) il-promozzjoni tat-trasport bil-laneċ bħala mod sostenibbli tat-trasport tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***passiġġieri, inklużi fin-nodi urbani, meta jkun japplika;*** |

**Emenda 275**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt gb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(gb) it-titjib tal-infrastruttura bl-għan li jiżdied is-sehem tal-merkanzija, inkluż għall-konnessjonijiet tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra, li t-trasferimenti mit-trasport bit-triq u bl-ajru lejn it-trasport marittimu jew fuq passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport ferrovjarju, sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż esterni negattivi bħall-emissjonijiet u l-konġestjoni;*** |

**Emenda 276**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt gc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(g c) it-titjib tal-aċċess għar-reġjuni ultraperiferiċi u reġjuni remoti, insulari u periferiċi oħra.*** |

**Emenda 277**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt a – punt x**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (x) infrastruttura li ttaffi l-impatt fuq l-ambjent; | (x) infrastruttura li ttaffi l-impatt fuq l-ambjent***, inkluż il-preservazzjoni tal-fawna jew it-teknoloġiji għall-mitigazzjoni tal-istorbju***; |

**Emenda 278**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) konnessjonijiet tat-terminals tal-merkanzija ***u tal-pjattaformi loġistiċi*** mal-modi l-oħrajn fin-network trans-Ewropew tat-trasport; | (e) konnessjonijiet tat-terminals tal-merkanzija mal-modi l-oħrajn fin-network trans-Ewropew tat-trasport; |

**Emenda 279**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(f a) rotot ta' aċċess u konnessjoni tal-aħħar mil għal ċentri multimodali tal-passiġġieri, inkluża l-infrastruttura għal modi attivi;*** |

**Emenda 280**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) is-sikurezza tal-infrastruttura tat-trasport bit-triq tiġi żgurata, immonitorjata u, meta meħtieġ, imtejba f'konformità mad-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[62]; | (a) is-sikurezza tal-infrastruttura tat-trasport bit-triq tiġi żgurata, immonitorjata u, meta meħtieġ, imtejba f'konformità mad-Direttiva ***2019/1936 li temenda d-Direttiva*** 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[62]; |
| [62] Id-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59). | [62] Id-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59). |

**Emenda 281**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) it-toroq ikunu ddisinjati, mibnija jew imtejba u miżmuma bl-aktar materjali effiċjenti fir-riżorsi u reżistenti għat-tibdil fil-klima;*** |

**Emenda 282**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 - paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 6c tad-Direttiva dwar il-Ġestjoni tas-Sikurezza tal-Infrastruttura tat-Toroq, għandha tikkunsidra l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi speċifikazzjonijiet komuni, relatati mal-proċeduri tal-Istati Membri li għandhom l-għan li jiżguraw l-użu operattiv tal-marki tat-toroq u tas-sinjali tat-toroq tagħhom, fir-rigward tal-leġibbiltà u d-detezzjoni effettivi tal-marki tat-toroq u tas-sinjali tat-toroq għas-sewwieqa umani u tas-sistemi awtomatizzati ta' assistenza għas-sewwieqa. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jinkludu rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni dwar il-viżibbiltà u l-istat tas-sinjali tat-traffiku, tas-sinjali u tal-marki tat-toroq.*** |

**Emenda 283**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) it-triq tkun iddisinjata, mibnija jew ammeljorata b'mod speċjali għat-traffiku | (a) it-triq tkun iddisinjata, mibnija jew ammeljorata b'mod speċjali għat-traffiku |

| | |
|---|---|
| tal-vetturi bil-mutur u: | tal-vetturi bil-mutur***, kif ukoll miżmuma biżżejjed,*** u: |

**Emenda 284**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 2 – punt a – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) tipprovdi, ħlief f'punti speċjali jew temporanjament, karreġġati separati għaż-żewġ direzzjonijiet tat-traffiku, separati minn xulxin bi strixxa diviżorja mhux maħsuba għat-traffiku jew***, eċċezzjonalment,*** b'mezzi oħrajn; | (i) jipprovdu, ħlief f'punti speċjali jew temporanjament, karreġġati separati għaż-żewġ direzzjonijiet tat-traffiku, separati minn xulxin bi strixxa diviżorja mhux maħsuba għat-traffiku jew b'mezzi oħrajn ***li jiggarantixxu l-istess livell ta' sikurezza***; |

**Emenda 285**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 - paragrafu 2 - punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) iż-żoni ta' mistrieħ ikunu disponibbli f'distanza massima ta' 60 km minn xulxin, li jipprovdu biżżejjed spazju għall-parkeġġ, tagħmir tas-sikurezza u tas-sigurtà, u faċilitajiet xierqa, inklużi faċilitajiet sanitarji, li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' forza tax-xogħol diversa; | (b) iż-żoni ta' mistrieħ ikunu disponibbli f'distanza massima ta' 60 km minn xulxin, li jipprovdu biżżejjed spazju ***affordabbli*** għall-parkeġġ, tagħmir tas-sikurezza u tas-sigurtà, u faċilitajiet xierqa, inklużi faċilitajiet sanitarji, li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' forza tax-xogħol diversa; |

**Emenda 286**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) iż-żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri jkunu disponibbli f'distanza massima ta' 100 km minn xulxin, li jipprovdu biżżejjed spazju għall-parkeġġ għal vetturi kummerċjali u li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament | (c) iż-żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri jkunu disponibbli***, sal-31 ta' Diċembru 2040,*** f'distanza massima ta' 100 km minn xulxin, li jipprovdu biżżejjed spazju għall-parkeġġ għal vetturi kummerċjali u li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament |

| | |
|---|---|
| (UE) 2020/1054[69]; | (UE) 2020/1054[69]; |

[69] Ir-Regolament (UE) 2020/1054 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perjodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 1).

[69] Ir-Regolament (UE) 2020/1054 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perjodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 1).

**Emenda 287**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 - paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a Sa... [sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-ħolqien ta' Żona Unika Ewropea għall-Infurzar Diġitali (SEDEA), sabiex l-awtoritajiet tal-infurzar responsabbli jkunu jistgħu jwettqu kontrolli mmirati bbażati fuq ir-riskju, spezzjonijiet mhux diskriminatorji mingħajr kuntatt u mingħajr karti bbażati fuq l-aċċess għal data diġitali f'ħin reali dwar is-sewwieqa professjonali, l-operaturi, il-vetturi kummerċjali u l-merkanzija, inklużi l-armonizzazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tar-riskju, l-iskambju elettroniku ta' dokumenti dwar l-istazzjonar tax-xufiera permezz tas-sistema IMI, kif ukoll l-inkorporazzjoni tar-rekwiżiti tar-regolament tal-eFTI.*** |

**Emenda 288**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, l-eżenzjonijiet mir-rekwiżit stabbilit fil-punt (a) tal-paragrafu 2 jistgħu jingħataw mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari meta d-densità tat-traffiku ma taqbiżx l-10 000 vettura kuljum fiż-żewġ direzzjonijiet, jew meta jkun hemm restrizzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew fiżiċi sinifikanti, sakemm jiġi żgurat livell xieraq ta' sikurezza. Kwalunkwe talba għal eżenzjoni għandha tkun ibbażata fuq analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u tal-benefiċċji, il-valutazzjoni tar-restrizzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew fiżiċi sinifikanti u/jew tal-impatti negattivi potenzjali fuq l-ambjent u l-bijodiversità tal-investimenti. | 4. Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, l-eżenzjonijiet mir-rekwiżit stabbilit fil-punt (a) tal-paragrafu 2 jistgħu jingħataw mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari meta d-densità tat-traffiku ma taqbiżx l-10 000 vettura kuljum fiż-żewġ direzzjonijiet, jew meta jkun hemm restrizzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew fiżiċi sinifikanti, sakemm jiġi żgurat livell xieraq ta' sikurezza. ***Wara l-implimentazzjoni sħiħa tal-kapaċitajiet ta' infurzar diġitali relatati mad-Direttiva 96/53/KE, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jeżentaw lill-Istati Membri mir-rekwiżiti li jintroduċu jew iżommu s-sistemi ta' użin waqt il-moviment, imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (d) ta' dan l-Artikolu.*** Kwalunkwe talba għal eżenzjoni għandha tkun ibbażata fuq analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u tal-benefiċċji, il-valutazzjoni tar-restrizzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew fiżiċi sinifikanti u/jew tal-impatti negattivi potenzjali fuq l-ambjent u l-bijodiversità tal-investimenti. |

**Emenda 289**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30 − paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura tat-toroq tan-network ewlieni u tan-network ewlieni estiż tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti ***fil-punt*** (b) tal-Artikolu 29(2) sal-31 ta' Diċembru 2030. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura tat-toroq tan-network ewlieni u tan-network ewlieni estiż tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti ***fil-punti*** (b) ***u (c)*** tal-Artikolu 29(2) sal-31 ta' Diċembru 2030. |

**Emenda 290**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, l-eżenzjonijiet mir-rekwiżit stabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 29(2) jistgħu jingħataw mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari meta d-densità tat-traffiku ma taqbiżx l-10 000 vettura kuljum fiż-żewġ direzzjonijiet, jew meta jkun hemm restrizzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew fiżiċi sinifikanti, sakemm ***jiġi żgurat*** livell ***xieraq*** ta' sikurezza. Kwalunkwe talba għal eżenzjoni għandha tkun ibbażata fuq analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u tal-benefiċċji, il-valutazzjoni tar-restrizzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew fiżiċi sinifikanti u/jew tal-impatti negattivi potenzjali fuq l-ambjent u l-bijodiversità tal-investimenti. | 5. Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, l-eżenzjonijiet mir-rekwiżit stabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 29(2) jistgħu jingħataw mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari meta d-densità tat-traffiku ma taqbiżx l-10 000 vettura kuljum fiż-żewġ direzzjonijiet, jew meta jkun hemm restrizzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew fiżiċi sinifikanti, sakemm ***dawn it-toroq jissodisfaw*** livell ***għoli*** ta' sikurezza ***skont id-direttiva dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura (UE)2019/1936***. Kwalunkwe talba għal eżenzjoni għandha tkun ibbażata fuq analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u tal-benefiċċji, il-valutazzjoni tar-restrizzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew fiżiċi sinifikanti u/jew tal-impatti negattivi potenzjali fuq l-ambjent u l-bijodiversità tal-investimenti. |

**Emenda 291**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) it-titjib u l-promozzjoni tas-sikurezza fit-toroq, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-utenti vulnerabbli u tal-utenti tat-toroq fid-diversità kollha tagħhom, b'mod partikolari l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa; | (a) it-titjib u l-promozzjoni tas-sikurezza fit-toroq, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-utenti vulnerabbli u tal-utenti tat-toroq fid-diversità kollha tagħhom, b'mod partikolari l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa***, u filwaqt li jiġi żgurat infurzar xieraq, anki transfruntier, tal-leġiżlazzjoni relatata***; |

**Emenda 292**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-introduzzjoni ta' teknoloġiji innovattivi biex jittejjeb il-kontroll tal-konformità mal-qafas legali tal-Unjoni għat-trasport bit-triq, inklużi għodod ta' infurzar intelliġenti u awtomatizzati u infrastruttura tal-komunikazzjoni 5G; | (c) l-introduzzjoni ta' teknoloġiji innovattivi***, inklużi dawk diġitali,*** biex jittejjeb il-kontroll tal-konformità mal-qafas legali tal-Unjoni għat-trasport bit-triq, inklużi għodod ta' infurzar intelliġenti u awtomatizzati u infrastruttura tal-komunikazzjoni 5G***, sabiex tkun iffaċilitata l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet u sistemi intelliġenti, bħal SEDEA***; |

**Emenda 293**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) meta tinbena jew tiġi ammeljorata l-infrastruttura tat-toroq, jiġu żgurati l-kontinwità u l-aċċessibbiltà tal-mogħdijiet għall-mixi u għaċ-ċikliżmu sabiex jiġu promossi l-modi attivi tat-trasport. | (d) meta tinbena jew tiġi ammeljorata l-infrastruttura tat-toroq, ***tinbena simultanjament jew tiġi aġġornata infrastruttura konnessa jew parallela għall-mobbiltà attiva u*** jiġu żgurati l-kontinwità u l-aċċessibbiltà tal-mogħdijiet għall-mixi u għaċ-ċikliżmu sabiex jiġu promossi l-modi attivi tat-trasport. |

**Emenda 294**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) l-infrastruttura tat-trasport bl-ajru tipprevedi provvista ta' arja prekundizzjonata għal inġenji tal-ajru stazzjonarji. | (g) l-infrastruttura tat-trasport bl-ajru ***b'volum totali annwali ta' traffiku tal-passiġġieri ta' aktar minn erba' miljun passiġġier*** tipprevedi provvista ta' arja prekundizzjonata għal inġenji tal-ajru stazzjonarji. |

**Emenda 295**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fuq talba ta’ Stat Membru, il-Kummissjoni tista’, f’każijiet debitament ġustifikati, tagħti eżenzjonijiet permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti ***(a), (b), (c)*** u (g) tal-paragrafu 1. Kwalunkwe talba għal eżenzjoni għandha tkun ibbażata fuq analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u tal-benefiċċji jew tkun relatata mar-restrizzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew fiżiċi sinifikanti, inkluż in-nuqqas ta’ eżistenza ta’ sistema ferrovjarja fit-territorju. | 2. Fuq talba ta’ Stat Membru, il-Kummissjoni tista’, f’każijiet debitament ġustifikati, tagħti eżenzjonijiet permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti ***(b)*** u (g) tal-paragrafu 1. Kwalunkwe talba għal eżenzjoni għandha tkun ibbażata fuq analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u tal-benefiċċji jew tkun relatata mar-restrizzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew fiżiċi sinifikanti, inkluż in-nuqqas ta’ eżistenza ta’ sistema ferrovjarja fit-territorju. |

**Emenda 296**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) it-titjib tas-sostenibbiltà u l-mitigazzjoni tal-impatti klimatiċi, ambjentali u tal-istorbju, b’mod partikolari bl-introduzzjoni ta’ teknoloġiji u innovazzjoni ġodda, fjuwils alternattivi, inġenji tal-ajru b’emissjonijiet żero u baxxi u infrastruttura b’livelli żero u baxxi ta’ karbonju. | (e) it-titjib tas-sostenibbiltà u l-mitigazzjoni tal-impatti klimatiċi, ambjentali u tal-istorbju, b’mod partikolari bl-introduzzjoni ta’ teknoloġiji u innovazzjoni ġodda, fjuwils alternattivi, inġenji tal-ajru b’emissjonijiet żero u baxxi u infrastruttura b’livelli żero u baxxi ta’ karbonju ***f’konformità mar-Regolament (UE) [...] [dwar il-varar ta’ infrastruttura ta’ fjuwils alternattivi] u r-Regolament (UE) [...] [dwar l-iżgurar ta’ kundizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli].*** |

**Emenda 297**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 35 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Fi żmien sentejn*** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom iwettqu analiżi tas-suq u analiżi prospettiva dwar it-terminals multimodali tal-merkanzija fit-territorju tagħhom. Din l-analiżi għandha mill-inqas: | ***Sa ...[sena*** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***]***, l-Istati Membri għandhom iwettqu analiżi tas-suq u analiżi prospettiva dwar it-terminals multimodali tal-merkanzija fit-territorju tagħhom. Din l-analiżi għandha mill-inqas: |

**Emenda 298**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 35 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) teżamina l-flussi tat-traffiku attwali u futuri tal-merkanzija, inklużi l-flussi tat-traffiku tal-merkanzija ttrasportata bit-triq; | (a) teżamina l-flussi tat-traffiku attwali u futuri tal-merkanzija, inklużi l-flussi tat-traffiku tal-merkanzija ttrasportata bit-triq, ***bil-ferrovija, bl-ajru jew fuq l-ilma***; |

**Emenda 299**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 35 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw mal-ispedituri, mal-operaturi tat-trasport u mal-operaturi tal-loġistika li joperaw fit-territorju tagħhom. Huma għandhom iqisu r-riżultati tal-konsultazzjoni fl-analiżi tagħhom. | L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw mal-ispedituri, mal-operaturi tat-trasport u mal-operaturi tal-loġistika li joperaw fit-territorju tagħhom***, kif ukoll mal-entitajiet rilevanti***. Huma għandhom iqisu r-riżultati tal-konsultazzjoni fl-analiżi tagħhom. |

**Emenda 300**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 35 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Abbażi tal-analiżi skont il-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jelaboraw pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp | 4. Abbażi tal-analiżi skont il-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jelaboraw pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp |

| | |
|---|---|
| ta' network ta' terminal multimodali tal-merkanzija. Ir-riżultati tal-analiżi u l-pjan ta' azzjoni għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn sitt xhur wara li tiġi ffinalizzata l-analiżi, flimkien ma' lista ta' terminals stradali-ferrovjarji li l-Istat Membru jipproponi li jżid fl-Annessi I u II. | ta' network ta' terminal multimodali tal-merkanzija ***u jaħtru entità responsabbli għall-varar***. Ir-riżultati tal-analiżi u l-pjan ta' azzjoni għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn sitt xhur wara li tiġi ffinalizzata l-analiżi, flimkien ma' lista ta' terminals stradali-ferrovjarji li l-Istat Membru jipproponi li jżid fl-Annessi I u II. |

**Emenda 301**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ikunu konnessi mal-modi ta' trasport li huma disponibbli fiż-żona, fejn fattibbli***, sakemm ma jkunux ġustifikati f'termini tal-kostijiet u l-benefiċċji soċjoekonomiċi***; | (a) ikunu konnessi mal-modi ta' trasport li huma disponibbli fiż-żona, fejn fattibbli; |

**Emenda 302**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ikunu mgħammra b'mill-inqas stazzjon tal-irriċarġjar wieħed kif definit ***fil-punt (43) tal-Artikolu 2 tar-Regolament*** (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi] iddedikat biex iservi lill-vetturi heavy-duty, sal-31 ta' Diċembru 2030; | (b) ikunu mgħammra b'mill-inqas stazzjon tal-irriċarġjar ***u tar-riforniment*** wieħed kif definit ***fir-Regolament*** (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi]***, użat għall-idroġenu,*** iddedikat biex iservi lill-vetturi heavy-duty, sal-31 ta' Diċembru 2030; |

**Emenda 303**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt c – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) il-forniment ta' flussi ta' informazzjoni f'terminal u bejn il-modi ta' | (ii) il-forniment ta' flussi ta' informazzjoni ***interoperabbli*** f'terminal u |

| | |
|---|---|
| trasport tul il-katina loġistika u t-terminal. | bejn il-modi ta' trasport tul il-katina loġistika u t-terminal. |

**Emenda 304**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw b'mod ġust u mhux diskriminatorju li t-terminals multimodali tal-merkanzija msemmija fl-Artikolu 35(1) u li jkunu konnessi man-network ferrovjarju, sal-31 ta' Diċembru 2030, ***ikunu*** jistgħu jimmaniġġjaw it-tipi kollha ta' unitajiet ta' tagħbija intermodali jekk jiġu kklassifikati bħala terminali intermodali u jekk iwettqu trażbord vertikali. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw b'mod ġust u mhux diskriminatorju li ċ-ċentri multimodali tal-merkanzija msemmija fl-Artikolu 35(1) u li jkunu konnessi man-network ferrovjarju, sal-31 ta' Diċembru 2030, ***għandhom biżżejjed kapaċità għat-trażbord u jkunu*** jistgħu jimmaniġġjaw it-tipi kollha ta' unitajiet ta' tagħbija intermodali jekk jiġu kklassifikati bħala ċentri intermodali u jekk iwettqu trażbord vertikali. |

**Emenda 305**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, l-eżenzjonijiet mill-obbligi skont il-paragrafi minn ***1*** sa 4 jistgħu jingħataw mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, fejn l-investiment fl-infrastruttura ma jkunx jista' jiġi ġġustifikat f'termini ta' kostijiet u benefiċċji soċjoekonomiċi, b'mod partikolari meta t-terminal ikun jinsab f'żona ristretta mil-lat ta' spazju. | 5. Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, l-eżenzjonijiet mill-obbligi skont il-paragrafi minn ***2*** sa 4 jistgħu jingħataw mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, fejn l-investiment fl-infrastruttura ma jkunx jista' jiġi ġġustifikat f'termini ta' kostijiet u benefiċċji soċjoekonomiċi, b'mod partikolari meta t-terminal ikun jinsab f'żona ristretta mil-lat ta' spazju. |

**Emenda 306**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) l-iffaċilitar tal-infurzar diġitali tad-dritt rilevanti tal-Unjoni;*** |

**Emenda 307**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(eb) il-promozzjoni ta' infrastruttura tat-trasport multimodali li tiffaċilita bidla modali effettiva lejn modi ta' trasport sostenibbli.*** |

**Emenda 308**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-konnessjonijiet tal-ewwel u tal-aħħar mil bejn u għal dawn il-punti ta' aċċess. | (c) il-konnessjonijiet tal-ewwel u tal-aħħar mil bejn u għal dawn il-punti ta' aċċess***, inklużi l-mobbiltà attiva, il-ferroviji ħfief u infrastruttura oħra tat-trasport pubbliku***. |

**Emenda 309**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) id-disponibbiltà ta' infrastruttura għall-irriċarġjar u r-riforniment ta' fjuwils alternattivi, inkluż ***fil-pjattaformi tal-loġistika*** u għat-trasport pubbliku f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi]; | (a) id-disponibbiltà ta' infrastruttura għall-irriċarġjar u r-riforniment ta' fjuwils alternattivi, inkluż ***fit-terminals tal-merkanzija multimodali*** u għat-trasport pubbliku f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi]; |

**Emenda 310**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt b – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) l-adozzjoni ta' pjan ta' mobbiltà urbana sostenibbli (SUMP) f'konformità mal-Anness V, li jinkludi, notevolment, miżuri maħsuba biex jintegraw il-modi differenti ta' trasport, biex jippromwovu mobbiltà effiċjenti mingħajr emissjonijiet, ***inkluża*** loġistika urbana ***sostenibbli*** u ***mingħajr emissjonijiet***, biex inaqqsu t-tniġġis tal-arja u tal-istorbju, u li jqis il-flussi tat-trasport trans-Ewropew fuq distanzi twal; | (i) l-adozzjoni ta' pjan ta' mobbiltà urbana sostenibbli (SUMP) f'konformità mal-Anness V, li jinkludi, notevolment, miżuri maħsuba biex jintegraw il-modi differenti ta' trasport, biex ***jevalwaw l-affordabbiltà u l-aċċessibbiltà tagħhom għall-utenti biex jindirizzaw il-faqar tal-mobbiltà, biex*** jippromwovu mobbiltà effiċjenti mingħajr emissjonijiet ***u b'emissjonijiet baxxi***, ***inklużi modi attivi u trasport pubbliku, kif ukoll*** loġistika urbana ***mingħajr emissjonijiet*** u ***b'emissjonijiet baxxi***, biex inaqqsu t-tniġġis tal-arja u tal-istorbju, u li jqis il-flussi tat-trasport trans-Ewropew fuq distanzi twal; |

**Emenda 311**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt b – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) il-ġbir u s-sottomissjoni lill-Kummissjoni ta' data dwar il-mobbiltà urbana għal kull nodu urban li tkopri, bħala minimu, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-konġestjoni, l-aċċidenti u l-korrimenti, is-sehem modali u ***l-aċċess għal servizz*** ta' mobbiltà, kif ukoll id-data dwar it-tniġġis tal-arja u tal-istorbju. Minn hemm 'il quddiem, din id-data għandha tiġi sottomessa kull sena; | (ii) il-ġbir u s-sottomissjoni lill-Kummissjoni ta' data dwar il-mobbiltà urbana għal kull nodu urban li tkopri, bħala minimu, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-konġestjoni, l-aċċidenti u l-korrimenti, is-sehem modali u ***l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tas-servizz pubbliku u privat*** ta' mobbiltà, ***inkluż għal utenti tat-toroq vulnerabbli u għal nies b'mobbiltà mnaqqsa,*** kif ukoll id-data dwar it-tniġġis tal-arja u tal-istorbju***. Fejn possibbli, id-data miġbura għandha tiġi diżaggregata skont l-età, il-ġeneru u d-diżabbiltà***. Minn hemm 'il quddiem, din id-data għandha tiġi sottomessa kull sena; |

**Emenda 312**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt b – punt iia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iia) l-adozzjoni ta' miżuri konkreti li jrawmu l-varar usa' ta' għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) u sistemi tat-trasport intelliġenti (STI), b'aċċess miftuħ għall-operaturi kollha, biex jippermettu itinerarji ottimizzati għall-vetturi bil-ħsieb li tittejjeb il-ġestjoni tal-flussi tat-traffiku, jitnaqqsu l-konġestjoni u t-tniġġis tal-arja u tittejjeb is-sikurezza fit-toroq, kif ukoll l-informazzjoni f'ħin reali dwar id-disponibbiltà ta' infrastruttura għal fjuwils alternattivi.*** |

**Emenda 313**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt b – punt iib (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iib) il-valutazzjoni u d-deskrizzjoni ta' soluzzjonijiet possibbli biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' investiment meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-obbligi skont dan l-Artikolu u biex jiġu evitati konġestjonijiet fin-nodi urbani.*** |

**Emenda 314**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt c – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) għat-trasport tal-passiġġieri: l-interkonnessjoni sostenibbli, mingħajr xkiel u sikura bejn it-trasport bil-ferrovija, | (i) għat-trasport tal-passiġġieri: l-interkonnessjoni sostenibbli, mingħajr xkiel u sikura bejn it-trasport bil-ferrovija, |

| | |
|---|---|
| bit-triq u bl-ajru, il-modi attivi ta' trasport u, skont kif xieraq, l-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni u l-infrastruttura marittima; | bit-triq u bl-ajru, il-modi attivi ta' trasport, ***inkluż it-trasport pubbliku u, fejn possibbli, infrastrutturi tal-EuroVelo,*** u, skont kif xieraq, l-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni u l-infrastruttura marittima; |

**Emenda 315**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt c – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) għat-trasport tal-passiġġieri: il-kapaċità tal-passiġġieri li jaċċessaw l-informazzjoni, jipprenotaw u jħallsu l-vjaġġi tagħhom u jakkwistaw il-biljetti tagħhom permezz ta' servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali; | (ii) għat-trasport tal-passiġġieri: il-kapaċità tal-passiġġieri li jaċċessaw l-informazzjoni, jipprenotaw u jħallsu l-vjaġġi tagħhom u jakkwistaw il-biljetti tagħhom permezz ta' servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali ***u li jippermettu, meta possibbli, il-ħruġ wieħed ta' biljetti meta jkunu involuti operaturi differenti***; |

**Emenda 316**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt c – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) għat-trasport tal-merkanzija: l-interkonnessjoni sostenibbli, mingħajr xkiel u sikura bejn it-trasport bil-ferrovija, bit-triq u, skont kif xieraq, l-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni, l-infrastruttura tal-ajru u marittima, kif ukoll il-konnessjonijiet xierqa ***mal-pjattaformi*** u l-faċilitajiet ***loġistiċi***; | (iii) għat-trasport tal-merkanzija: l-interkonnessjoni sostenibbli, mingħajr xkiel u sikura bejn it-trasport bil-ferrovija, bit-triq u, skont kif xieraq, l-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni, l-infrastruttura tal-ajru u marittima, kif ukoll il-konnessjonijiet xierqa ***mat-terminali multimodali tal-merkanzija*** u l-faċilitajiet***, u ż-żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri għat-trakkijiet***; |

**Emenda 317**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt c – punt iv**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (iv) l-iżvilupp ta' ċentri multimodali tal-passiġġieri biex jiġu ffaċilitati l-konnessjonijiet tal-ewwel u l-aħħar mil li jkunu mgħammra b'mill-inqas stazzjon tal-irriċarġjar wieħed kif definit ***fil-punt (43) tal-Artikolu*** 2 tar-Regolament (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi] iddedikat biex iservi lill-vetturi heavy-duty; | (iv) l-iżvilupp ta' ċentri multimodali tal-passiġġieri biex jiġu ffaċilitati l-konnessjonijiet tal-ewwel u l-aħħar mil li jkunu mgħammra b'mill-inqas stazzjon tal-irriċarġjar ***u tar-riforniment*** wieħed kif definit ***fl-Artikolu*** 2 tar-Regolament (UE) […] [dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi]***, użat għall-idroġenu,*** iddedikat biex iservi lill-vetturi heavy-duty; |

**Emenda 318**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt d**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (d) sal-31 ta' Diċembru 2040: l-iżvilupp ta' mill-inqas terminal multimodali wieħed tal-merkanzija li jippermetti kapaċità suffiċjenti ta' trażbord fi ħdan in-nodu urban jew fil-viċinanza tiegħu. | (d) sal-31 ta' Diċembru 2040: l-iżvilupp ta' mill-inqas terminal multimodali wieħed tal-merkanzija li jippermetti kapaċità suffiċjenti ta' trażbord ***biex jissodisfa l-ħtiġijiet loġistiċi urbani u jiżgura konnessjonijiet tal-aħħar mil*** fi ħdan in-nodu urban jew fil-viċinanza tiegħu***, bil-possibbiltà li terminal wieħed iservi aktar minn nodu urban wieħed, jekk il-kapaċità tippermetti***. |

**Emenda 319**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(da) mill-1 ta' Jannar 2026, il-finanzjament tal-UE għal proġetti ta' interess komuni relatati ma' nodi urbani għandu jkun kondizzjonali għall-adozzjoni ta' SUMPs f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V.*** |

**Emenda 320**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha tadotta, mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament, att ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxi metodoloġija għad-data li għandha tinġabar mill-Istati Membri msemmija taħt il-punt (ii) tal-paragrafu (b). Dak l-att ta’ implimentazzjoni għandu jiġi adottat f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 59(3). | 2. Il-Kummissjoni għandha***, f’kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali,*** tadotta, mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament, att ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxi metodoloġija għad-data li għandha tinġabar mill-Istati Membri msemmija taħt il-punt (ii) tal-paragrafu (b). ***Meta tagħmel dan, għandhom jitqiesu d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tad-data fil-livell lokali kif ukoll il-pjanijiet ta’ mobbiltà urbana lokali u reġjonali eżistenti.*** Dak l-att ta’ implimentazzjoni għandu jiġi adottat f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 59(3). |

**Emenda 321**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Sa... [sena wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jaħtru punt ta’ kuntatt nazzjonali tas-SUMP u jistabbilixxu programm nazzjonali SUMP bl-għan li jappoġġaw in-nodi urbani biex jadottaw u jimplimentaw is-SUMP li huma msemmija fil-punt (b), is-sottopunt (i). Il-punt ta’ kuntatt nazzjonali tas-SUMP u l-programm nazzjonali SUMP għandhom b’mod partikolari jipprovdu assistenza teknika u appoġġ espert għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tas-SUMPs. F’kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, huwa għandu jimmonitorja regolarment l-implimentazzjoni xierqa tas-SUMPs, il-progress lejn l-objettivi tal-politika*** |

| | |
|---|---|
| | ***settorjali, inklużi d-dekarbonizzazzjoni, is-sikurezza fit-toroq, il-koerenza mal-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli u l-Klima, il-Pjanijiet tal-Loġistika Urbana Sostenibbli, u pjanijiet rilevanti oħra. Il-punt ta' kuntatt nazzjonali tas-SUMP għandu jrawwem l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn in-nodi urbani u jista' joħroġ rakkomandazzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti u l-istandards minimi.*** |

**Emenda 322**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tippreżenta atti ta' implimentazzjoni bi standards ta' sikurezza armonizzati għall-infrastruttura tat-trasport bir-roti, u għall-infrastruttura tat-trasport bil-mixi.*** |

**Emenda 323**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fil-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni relatati man-nodi urbani u minbarra l-prijoritajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikoli 12 u 13, ***għandha tingħata attenzjoni lil dawn li ġejjin***: | Fil-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni relatati man-nodi urbani u minbarra l-prijoritajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikoli 12 u 13, ***in-nodi urbani għandhom jiżguraw***: |

**Emenda 324**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-mitigazzjoni tal-esponiment ta’ żoni urbani għall-effetti negattivi tat-trasport ta’ tranżitu bil-ferrovija jew bit-triq, ***li jistgħu jinkludu bypasses***; | (b) il-mitigazzjoni tal-esponiment ta’ żoni urbani għall-effetti negattivi tat-trasport ta’ tranżitu bil-ferrovija u bit-triq, ***b’mod partikolari fl-aktar żoni affettwati, inkluża l-integrazzjoni tal-infrastruttura għal modi attivi fi ħdan infrastruttura ferrovjarja u tat-toroq li tkun għadha kif inbniet jew ġiet imtejba, inklużi l-pontijiet***; |

**Emenda 325**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-promozzjoni ta’ trasport u mobbiltà effiċjenti, b’livell baxx ta’ storbju u mingħajr emissjonijiet, inkluża l-ekoloġizzazzjoni tal-flotot urbani; | (c) il-promozzjoni ta’ trasport u mobbiltà ***sostenibbli jew*** effiċjenti, b’livell baxx ta’ storbju u mingħajr emissjonijiet, inkluża l-ekoloġizzazzjoni tal-flotot urbani; |

**Emenda 326**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) iż-żieda fis-sehem modali tat-trasport pubbliku u tal-modi attivi; | (d) iż-żieda fis-sehem modali tat-trasport pubbliku u tal-modi attivi***, inkluż billi jiġi pprovdut parkeġġ sikur għar-roti fl-istazzjonijiet tal-ferrovija u tal-karozzi tal-linja, b’żoni ta’ ċċarġjar iddedikati għar-roti elettriċi, kif ukoll infrastruttura sikura u sigura għall-modi attivi***; |

**Emenda 327**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) żieda fl-aċċessibbiltà u l-konnettività bejn żoni urbani u rurali u aċċess mingħajr xkiel għal trasport intelliġenti, sostenibbli u affordabbli;*** |

**Emenda 328**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(eb) iż-żieda, fejn rilevanti, tal-konnessjonijiet ferrovjarji ħfief/tal-metrò bejn is-sezzjonijiet ta' konġestjoni bejn żewġ nodi urbani transfruntiera.*** |

**Emenda 329**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 – paragrafu 3 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) għal SEDEA (Żona Unika Ewropea għall-Infurzar Diġitali): l-aġġornamenti kollha tal-infrastruttura meħtieġa biex jippermettu l-iskambju tad-data f'ħin reali bejn il-vetturi kummerċjali u l-awtoritajiet tal-infurzar.*** |

**Emenda 330**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jippromwovu proġetti ta' interess komuni li jipprovdu servizzi effiċjenti ta' trasport tal-merkanzija li jużaw l-infrastruttura tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li | 1. L-Istati Membri għandhom jippromwovu proġetti ta' interess komuni li jipprovdu servizzi effiċjenti ta' trasport tal-merkanzija li jużaw l-infrastruttura tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li |

| | |
|---|---|
| jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ***tad-diossidu tal-karbonju*** u ta' impatti ambjentali negattivi oħrajn, u li għandhom l-għan li: | jikkontribwixxu għat-tnaqqis ***tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra*** u ta' impatti ambjentali negattivi oħrajn, ***bħal tniġġis tal-arja u tal-istorbju,*** u li għandhom l-għan li: |

**Emenda 331**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) itejbu l-konnessjonijiet mal-aktar partijiet vulnerabbli u iżolati tal-Unjoni, b'mod partikolari r-reġjuni ultraperiferiċi, u reġjuni remoti, insulari, periferali u muntanjużi oħrajn, kif ukoll żoni skarsament popolati. | (e) itejbu l-konnessjonijiet mal-aktar partijiet vulnerabbli u iżolati tal-Unjoni, b'mod partikolari r-reġjuni ultraperiferiċi, u reġjuni remoti, insulari, periferali u muntanjużi oħrajn, kif ukoll żoni skarsament popolati***, sabiex jiffaċilitaw servizzi regolari u frekwenti***. |

**Emenda 332**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jappoġġaw u jippromwovu d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport permezz ta' tranżizzjoni għal vetturi, bastimenti u inġenji tal-ajru b'emissjonijiet żero u baxxi u teknoloġiji innovattivi u sostenibbli oħrajn tat-trasport u tan-networks***, bħal hyperloop***; | (a) jappoġġaw u jippromwovu d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport permezz ta' tranżizzjoni għal vetturi, bastimenti***, lokomottivi*** u inġenji tal-ajru b'emissjonijiet żero u baxxi ***li jaħdmu bi fjuwils alternattivi u rinnovabbli*** u teknoloġiji innovattivi u sostenibbli oħrajn tat-trasport u tan-networks; |

**Emenda 333**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) joħolqu kundizzjonijiet xierqa biex jippromwovu u jvaraw teknoloġiji*** |

| | |
|---|---|
| | ***emerġenti sostenibbli bħal operazzjonijiet ferrovjarji awtomatizzati, vetturi awtonomi, droni tal-passiġġieri u tal-merkanzija sabiex jissalvagwardjaw it-tmexxija tal-Unjoni f'dawk it-teknoloġiji u jheġġu l-investimenti privati u pubbliċi fl-infrastruttura meħtieġa għal modi ġodda ta' mobbiltà, bħal operazzjonijiet urbani tad-droni tal-aħħar mil, mogħdijiet għaċ-ċikliżmu elevati, ferroviji maglev u hyperloop;*** |

**Emenda 334**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jagħmlu possibbli d-dekarbonizzazzjoni tal-modi kollha ta' trasport billi jistimolaw l-effiċjenza enerġetika, jintroduċu soluzzjonijiet b'emissjonijiet żero u baxxi, inklużi sistemi ta' provvista tal-idroġenu u tal-elettriku, kif ukoll soluzzjonijiet ġodda oħrajn bħal fjuwils sostenibbli, u jipprovdu infrastruttura korrispondenti. Tali infrastruttura tista' tinkludi aċċess għall-grilja u faċilitajiet oħrajn meħtieġa għall-provvista tal-enerġija, tista' tqis l-interfaċċja tal-infrastruttura-vettura u tista' tinkludi sistemi tal-ICT għat-trasport. L-infrastruttura tat-trasport tista' sservi bħala ċentru tal-enerġija biex isservi lil modi differenti ta' trasport; | (b) jagħmlu possibbli d-dekarbonizzazzjoni tal-modi kollha ta' trasport billi jistimolaw l-effiċjenza enerġetika, jintroduċu soluzzjonijiet b'emissjonijiet żero u baxxi, inklużi sistemi ta' provvista tal-idroġenu***, tal-bijofjuwils*** u tal-elettriku, kif ukoll soluzzjonijiet ġodda oħrajn bħal fjuwils sostenibbli, u jipprovdu infrastruttura korrispondenti. Tali infrastruttura tista' tinkludi aċċess ***bidirezzjonali*** għall-grilja***, unitajiet induttivi jew mingħajr fili u mingħajr kwalunkwe konnettur, pipelines*** u faċilitajiet oħrajn meħtieġa għall-provvista tal-enerġija, tista' tqis l-interfaċċja tal-infrastruttura-vettura u tista' tinkludi sistemi tal-ICT għat-trasport. L-infrastruttura tat-trasport tista' sservi bħala ċentru tal-enerġija biex isservi lil modi differenti ta' trasport ***u tistabbilizza l-grilja, filwaqt li tikkontribwixxi għall-varar ta' soluzzjonijiet ta' enerġija sostenibbli***; |

**Emenda 335**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jappoġġaw l-adozzjoni u l-varar ta' teknoloġiji diġitali ġodda, b'mod partikolari jippromwovu l-infrastruttura tal-konnettività b'kopertura mingħajr interruzzjoni tul il-Kurituri Ewropej tat-Trasport biex jiżguraw l-ogħla livell u prestazzjoni tal-infrastruttura diġitali u jilħqu livelli ogħla ta' awtomatizzazzjoni; | (c) jappoġġaw l-adozzjoni u l-varar ta' teknoloġiji diġitali ġodda, b'mod partikolari jippromwovu l-infrastruttura tal-konnettività b'kopertura mingħajr interruzzjoni tul il-Kurituri Ewropej tat-Trasport biex jiżguraw l-ogħla livell u prestazzjoni tal-infrastruttura diġitali u jilħqu livelli ogħla ta' awtomatizzazzjoni ***b'mod partikolari fis-settur ferrovjarju***; |

**Emenda 336**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) itejbu l-operat, il-ġestjoni, l-aċċessibbiltà, l-interoperabbiltà, il-multimodalità u l-effiċjenza tan-network, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali u l-iżvilupp ta' infrastruttura li tippermetti l-multimodalità bla xkiel, bħall-konnessjoni ferrovjarja ta' veloċità għolja u l-konnessjoni mal-bliet bil-ferrovija/bit-tramm fl-ajruporti; | (e) itejbu l-operat, il-ġestjoni, l-aċċessibbiltà, l-interoperabbiltà, il-multimodalità u l-effiċjenza tan-network, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali***, l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet "Il-mobbiltà bħala servizz", inkluż f'territorji fejn ingħataw eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tekniċi tat-TEN-T,*** u l-iżvilupp ta' infrastruttura li tippermetti l-multimodalità bla xkiel, bħall-konnessjoni ferrovjarja ta' veloċità għolja***, ferroviji billejl,*** u l-konnessjoni mal-bliet bil-ferrovija/bit-tramm fl-ajruporti; |

**Emenda 337**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) jippromwovu modi effiċjenti biex tiġi pprovduta informazzjoni aċċessibbli u komprensiva lill-utenti u l-fornituri kollha tas-servizzi tat-trasport rigward l-impatti ambjentali tal-għażliet tat-trasport tagħhom; | (g) jippromwovu modi effiċjenti biex tiġi pprovduta informazzjoni aċċessibbli u komprensiva lill-utenti u l-fornituri kollha tas-servizzi tat-trasport rigward l-impatti ambjentali tal-għażliet tat-trasport tagħhom, ***ibbażati fuq approċċ sħiħ taċ-*** |

| | |
|---|---|
| | ***ċiklu tal-ħajja stabbilit taħt metodoloġija komuni kif stabbilita fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament*** ; |

**Emenda 338**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) jippromwovu miżuri biex jitnaqqsu l-kostijiet esterni, bħall-konġestjoni, il-ħsara lis-saħħa u t-tniġġis ta' kwalunkwe tip, inklużi l-istorbju u l-emissjonijiet; | (h) jippromwovu miżuri biex jitnaqqsu ***u jiġu internalizzati*** l-kostijiet esterni, bħall-konġestjoni, il-ħsara lis-saħħa u t-tniġġis ta' kwalunkwe tip, inklużi l-istorbju u l-emissjonijiet; |

**Emenda 339**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt k**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (k) ikomplu javvanzaw l-iżvilupp u l-varar ta' sistemi tal-ICT u ta' teknoloġiji ġodda għat-trasport fi ħdan u bejn il-modi ta' trasport**.** | (k) ikomplu javvanzaw l-iżvilupp u l-varar ta' sistemi tal-ICT u ta' teknoloġiji ġodda għat-trasport fi ħdan u bejn il-modi ta' trasport***, b'enfasi partikolari fuq il-ferrovija;*** |

**Emenda 340**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt ka (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ka) jikkoordinaw, fejn rilevanti, l-implimentazzjoni tal-iżviluppi u l-varar ta' teknoloġiċi innovattivi inklużi fil-paragrafu 1 ma' pajjiżi ġirien, b'mod partikolari f'sezzjonijiet transfruntiera.*** |

**Emenda 341**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 45 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura tat-trasport tipprevedi movimenti sikuri u siguri tal-passiġġieri u tal-merkanzija. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura tat-trasport tipprevedi movimenti sikuri u siguri tal-passiġġieri u tal-merkanzija***, inkluż billi tiggarantixxi livell xieraq ta' manutenzjoni tul il-ħajja tal-infrastruttura tat-trasport***. |

**Emenda 342**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta jippjanaw l-infrastruttura, l-Istati Membri għandhom ***itejbu s-sigurtà*** u r-reżiljenza tal-infrastruttura tat-trasport għat-tibdil fil-klima, il-perikli naturali, id-diżastri kkawżati mill-bniedem, kif ukoll it-tfixkil intenzjonat li jaffettwa l-funzjonament tas-sistema tat-trasport tal-Unjoni. Meta jimplimentaw proġetti ta' interess komuni, l-Istati Membri għandhom iqisu: | 1. Meta jippjanaw l-infrastruttura, l-Istati Membri għandhom ***jiżguraw l-ogħla livell tas-sigurtà*** u r-reżiljenza tal-infrastruttura tat-trasport għat-tibdil fil-klima, il-perikli naturali, ***il-bidliet ġeopolitiċi,*** id-diżastri kkawżati mill-bniedem, kif ukoll it-tfixkil intenzjonat***, inkluż minn persuni fiżiċi jew impriżi minn pajjiżi terzi,*** li jaffettwa l-funzjonament tas-sistema tat-trasport tal-Unjoni. Meta jimplimentaw proġetti ta' interess komuni, l-Istati Membri għandhom iqisu: |

**Emenda 343**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-kwalità strutturali tal-infrastruttura matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħha, b'attenzjoni partikolari għall-kundizzjonijiet klimatiċi pproġettati futuri; | (c) il-kwalità strutturali tal-infrastruttura matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħha, b'attenzjoni partikolari għall-kundizzjonijiet klimatiċi ***u ambjentali*** pproġettati futuri; |

**Emenda 344**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) il-protezzjoni ċivili jeħtieġ li tirreaġixxi għat-tfixkil; | (d) il-protezzjoni ċivili jeħtieġ li tirreaġixxi għat-tfixkil ***kif ukoll għat-trasport ta' oġġetti perikolużi***; |

**Emenda 345**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) iċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza tal-infrastruttura, b'attenzjoni partikolari ***għall-infrastruttura*** transfruntiera. | (e) iċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza tal-infrastruttura, b'attenzjoni partikolari ***għall-parteċipazzjoni jew il-kontribuzzjoni minn persuni fiżiċi jew impriżi minn pajjiżi terzi fl-infrastruttura strateġika u*** transfruntiera. |

**Emenda 346**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-proġetti ta' interess komuni li għalihom trid titwettaq valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformità mad-Direttiva 2011/92/UE għandhom ikunu soġġetti għal verifika tar-reżistenza klimatika. Il-verifika tar-reżistenza klimatika għandha titwettaq abbażi tal-aħjar prattika u gwida disponibbli l-aktar reċenti biex jiġi żgurat li l-infrastrutturi tat-trasport ikunu reżiljenti għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima, permezz ta' valutazzjoni tal-vulnerabbiltà klimatika u valutazzjoni tar-riskji, inkluż permezz ta' miżuri ta' adattament rilevanti, u permezz tal-integrazzjoni tal-kostijiet tal- | 2. Il-proġetti ta' interess komuni li għalihom trid titwettaq valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformità mad-Direttiva 2011/92/UE għandhom ikunu soġġetti għal verifika tar-reżistenza klimatika. Il-verifika tar-reżistenza klimatika għandha titwettaq abbażi tal-aħjar prattika u gwida disponibbli l-aktar reċenti biex jiġi żgurat li l-infrastrutturi tat-trasport ikunu reżiljenti għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima, permezz ta' valutazzjoni tal-vulnerabbiltà klimatika u valutazzjoni tar-riskji, inkluż permezz ta' miżuri ta' adattament rilevanti, u permezz tal-integrazzjoni tal-kostijiet ***tal-proġett*** |

emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-analiżi kost-benefiċċji. Tali rekwiżit ma japplikax għal proġetti li għalihom tkun tlestiet il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

***taċ-ċiklu tal-ħajja*** tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-analiżi kost-benefiċċji. Tali rekwiżit ma japplikax għal proġetti li għalihom tkun tlestiet il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

**Emenda 347**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu "Korsiji Ħodor" għall-funzjonament kontinwu tal-ktajjen tal-provvista, kif ukoll l-ivvjaġġar essenzjali tul in-network trans-Ewropew tat-trasport, sabiex jevitaw il-possibbiltà ta' skarsezzi ta' oġġetti essenzjali u jiżguraw l-prestazzjoni ta' infrastrutturi tat-trasport f'każ ta' emerġenza, f'kooperazzjoni stretta mal-Kummissjoni u mal-Koordinaturi Ewropej.*** |

**Emenda 348**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Sal-31 ta' Diċembru 2025, l-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni biex jidentifikaw, fuq in-network ewlieni u komprensiv tagħhom, l-infrastrutturi kritiċi tat-trasport eżistenti kollha, inkluż fir-rigward tal-modi kollha, u jivvalutaw ir-reżiljenza tagħhom għat-tibdil fil-klima, permezz ta' test tal-vulnerabbiltà klimatika u ambjentali u valutazzjoni tar-riskju. Sal-31 ta' Diċembru 2029, l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri ta' adattament kollha meħtieġa biex jaġġornaw dawk l-infrastrutturi.*** |

**Emenda 349**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Riskji għas-sigurtà ***jew*** għall-ordni pubbliku | Riskji għas-sigurtà**,** l-ordni pubbliku ***u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni*** |

**Emenda 350**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe proġett ta’ interess komuni fit-territorju tagħhom bil-parteċipazzjoni jew bil-kontribut ta’ kwalunkwe tip ta’ persuna fiżika ta’ pajjiż terz jew impriża ta’ pajjiż terz bil-ħsieb li jippermettu valutazzjoni tal-impatt tiegħu fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni. Dan l-obbligu ma għandux japplika għal investimenti diretti barranin innotifikati lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħrajn skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2019/452. | 1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe proġett ta’ interess komuni fit-territorju tagħhom bil-parteċipazzjoni jew bil-kontribut ta’ kwalunkwe tip ta’ persuna fiżika ta’ pajjiż terz jew impriża ta’ pajjiż terz bil-ħsieb li jippermettu valutazzjoni tal-impatt tiegħu fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni ***u jiżguraw kompetizzjoni ġusta fl-akkwist pubbliku***. Dan l-obbligu ma għandux japplika għal investimenti diretti barranin innotifikati lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħrajn skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2019/452. |

**Emenda 351**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) il-konformità tal-proġett ippjanat ta’ interess komuni mar-rekwiżiti u l-istandards li jirriżultaw minn dan ir-Regolament;*** |

**Emenda 352**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ***jagħmlu ħilithom biex*** jipprovdu kwalunkwe informazzjoni***, jekk disponibbli,*** rilevanti għall-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni skont il-punti (a), (b) u (c) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 5. | Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jipprovdu kwalunkwe informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni skont il-punti (a), (b) u (c) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 5. |

**Emenda 353**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Fejn Stat Membru jikkunsidra li investiment dirett barrani li jkun qed jiġi skrinjat fi Stat Membru ieħor x'aktarx jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tiegħu, jew ikollu informazzjoni rilevanti għal tali skrinjar, huwa jista' jipprovdi kummenti lill-Istat Membru li jwettaq l-iskrinjar. L-Istat Membru li jipprovdi l-kummenti għandu fl-istess ħin jibgħathom ukoll lill-Kummissjoni.*** <br> ***Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membri l-oħra li ġew ipprovduti kummenti.*** |

**Emenda 354**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istat Membru fejn ikun ippjanat il-proġett ta' interess komuni għandu jiżgura li l-informazzjoni addizzjonali mitluba mill-Kummissjoni ssir disponibbli għall- | L-Istat Membru fejn ikun ippjanat il-proġett ta' interess komuni għandu jiżgura li l-informazzjoni addizzjonali mitluba mill-Kummissjoni ssir disponibbli għall- |

| | |
|---|---|
| Kummissjoni ***mingħajr dewmien żejjed***. | Kummissjoni ***sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara t-talba***. |

**Emenda 355**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 3 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istat Membru fejn ikun ippjanat il-proġett ta' interess komuni jista' jitlob lill-persuna fiżika ta' pajjiż terz jew lil impriża ta' pajjiż terz biex tipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3. Il-persuna fiżika ta' pajjiż terz jew impriża ta' pajjiż terz ikkonċernat għandha tipprovdi l-informazzjoni mitluba ***mingħajr dewmien żejjed***. | L-Istat Membru fejn ikun ippjanat il-proġett ta' interess komuni jista' jitlob lill-persuna fiżika ta' pajjiż terz jew lil impriża ta' pajjiż terz biex tipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3. Il-persuna fiżika ta' pajjiż terz jew impriża ta' pajjiż terz ikkonċernat għandha tipprovdi l-informazzjoni mitluba ***sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara t-talba***. ***L-Istat Membru għandu jivverifika li l-informazzjoni pprovduta mill-persuna fiżika jew mill-impriża tal-pajjiż terz tkun korretta.*** |

**Emenda 356**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-Kummissjoni tqis li l-parteċipazzjoni jew il-kontribut ta' kwalunkwe tip ta' persuna fiżika ta' pajjiż terz jew impriża ta' pajjiż terz x'aktarx li jaffettwaw l-infrastruttura kritika fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku, jew ikollha informazzjoni rilevanti b'rabta ma' dik il-parteċipazzjoni jew dak il-kontribut, jew il-proġett ta' interess komuni kkonċernat, hija ***tista'*** toħroġ ***opinjoni*** indirizzata lill-Istat Membru fejn ikun ippjanat il-proġett ta' interess komuni. | Meta l-Kummissjoni tqis li l-parteċipazzjoni jew il-kontribut ta' kwalunkwe tip ta' persuna fiżika ta' pajjiż terz jew impriża ta' pajjiż terz x'aktarx li jaffettwaw l-infrastruttura kritika fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport għal raġunijiet ta' ***standardizzazzjoni,*** sigurtà jew ordni pubbliku, jew ikollha informazzjoni rilevanti b'rabta ma' dik il-parteċipazzjoni jew dak il-kontribut, jew il-proġett ta' interess komuni kkonċernat, hija ***għandha*** toħroġ ***deċiżjoni*** indirizzata lill-Istat Membru fejn ikun ippjanat il-proġett ta' interess komuni. |

**Emenda 357**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B'hekk, infrastruttura kritika tfisser assi, sistema jew parti minnhom użati għal finijiet ta' trasport u li jinsabu fi Stati Membri li huma essenzjali għaż-żamma ta' funzjonijiet vitali tas-soċjetà, is-saħħa, is-sikurezza, is-sigurtà, il-benesseri ekonomiku jew soċjali tan-nies, u li t-tfixkil jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt sinifikanti fi Stat Membru bħala riżultat tan-nuqqas ta' żamma ta' dawk il-funzjonijiet. | B'hekk, infrastruttura kritika tfisser assi, sistema jew parti minnhom użati għal finijiet ta' trasport u li jinsabu fi Stati Membri li huma essenzjali għaż-żamma ta' funzjonijiet vitali tas-soċjetà, is-saħħa, is-sikurezza, is-sigurtà, ***id-difiża,*** il-benesseri ekonomiku jew soċjali tan-nies, u li t-tfixkil jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt sinifikanti fi Stat Membru bħala riżultat tan-nuqqas ta' żamma ta' dawk il-funzjonijiet. |

**Emenda 358**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fid-determinazzjoni ta' jekk il-parteċipazzjoni ta' persuna fiżika ta' pajjiż terz jew ta' impriża ta' pajjiż terz hijiex probabbli li taffettwa l-infrastruttura kritika għal raġunijiet ta' sigurtà jew ta' ordni pubbliku, il-Kummissjoni ***tista'*** tikkunsidra l-effetti potenzjali tagħha fuq, fost l-oħrajn: | Fid-determinazzjoni ta' jekk il-parteċipazzjoni ta' persuna fiżika ta' pajjiż terz jew ta' impriża ta' pajjiż terz hijiex probabbli li taffettwa l-infrastruttura kritika għal raġunijiet ta' ***standardizzazzjoni,*** sigurtà jew ta' ordni pubbliku, il-Kummissjoni ***għandha*** tikkunsidra l-effetti potenzjali tagħha fuq, fost l-oħrajn: |

**Emenda 359**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fid-determinazzjoni ta' jekk parteċipazzjoni barranija jew kontribut barrani humiex probabbli li jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, il-Kummissjoni ***tista'*** tqis ukoll, b'mod | Fid-determinazzjoni ta' jekk parteċipazzjoni barranija jew kontribut barrani humiex probabbli li jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, il-Kummissjoni ***għandha*** tqis ukoll, b'mod |

partikolari:

partikolari:

**Emenda 360**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-Kummissjoni ***tista' tipprovdi opinjoni*** skont il-paragrafu 4 mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tirċievi l-informazzjoni skont il-paragrafu 3. ***L-opinjoni*** tal-Kummissjoni għandha tiġi indirizzata lill-Istat Membru fejn ikun ippjanat il-proġett ta' interess komuni u għandha tintbagħat lill-Istati Membri l-oħrajn. Fil-każ li l-parteċipazzjoni jew il-kontribut ta' kwalunkwe tip minn persuna fiżika ta' pajjiż terz jew impriża ta' pajjiż terz ikunu investiment dirett barrani kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/452 li ma jkunx qed jiġi eżaminat mill-Istat Membru fejn ikun ippjanat jew jitlesta l-investiment dirett barrani, il-Kummissjoni għandha toħroġ tali ***opinjoni***, fejn tkun ġustifikata, skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/452. | 6. Il-Kummissjoni ***għandha toħroġ deċiżjoni*** skont il-paragrafu 4 mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tirċievi l-informazzjoni skont il-paragrafu 3. ***Id-deċiżjoni*** tal-Kummissjoni għandha tiġi indirizzata lill-Istat Membru fejn ikun ippjanat il-proġett ta' interess komuni u għandha tintbagħat lill-Istati Membri l-oħrajn. Fil-każ li l-parteċipazzjoni jew il-kontribut ta' kwalunkwe tip minn persuna fiżika ta' pajjiż terz jew impriża ta' pajjiż terz ikunu investiment dirett barrani kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/452 li ma jkunx qed jiġi eżaminat mill-Istat Membru fejn ikun ippjanat jew jitlesta l-investiment dirett barrani, il-Kummissjoni għandha toħroġ tali ***deċiżjoni***, fejn tkun ġustifikata, skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/452. |

**Emenda 361**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-Istat Membru li fih huwa ppjanat li jiġi implimentat il-proġett ta' interess komuni minn, jew bil-parteċipazzjoni jew il-kontribut ta' kwalunkwe tip ta', persuna fiżika ta' pajjiż terz jew impriża ta' pajjiż terz, għandu jqis bl-akbar attenzjoni ***l-opinjoni*** tal-Kummissjoni ***u jipprovdi spjegazzjoni lill-Kummissjoni jekk l-opinjoni tagħha ma tiġix segwita***, ***mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-ħruġ tal-*** | 7. L-Istat Membru li fih huwa ppjanat li jiġi implimentat il-proġett ta' interess komuni minn, jew bil-parteċipazzjoni jew il-kontribut ta' kwalunkwe tip ta', persuna fiżika ta' pajjiż terz jew impriża ta' pajjiż terz, għandu jqis bl-akbar attenzjoni ***d-deċiżjoni tal-Kummissjoni. F'każ li d-deċiżjoni*** tal-Kummissjoni ***tiddikjara li l-parteċipazzjoni jew il-kontribuzzjoni barranija x'aktarx taffettwa s-sigurtà jew*** |

*opinjoni*.

***l-ordni pubbliku**, **l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprojbixxi l-parteċipazzjoni barranija fil-proġett jew il-kontribuzzjoni għalih***.

**Emenda 362**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Artikolu 47a*** |
| | ***Mobbiltà militari*** |
| | ***1. Meta jibnu jew jagħmlu ammeljorament tal-infrastruttura fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-ħtieġa, ir-rilevanza u l-fattibbiltà li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu III, bl-għan li jakkomodaw il-piż, id-daqs jew l-iskala tat-trasport militari ta' truppi u materjal.*** |
| | ***2. Sa... [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq studju biex tidentifika l-possibbiltajiet għal movimenti fuq skala kbira b'avviż qasir madwar l-Unjoni, inklużi rotti strateġiċi, bil-ħsieb li jittejjeb l-użu doppju tal-infrastruttura tan-network trans-Ewropew tat-trasport. L-istudju għandu jipprovdi elementi għall-ippjanar tal-infrastruttura fit-tul għal skopijiet ta' mobbiltà b'użu doppju. Matul dak l-istudju, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri.*** |

**Emenda 363**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt a**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (a) l-infrastruttura tan-network trans-Ewropew tat-trasport tinżamm b'mod li | (a) l-infrastruttura tan-network trans-Ewropew tat-trasport tinżamm b'mod li |

| | |
|---|---|
| tipprovdi l-istess livell ta' servizz u sikurezza matul il-ħajja tagħha; | tipprovdi l-istess livell ta' servizz u sikurezza matul il-ħajja tagħha***, filwaqt li tiżgura approċċ orjentat lejn il-futur għax-xogħol ta' manutenzjoni, li jrid jissodisfa l-aħħar standards tas-sikurezza tal-utenti fin-network kollu. Ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni li jirriżultaw f'limitazzjoni jew f'nuqqas ta' disponibbiltà tal-infrastruttura ferrovjarja jiġu ġestiti skont ir-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/2075***; |

**Emenda 364**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-ħtiġijiet u l-kostijiet tal-manutenzjoni matul il-ħajja tal-infrastruttura jitqiesu ***fil-fażi*** tal-ippjanar tal-kostruzzjoni jew tal-ammeljorament; | (c) il-ħtiġijiet u l-kostijiet tal-manutenzjoni matul il-ħajja tal-infrastruttura jitqiesu ***mill-istudji tal-fattibbiltà u l-fażi*** tal-ippjanar tal-kostruzzjoni jew tal-ammeljorament; |

**Emenda 365**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) il-konformità mal-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1 hija prekundizzjoni biex wieħed jirċievi finanzjament mill-FNE.*** |

**Emenda 366**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 48 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni, b'koordinazzjoni mal-Koordinaturi Ewropej, għandha*** |

| | |
|---|---|
| | ***tistabbilixxi pjan ta' monitoraġġ tan-network ewlieni dwar il-manutenzjoni fil-livell Ewropew. Dan il-pjan ta' monitoraġġ għandu, fost l-oħrajn, jevalwa l-konformità tal-Istati Membri mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, jistudja s-sitwazzjoni attwali tal-manutenzjoni fuq in-network ewlieni u jidentifika lakuni fir-rekwiżiti tal-kwalità tal-infrastruttura, speċjalment fl-infrastruttura kritika. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri b'rakkomandazzjonijiet dwar miżuri mmirati biex itejbu l-manutenzjoni tan-network. Il-Kummissjoni għandha wkoll tippreżenta rapporti ta' progress kull sentejn.*** |

**Emenda 367**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-infrastruttura tat-trasport għandha tippermetti mobbiltà u aċċessibbiltà mingħajr xkiel għall-utenti kollha, b'mod partikolari għall-persuni ***f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, inklużi l-persuni*** b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa, ***kif ukoll*** il-persuni li jgħixu f'reġjuni ultraperiferiċi u f'reġjuni remoti, rurali, insulari, periferali u muntanjużi oħrajn, kif ukoll ***f'żoni skarsament popolati***. | L-infrastruttura tat-trasport***, inklużi s-servizzi konnessi magħha,*** għandha tippermetti mobbiltà u aċċessibbiltà mingħajr xkiel għall-utenti kollha, b'mod partikolari għall-persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa, ***il-persuni akbar fl-età,*** il-persuni li jgħixu f'reġjuni ultraperiferiċi u f'reġjuni remoti, rurali, insulari, periferali u muntanjużi oħrajn ***u f'żoni skarsament popolati***, kif ukoll ***persuni oħra li jesperjenzaw ostakli għall-aċċessibbiltà, għall-konnettività, ekonomiċi jew ostakli oħrajn għat-trasport, b'hekk jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tal-faqar tat-trasport***. |

**Emenda 368**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 50 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kurituri Ewropej tat-Trasport huma strument li jiffaċilita l-implimentazzjoni kkoordinata ta' partijiet tan-network trans-Ewropew tat-trasport u huma maħsuba, b'mod partikolari, biex itejbu l-konnessjonijiet transfruntiera ***u*** biex ineħħu l-konġestjonijiet fl-Unjoni. | 1. Il-Kurituri Ewropej tat-Trasport huma strument li jiffaċilita l-implimentazzjoni kkoordinata ta' partijiet tan-network trans-Ewropew tat-trasport ***li jinsabu fuq in-network ewlieni u n-network ewlieni estiż*** u huma maħsuba, b'mod partikolari, biex itejbu l-konnessjonijiet transfruntiera biex ineħħu l-konġestjonijiet fl-Unjoni***, u biex itejbu l-konnessjonijiet mal-pajjiżi ġirien***. |

**Emenda 369**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 50 - paragrafu 2 - punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-interoperabbiltà; | (b) l-interoperabbiltà***, il-kontinwità u l-aċċessibbiltà tan-network***; |

**Emenda 370**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) żvilupp ikkoordinat tal-infrastruttura, b'mod partikolari f'sezzjonijiet transfruntiera, notevolment fid-dawl tal-iżvilupp ta' sistema tal-merkanzija ferrovjarja interoperabbli bis-sħiħ, kif ukoll ta' network ferrovjarju tal-passiġġieri fuq distanzi twal b'veloċità għolja ***madwar l-Unjoni***; | (c) żvilupp ikkoordinat tal-infrastruttura, b'mod partikolari f'sezzjonijiet transfruntiera, notevolment fid-dawl tal-iżvilupp ta' sistema tal-merkanzija ferrovjarja interoperabbli bis-sħiħ, kif ukoll ta' network ferrovjarju tal-passiġġieri fuq distanzi twal b'veloċità għolja***, kif ukoll sistema tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni kompletament interoperabbli***; |

**Emenda 371**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) il-promozzjoni tal-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi.*** |

**Emenda 372**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 50 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kurituri Ewropej tat-Trasport għandhom jippermettu lill-Istati Membri jiksbu approċċ ikkoordinat u sinkronizzat fir-rigward tal-investiment fl-infrastruttura. | 3. Il-Kurituri Ewropej tat-Trasport għandhom jippermettu lill-Istati Membri ***u lill-pajjiżi ġirien*** jiksbu approċċ ikkoordinat u sinkronizzat fir-rigward tal-investiment fl-infrastruttura. |

**Emenda 373**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 50 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Is-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) u l-Ispazju Marittimu Ewropew huma l-prijoritajiet orizzontali għall-implimentazzjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Huma għandhom jiżguraw il-varar f'waqtu tal-ERTMS fuq in-network kollu u l-integrazzjoni tal-konnessjonijiet marittimi fin-network trans-Ewropew tat-trasport. | 4. Is-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) u l-Ispazju Marittimu Ewropew huma l-prijoritajiet orizzontali għall-implimentazzjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Huma għandhom jiżguraw il-varar f'waqtu tal-ERTMS fuq in-network kollu u l-integrazzjoni tal-konnessjonijiet marittimi ***u l-passaġġi fuq l-ilma interni*** fin-network trans-Ewropew tat-trasport. |

**Emenda 374**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 5 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ifasslu pjan ta' ħidma flimkien mal-Istati Membri kkonċernati u jimmonitorjaw | (b) ifasslu pjan ta' ħidma flimkien mal-Istati Membri kkonċernati***, bl-involviment*** |

| | |
|---|---|
| l-implimentazzjoni tiegħu f'konformità mal-Artikolu 53; | ***tal-pajjiżi ġirien ikkonċernati,*** u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tiegħu f'konformità mal-Artikolu 53; |

**Emenda 375**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 5 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jirrapportaw lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u, skont kif xieraq, lill-entitajiet l-oħrajn kollha involuti direttament fl-iżvilupp tal-Kuritur Ewropew tat-Trasport jew ta' prijorità orizzontali dwar kwalunkwe diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom u, b'mod partikolari, meta l-iżvilupp ta' kuritur jew prijorità orizzontali jkun qed jiġi mfixkel, bil-ħsieb li jgħinu biex jinstabu soluzzjonijiet xierqa; | (d) jirrapportaw***, fi żmien debitu,*** lill-Istati Membri, ***u lill-pajjiżi ġirien ikkonċernati,*** lill-Kummissjoni***, lill-Parlament*** u, skont kif xieraq, lill-entitajiet l-oħrajn kollha involuti direttament fl-iżvilupp tal-Kuritur Ewropew tat-Trasport jew ta' prijorità orizzontali dwar kwalunkwe diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom u, b'mod partikolari, meta l-iżvilupp ta' kuritur jew prijorità orizzontali jkun qed jiġi mfixkel, bil-ħsieb li jgħinu biex jinstabu soluzzjonijiet xierqa; |

**Emenda 376**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 5 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) ifasslu rapport tal-istatus annwali dwar il-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport u tal-prijoritajiet orizzontali. Dan ir-rapport tal-istatus annwali għandu jiffoka fuq il-progress li sar fuq il-prijoritajiet u l-investimenti ewlenin, jiddeskrivi n-natura tal-problemi ffaċċjati fl-implimentazzjoni tagħhom u jipproponi soluzzjonijiet. | (e) ifasslu rapport tal-istatus annwali dwar il-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport u tal-prijoritajiet orizzontali. Dan ir-rapport tal-istatus annwali għandu ***jiġi ppreżentat lill-Parlament, u għandu*** jiffoka fuq il-progress li sar fuq il-prijoritajiet u l-investimenti ewlenin, jiddeskrivi n-natura tal-problemi ffaċċjati fl-implimentazzjoni tagħhom u jipproponi soluzzjonijiet. |

**Emenda 377**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 6 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jikkooperaw mill-qrib mal-governanza tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija biex jidentifikaw u jipprijoritizzaw il-ħtiġijiet ta' investiment għat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija fuq il-linji ferrovjarji għat-trasport tal-merkanzija tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport; | (a) jikkooperaw mill-qrib mal-governanza tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija biex jidentifikaw u jipprijoritizzaw il-ħtiġijiet ta' investiment għat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija fuq il-linji ferrovjarji għat-trasport tal-merkanzija tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport ***bil-għan li tiġi żviluppata struttura ta' governanza integrata unika mal-Kurituri Ewropej tat-Trasport***; |

**Emenda 378**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 6 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) jiffaċilitaw il-kuntatti bejn l-awtoritajiet maħtura, kif stabbilit fid-Direttiva dwar TEN-T Intelliġenti, fil-kuntest tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi għal proġetti li jikkonċernaw żewġ Stati Membri jew aktar;*** |

**Emenda 379**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 6 – punt ab (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ab) jiffaċilitaw, fejn rilevanti, il-kuntatti u l-koordinazzjoni bejn ir-rappreżentanti marittimi u tal-passaġġi fuq l-ilma interni sabiex iżidu s-sinerġiji tagħhom;*** |

**Emenda 380**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 7 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jidentifikaw u jipprijoritizzaw il-ħtiġijiet ta’ investiment għal-linji ferrovjarji tal-passiġġieri tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport; | (a) jidentifikaw u jipprijoritizzaw il-ħtiġijiet ta’ investiment għal-linji ferrovjarji tal-passiġġieri ***u tal-merkanzija*** tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport; |

**Emenda 381**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 7 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jimmonitorjaw l-aspetti amministrattivi, operattivi u ta’ interoperabbiltà tat-traffiku tal-passiġġieri fuq il-linji ferrovjarji tal-passiġġieri tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport, inkluż il-monitoraġġ ***tal-prestazzjoni*** tas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri. | (b) jimmonitorjaw l-aspetti amministrattivi, operattivi u ta’ interoperabbiltà tat-traffiku tal-passiġġieri fuq il-linji ferrovjarji tal-passiġġieri tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport, inkluż il-monitoraġġ ***tal-aċċessibbiltà u l-prestazzjoni*** tas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri***, billi jidentifikaw in-nuqqasijiet u r-restrizzjonijiet b’enfasi partikolari fuq id-dimensjoni transfruntiera***. |

**Emenda 382**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 7 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) jidentifikaw il-ħtiġijiet ta’ investiment għall-passaġġi fuq l-ilma interni, kif ukoll is-sezzjonijiet tat-toroq tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport;*** |

**Emenda 383**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 7 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) jidentifikaw il-ħtiġijiet tal-mobbiltà b'użu doppju;*** |

**Emenda 384**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 7 – punt bc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bc) janalizzaw il-ħtiġijiet tal-mobbiltà transfruntiera fir-reġjuni transfruntiera tal-Unjoni u jħeġġu lill-Istati Membri fis-sezzjonijiet ikkonċernati, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali rilevanti, biex jistabbilixxu b'mod konġunt pjanijiet ta' mobbiltà transfruntiera b'miżuri mmirati sabiex jiżdiedu l-konnessjonijiet transfruntiera u l-indiċi tal-konnettività tan-network.*** |

**Emenda 385**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament (UE) Nru 2021/1153, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Koordinatur Ewropew meta teżamina l-applikazzjonijiet għall-finanzjament tal-Unjoni taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) għall-Kurituri Ewropej tat-Trasport jew għall-prijoritajiet orizzontali fil-mandat tal-Koordinatur Ewropew, sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-avvanz ta' kull kuritur jew prijorità orizzontali. Il-Koordinatur Ewropew għandu jivverifika jekk il-proġetti proposti mill-Istati Membri għall-kofinanzjament tal-FNE humiex konsistenti mal-prijoritajiet tal-pjan ta' ħidma. | 8. Skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament (UE) Nru 2021/1153, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Koordinatur Ewropew meta teżamina l-applikazzjonijiet għall-finanzjament tal-Unjoni taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) għall-Kurituri Ewropej tat-Trasport jew għall-prijoritajiet orizzontali fil-mandat tal-Koordinatur Ewropew, sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-avvanz ta' kull kuritur jew prijorità orizzontali***, filwaqt li titqies iż-żieda ta' indiċi tal-konnettività tan-network***. Il-Koordinatur Ewropew għandu jivverifika jekk il-proġetti proposti mill-Istati Membri***, jew mill-pajjiżi ġirien fejn applikabbli,*** għall- |

| | |
|---|---|
| | kofinanzjament tal-FNE humiex konsistenti mal-prijoritajiet tal-pjan ta' ħidma. |

**Emenda 386**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 8 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Meta jitressqu applikazzjonijiet għal finanzjament tal-Unjoni taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) għall-Kurituri Ewropej tat-Trasport jew prijoritajiet orizzontali fil-mandat tal-Koordinatur Ewropew, il-Koordinatur Ewropew rilevanti għandu jivvaluta dawk l-applikazzjonijiet skont il-konsistenza tagħhom ma' u l-avvanz ta' kull kuritur Ewropew tat-trasport jew prijorità orizzontali, filwaqt li jqis iż-żieda fl-indiċijiet tal-konnettività tan-network. Il-Koordinatur Ewropew għandu jgħaddi l-valutazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni.*** |

**Emenda 387**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jekk il-Koordinatur Ewropew ma jkunx jista' jwettaq il-mandat tiegħu b'mod sodisfaċenti u f'konformità mar-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista', fi kwalunkwe ħin, ittemm dak il-mandat u taħtar Koordinatur Ewropew ġdid f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1. | 9. Jekk il-Koordinatur Ewropew ma jkunx jista' jwettaq il-mandat tiegħu b'mod sodisfaċenti u f'konformità mar-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista'***, wara konsultazzjoni mal-Parlament,*** fi kwalunkwe ħin, ittemm dak il-mandat u taħtar Koordinatur Ewropew ġdid f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1. |

**Emenda 388**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-"Forum tal-Kuritur" għandu jiġi stabbilit formalment u jkun ippresedut mill-Koordinatur Ewropew. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jaqblu fuq is-sħubija tal-Forum tal-Kuritur għall-parti tagħhom tal-Kuritur Ewropew tat-Trasport u jiżguraw ir-rappreżentanza tal-governanza tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija. | 2. Il-"Forum tal-Kuritur" għandu jiġi stabbilit formalment u jkun ippresedut mill-Koordinatur Ewropew. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jaqblu fuq is-sħubija tal-Forum tal-Kuritur għall-parti tagħhom tal-Kuritur Ewropew tat-Trasport u jiżguraw ir-rappreżentanza tal-governanza tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija***, il-porti marittimi u r-rappreżentanti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, kif ukoll, meta xieraq, in-nodi urbani, l-awtoritajiet rilevanti reġjonali u lokali, u l-awtoritajiet maħtura kif definit mid-Direttiva dwar TEN-T Intelliġenti***. ***Il-pajjiżi ġirien għandhom jiġu kkonsultati mill-Kummissjoni dwar is-sħubija tal-Forum tal-Kuritur min-naħat tagħhom tal-Kuritur Ewropew tat-Trasport.*** |

**Emenda 389**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Bil-qbil tal-Istati Membri kkonċernati, il-Koordinatur Ewropew jista' jistabbilixxi u jippresiedi gruppi ta' ħidma dwar il-kurituri li jiffokaw fuq: | Bil-qbil tal-Istati Membri kkonċernati, ***u wara konsultazzjoni mal-pajjiżi ġirien ikkonċernati,*** il-Koordinatur Ewropew jista' jistabbilixxi u jippresiedi gruppi ta' ħidma dwar il-kurituri li jiffokaw fuq: |

**Emenda 390**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ga (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ga) l-iżgurar tal-konsistenza bejn il-pjanijiet nazzjonali u dawk Ewropej;*** |

**Emenda 391**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt gb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(gb) il-mobbiltà militari u l-infrastruttura b'użu doppju.*** |

**Emenda 392**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ir-rappreżentanti tal-governanza tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija għandhom jiġu mistiedna għall-forum rilevanti tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport. Bl-istess mod, il-Koordinaturi tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport għandhom jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat rilevanti tal-Eżekuttiv tal-governanza tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija.*** |

**Emenda 393**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Forum konsultattiv għall-prijoritajiet orizzontali għandu jiġi stabbilit u ppresedut mill-Koordinatur Ewropew. L-Istati Membri kkonċernati u, fejn xieraq, ***ir-rappreżentanti*** tas-setturi rilevanti, għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw. L-Istati Membri għandhom jaħtru koordinatur nazzjonali għall-ERTMS biex jattendi l-Forum konsultattiv għall-ERTMS. Il-Koordinatur Ewropew jista' wkoll jistabbilixxi gruppi ta' ħidma ad hoc. | 4. Il-Forum konsultattiv għall-prijoritajiet orizzontali għandu jiġi stabbilit u ppresedut mill-Koordinatur Ewropew. L-Istati Membri kkonċernati u, fejn xieraq, ***il-pajjiżi ġirien ikkonċernati u r-rappreżentanti*** tas-setturi rilevanti***, inklużi l-awtoritajiet maħtura kif definit mid-Direttiva dwar TEN-T Intelliġenti***, għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw. L-Istati Membri għandhom jaħtru koordinatur nazzjonali għall-ERTMS biex jattendi l-Forum konsultattiv għall-ERTMS. Il- |

| | |
|---|---|
| | Koordinatur Ewropew jista' wkoll jistabbilixxi gruppi ta' ħidma ad hoc. |

**Emenda 394**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-Koordinatur Ewropew ***jista'*** jikkonsulta mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, mal-maniġers tal-infrastruttura, mal-operaturi ***tat-trasport***, ***b'mod partikolari*** dawk ***li huma membri tal-governanza tat-trasport*** tal-merkanzija ***bil-ferrovija***, mal-industrija tal-provvista, mal-utenti tat-trasport u mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili b'rabta mal-pjan ta' ħidma u l-implimentazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, il-Koordinatur Ewropew responsabbli għall-ERTMS għandu jikkoopera mill-qrib mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u mal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea, filwaqt li l-Koordinatur Ewropew għall-Ispazju Marittimu Ewropew għandu jikkoopera mill-qrib mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima. | 6. Il-Koordinatur Ewropew ***għandu*** jikkonsulta mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, ***mal-awtoritajiet maħtura kif definit fid-Direttiva dwar TEN-T Intelliġenti, man-nodi urbani,*** mal-maniġers tal-infrastruttura, ***inklużi entitajiet maħtura għall-port,*** mal-operaturi ***tal-ferroviji***, ***dawk marittimi u*** dawk ***tal-passaġġi fuq l-ilma interni, mal-governanza*** tal-merkanzija, mal-industrija tal-provvista, mal-utenti tat-trasport***, mal-esperti tal-aċċessibbiltà*** u mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili b'rabta mal-pjan ta' ħidma u l-implimentazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, il-Koordinatur Ewropew responsabbli għall-ERTMS għandu jikkoopera mill-qrib mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u mal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea, filwaqt li l-Koordinatur Ewropew għall-Ispazju Marittimu Ewropew għandu jikkoopera mill-qrib mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima. |

**Emenda 395**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Sabiex tiġi stabbilita governanza futura b'saħħitha u ċentralizzata tal-ERTMS fil-livell tal-UE inkluż ir-regolamentazzjoni tal-finanzjament, l-ippjanar, l-għoti ta' riżorsi, l-adozzjoni mis-suq, il-migrazzjoni u t-tranżizzjoni, tal-Pjanijiet ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***Implimentazzjoni Nazzjonali (NIP), il-Koordinatur Ewropew għall-ERTMS, inklużi r-rappreżentanti nazzjonali tal-maniġers tal-infrastruttura u tal-impriżi ferrovjarji, għandu jiffaċilita u jippromwovi tali governanza filwaqt li jiżgura l-varar f'waqtu u armonizzat;*** |

**Emenda 396**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 52 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Il-Koordinatur Ewropew jista' jikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, għal attivitajiet relatati mal-Kurituri Ewropej tat-Trasport li jestendu għall-pajjiżi ġirien li huma membri ta' dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali.*** |

**Emenda 397**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Koordinatur Ewropew tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport u taż-żewġ prijoritajiet orizzontali għandu jfassal, mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u, minn hemm 'il quddiem, kull ***erba' snin***, pjan ta' ħidma li jipprovdi analiżi dettaljata tal-istat tal-implimentazzjoni tal-kuritur jew tal-prijorità orizzontali taħt il-kompetenza tiegħu u l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, kif ukoll il-prijoritajiet għall-iżvilupp futur tiegħu. | 1. Kull Koordinatur Ewropew tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport u taż-żewġ prijoritajiet orizzontali għandu jfassal, mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u, minn hemm 'il quddiem, kull ***sentejn***, pjan ta' ħidma li jipprovdi analiżi dettaljata tal-istat tal-implimentazzjoni tal-kuritur jew tal-prijorità orizzontali taħt il-kompetenza tiegħu u l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, kif ukoll il-prijoritajiet għall-iżvilupp futur tiegħu. |

**Emenda 398**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-pjan ta' ħidma għandu jitħejja f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati u b'konsultazzjoni mal-Forum tal-Kuritur u l-governanza tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, jew ma' forum konsultattiv tal-prijoritajiet orizzontali. Il-pjan ta' ħidma tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport għandu jiġi approvat mill-Istati Membri kkonċernati. Il-Kummissjoni għandha tissottometti l-pjan ta' ħidma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-informazzjoni. | Il-pjan ta' ħidma għandu jitħejja f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati u b'konsultazzjoni mal-Forum tal-Kuritur u l-governanza tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, jew ma' forum konsultattiv tal-prijoritajiet orizzontali. ***Il-Koordinatur Ewropew għandu jinvolvi wkoll, fejn xieraq, il-pajjiżi ġirien ikkonċernati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti fit-tħejjija tal-pjan ta' ħidma.*** Il-pjan ta' ħidma tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport għandu jiġi approvat mill-Istati Membri kkonċernati***. Il-pajjiżi ġirien ikkonċernati għandhom jiġu kkonsultati dwar il-pjan ta' ħidma tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport***. Il-Kummissjoni għandha tissottometti l-pjan ta' ħidma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-informazzjoni. |

**Emenda 399**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) identifikazzjoni tal-konnessjonijiet neqsin u l-konġestjonijiet li jfixklu l-iżvilupp tal-kuritur; | (c) identifikazzjoni tal-konnessjonijiet neqsin u l-konġestjonijiet li jfixklu l-iżvilupp tal-kuritur, ***b'attenzjoni partikolari għad-dimensjoni transfruntiera***; |

**Emenda 400**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) analiżi tas-sitwazzjoni attwali tas-*** |

| | |
|---|---|
| | ***sezzjonijiet transfruntiera bil-ħsieb li jiġu identifikati l-isfidi u jiġu proposti miżuri konkreti biex ikun hemm konformità mad-dati stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-koerenza tal-ipprogrammar finanzjarju tal-Istati Membri kkonċernati biex jintlaħaq dan l-għan.*** |

**Emenda 401**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 3 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) deskrizzjoni tas-soluzzjonijiet possibbli biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-konġestjonijiet ta' investiment, b'mod partikolari għal-linji tal-passiġġieri u tal-merkanzija tal-kuritur; | (e) deskrizzjoni tas-soluzzjonijiet possibbli biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-konġestjonijiet ta' investiment, b'mod partikolari għal-linji tal-passiġġieri u tal-merkanzija tal-kuritur***, sabiex jintlaħqu l-iskadenzi***; |

**Emenda 402**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 3 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) pjan b'miri intermedji għat-tneħħija tal-ostakli fiżiċi, tekniċi, diġitali, operattivi u amministrattivi bejn u fi ħdan il-modi ta' trasport u għat-titjib tat-trasport multimodali effiċjenti b'attenzjoni partikolari għas-sezzjonijiet transfruntiera u għall-konnessjonijiet nazzjonali neqsin. | (f) pjan b'miri intermedji għat-tneħħija tal-ostakli fiżiċi, tekniċi, diġitali, operattivi u amministrattivi bejn u fi ħdan il-modi ta' trasport u għat-titjib tat-trasport multimodali effiċjenti ***u aċċessibbli*** b'attenzjoni partikolari għas-sezzjonijiet ***ferrovjarji u*** transfruntiera ***tiegħu*** u għall-konnessjonijiet nazzjonali neqsin. |

**Emenda 403**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 3 – punt f – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Għall-analiżi tal-ostakli amministrattivi u t-tħejjija tal-pjan, il-Koordinatur Ewropew għandu jqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ix-xogħlijiet tal-awtoritajiet maħtura kif stabbilit fid-Direttiva dwar TEN-T Intelliġenti, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet ta' kwalunkwe awtorità rilevanti.*** |

**Emenda 404**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 4 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Koordinatur Ewropew għandu jappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma, b'mod partikolari fir-rigward ta': | 4. Il-Koordinatur Ewropew għandu jappoġġa lill-Istati Membri ***u, fejn xieraq, lill-pajjiżi ġirien*** fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma, b'mod partikolari fir-rigward ta': |

**Emenda 405**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-iffissar tal-prijoritajiet fl-ippjanar nazzjonali, permezz tal-identifikazzjoni ta' problemi u ostakli fl-implimentazzjoni, inklużi kwistjonijiet operazzjonali, fuq kull kuritur jew għal kull prijorità orizzontali; | (a) l-iffissar tal-prijoritajiet fl-ippjanar nazzjonali, permezz tal-identifikazzjoni ta' problemi u ostakli fl-implimentazzjoni, inklużi kwistjonijiet operazzjonali ***u amministrattivi***, fuq kull kuritur jew għal kull prijorità orizzontali; |

**Emenda 406**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

***(ca) il-monitoraġġ tax-xejriet tal-progress tal-proġetti, u s-sinjalar bikri ta' dewmien sinifikanti potenzjali lill-Kummissjoni;***

**Emenda 407**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Abbażi tal-ewwel pjan ta' ħidma tal-Koordinaturi Ewropej, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni għal kull pjan ta' ħidma tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport u ż-żewġ prijoritajiet orizzontali. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jistabbilixxi l-prijoritajiet għall-ippjanar tal-infrastruttura u tal-investiment u ***għall-finanzjament***.

*Emenda*

1. Abbażi tal-ewwel pjan ta' ħidma tal-Koordinaturi Ewropej, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni għal kull pjan ta' ħidma tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport u ż-żewġ prijoritajiet orizzontali. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jistabbilixxi l-prijoritajiet għall-ippjanar tal-infrastruttura u tal-investiment ***u għall-għażla ta' żmien f'konformità mal-Artikolu 6(1)***.

**Emenda 408**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

***4a. Abbażi tal-pjan ta' ħidma annwali tal-Koordinaturi Ewropej, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali ta' implimentazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali li jagħti dettalji dwar liema miżuri ħadet sabiex tiggarantixxi t-tlestija tan-network kif stabbilit f'dan ir-Regolament.***

***Ir-rapport annwali ta' implimentazzjoni għandu jinkludi rapportar pajjiż b'pajjiż għal kull Kuritur tat-Trasport u għandu:***

***(a) jinkludi previżjoni dwar liema proġetti, standards tekniċi u operattivi, fuq kull***

| | |
|---|---|
| | ***Kuritur tat-Trasport huma fil-periklu li ma jilħqux l-iskadenzi kif stabbilit f'dan ir-Regolament;*** |
| | ***(aa) jinkludi analiżi tal-investimenti meħtieġa fil-pjanijiet ta' manutenzjoni fit-tul, kif stabbilit fl-Artikolu 48, fuq kull Kuritur tat-Trasport, kif ukoll kwalunkwe nuqqas identifikat fil-manutenzjoni jew fir-riżorsi finanzjarji meħtieġa;*** |
| | ***(b) jinkludi spjegazzjoni għaliex il-Kummissjoni ma bdietx proċeduri ta' ksur relatati ma' proġetti identifikati fil-punt (a);*** |
| | ***(c) jinforma dwar il-proċeduri ta' ksur li jkunu għaddejjin;*** |
| | ***(d) jinforma dwar derogi mill-istandards operattivi u tekniċi;*** |
| | ***(e) jinkludi valutazzjoni dwar l-impatt tad-derogi mogħtija mill-istandards tekniċi u operattivi u l-iskadenzi kif definiti f'dan ir-Regolament fuq il-pajjiżi ġirien.*** |

**Emenda 409**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 54a*** |
| | ***Ftehimiet ta' livell għoli ma' pajjiżi ġirien*** |
| | ***1. Abbażi tal-ewwel pjan ta' ħidma tal-Koordinaturi Ewropej, ftehimiet ta' livell għoli jistgħu jiġu konklużi bejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien ikkonċernati għal kull pjan ta' ħidma tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport u ż-żewġ prijoritajiet orizzontali fejn rilevanti.*** |
| | ***2. Il-ftehimiet ta' livell għoli msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jistabbilixxu l-prijoritajiet għall-ippjanar tal-infrastruttura u tal-investiment u għall-finanzjament. Għandhom jinkludu wkoll dispożizzjonijiet dwar il-komunikazzjoni mill-pajjiżi ġirien ta' rapporti regolari*** |

| | |
|---|---|
| | ***dwar il-progress miksub fl-implimentazzjoni ta' proġetti, li jindikaw b'mod partikolari l-impenji finanzjarji magħmula fil-pjan baġitarju nazzjonali.*** |

**Emenda 410**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 55 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni fuq bażi regolari, komprensiva u trasparenti dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni u l-investimenti li jkunu saru għal dak l-iskop. Din l-informazzjoni għandha tinkludi t-trażmissjoni annwali ta' data permezz tas-sistema interattiva ta' informazzjoni ġeografika u teknika għan-network trans-Ewropew tat-trasport (TENtec). Hija għandha tinkludi data teknika u finanzjarja dwar proġetti ta' interess komuni fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport, kif ukoll data dwar it-tlestija tan-network trans-Ewropew tat-trasport. | 1. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni fuq bażi regolari, komprensiva u trasparenti dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni u l-investimenti li jkunu saru għal dak l-iskop***, inkluż għal proġetti transfruntiera***. Din l-informazzjoni għandha tinkludi t-trażmissjoni annwali ta' data permezz tas-sistema interattiva ta' informazzjoni ġeografika u teknika għan-network trans-Ewropew tat-trasport (TENtec). Hija għandha tinkludi data teknika u finanzjarja dwar proġetti ta' interess komuni fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport, kif ukoll data dwar it-tlestija tan-network trans-Ewropew tat-trasport. |

**Emenda 411**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 55 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-Kummissjoni għandha tintroduċi indiċi tal-konnettività tan-network bl-għan li tikkategorizza l-livell ta' integrazzjoni miksub permezz tal-użu tas-servizzi fuq kull network tat-trasport u turi l-potenzjal tagħhom. Dan l-indiċi tal-konnettività tan-network għandu jkun magħmul minn indiċijiet tal-konnettività għall-modi ewlenin tat-trasport. Dawk l-indiċijiet tal-konnettività għandhom*** |

| | |
|---|---|
| | ***jidentifikaw il-konsistenza, il-kwalità, id-diversità tal-offerta kif ukoll l-għażliet intermodali.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-indiċi tal-konnettività tan-network jiġi aġġornat regolarment skont l-implimentazzjoni tal-proġetti dwar it-TEN-T.*** |
| | ***L-indiċi għandu jintuża bħala indikatur biex jidderieġi l-fondi tal-Unjoni fejn il-konnettività tkun nieqsa.*** |

**Emenda 412**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 55 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Fir-rigward tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport, il-Kummissjoni għandha twettaq u taġġorna perjodikament studju tas-suq tat-trasport relatat mal-bidliet osservati u mistennija fit-traffiku fuq il-kuritur, li jkopri t-tipi differenti ta' traffiku, kemm fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija kif ukoll tat-trasport tal-passiġġieri u miżuri biex tiżdied il-prevedibbiltà tal-implimentazzjoni u l-iffaċilitar li l-iskadenzi rilevanti jiġu ssodisfati. Fit-twettiq u l-aġġornament ta' dak l-istudju, il-Kummissjoni għandha tinvolvi lill-koordinaur tal-Kuritur Ewropew tat-Trasport rilevanti u lill-bord tat-tmexxija tal-kuritur rilevanti tal-merkanzija bil-ferrovija.*** |

**Emenda 413**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Soġġetta għat-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 tat-TFUE, il-Kummissjoni | Soġġetta għat-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 tat-TFUE, il-Kummissjoni |

| | |
|---|---|
| għandha ***tingħata*** s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 60 sabiex temenda l-Annessi I u II, notevolment biex tqis il-bidliet possibbli li jirriżultaw mil-livelli limiti kwantitattivi stipulati fl-Artikoli 20, 24 u 32. Meta tadatta dawk l-Annessi, il-Kummissjoni ***għandha***: | għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 60 sabiex temenda l-Annessi I u II, notevolment biex tqis il-bidliet possibbli li jirriżultaw mil-livelli limiti kwantitattivi stipulati fl-Artikoli 20, 24 u 32. Meta tadatta dawk l-Annessi, il-Kummissjoni: |

**Emenda 414**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) tinkludi l-portijiet interni, il-portijiet marittimi u l-ajruporti fin-network komprensiv, jekk jintwera li l-aktar medja reċenti meħuda fuq tliet snin tal-volum tat-traffiku tagħhom taqbeż il-livell limitu rilevanti; | (a) ***għandha*** tinkludi l-portijiet interni, il-portijiet marittimi u l-ajruporti fin-network komprensiv, jekk jintwera li l-aktar medja reċenti meħuda fuq tliet snin tal-volum tat-traffiku tagħhom taqbeż il-livell limitu rilevanti; |

**Emenda 415**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) teskludi l-portijiet marittimi u l-ajruporti min-network komprensiv, jekk jintwera li l-medja tal-volum tat-traffiku tagħhom matul l-aħħar sitt snin hija taħt il-85 % tal-livell limitu rilevanti; | (b) ***għandha*** teskludi l-portijiet marittimi u l-ajruporti min-network komprensiv, jekk jintwera li l-medja tal-volum tat-traffiku tagħhom matul l-aħħar sitt snin hija taħt il-85 % tal-livell limitu rilevanti***, minbarra portijiet li jipprovdu l-uniku punt ta' aċċess għal reġjun NUTS 3 fin-network komprensiv, jew sakemm l-Istat Membru rispettiv ma jurix b'biżżejjed evidenza li dan in-nodu huwa ta' valur miżjud Ewropew u ta' rilevanza ġeostrateġika għas-suq intern Ewropew u d-difiża tal-Unjoni***; |

**Emenda 416**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) tista' tinkludi portijiet marittimi fin-network komprensiv jew ewlieni, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, meta jintwera li l-port marittimu jkun kiseb aktar valur miżjud Ewropew minħabba l-importanza ġeostrateġika tiegħu għall-Unjoni u dment li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 25;*** |

**Emenda 417**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) tinkludi nodi urbani fin-network trans-Ewropew tat-trasport, jekk jintwera li l-għadd ta' abitanti jaqbeż il-100 000; | (c) ***għandha*** tinkludi nodi urbani fin-network trans-Ewropew tat-trasport, jekk jintwera li l-għadd ta' abitanti ***fiż-żona funzjonali urbana*** jaqbeż il-100 000 ***u bl-approvazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat***; |

**Emenda 418**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) tista' tinkludi nodi urbani fil-lista tal-Anness II, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, jekk in-nodu urban ikun jinsab maġenb Kuritur Ewropew tat-Trasport u dment li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 40;*** |

**Emenda 419**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt cb (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(cb) tista' teskludi nodi urbani fil-lista tal-Anness II, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat u bl-approvazzjoni tan-nodu urban ikkonċernat, jekk jintwera li n-numru ta' abitanti fiż-żona urbana funzjonali huwa inqas minn 100 000;*** |

**Emenda 420**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (d) tinkludi terminals multimodali tal-merkanzija identifikati mill-Istat Membru skont l-Artikolu 35(4) fin-network trans-Ewropew tat-trasport; | (d) ***għandha*** tinkludi terminals multimodali tal-merkanzija identifikati mill-Istat Membru skont l-Artikolu 35(4) fin-network trans-Ewropew tat-trasport; |

**Emenda 421**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (e) taġġusta l-mapep għall-infrastruttura tat-toroq, tal-ferroviji u tal-passaġġi fuq l-ilma interni b'mod strettament limitat sabiex ikunu jirriflettu l-progress fit-tlestija tan-network. Meta tkun qed taġġusta dawk il-mapep, il-Kummissjoni ma għandha tammetti l-ebda aġġustament fl-allinjament tar-rotot lil hinn minn dak li huwa permess mill-proċedura rilevanti ta' awtorizzazzjoni tal-proġetti. | (e) ***għandha*** taġġusta l-mapep għall-infrastruttura tat-toroq, tal-ferroviji u tal-passaġġi fuq l-ilma interni b'mod strettament limitat sabiex ikunu jirriflettu l-progress fit-tlestija tan-network. Meta tkun qed taġġusta dawk il-mapep, il-Kummissjoni ma għandha tammetti l-ebda aġġustament fl-allinjament tar-rotot lil hinn minn dak li huwa permess mill-proċedura rilevanti ta' awtorizzazzjoni tal-proġetti. |

**Emenda 422**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 56 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

L-adattamenti msemmija fil-punti minn (a) sa (c) tal-ewwel subparagrafu għandhom ikunu bbażati fuq l-aħħar statistika disponibbli ppubblikata mill-Eurostat jew, jekk dik l-istatistika ma tkunx disponibbli, mill-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri. L-adattamenti msemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu għandhom ikunu bbażati fuq il-pjan ta' azzjoni msemmi fl-Artikolu 35(4). L-adattamenti msemmija fil-punt (e) tal-ewwel subparagrafu għandhom ikunu bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri kkonċernati f'konformità mal-Artikolu 55(1).

L-adattamenti msemmija fil-punti minn (a) sa (c) tal-ewwel subparagrafu għandhom ikunu bbażati fuq l-aħħar statistika disponibbli ppubblikata mill-Eurostat jew, jekk dik l-istatistika ma tkunx disponibbli, mill-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri***, filwaqt li jeskludu snin ta' impatt minn fatturi ċikliċi li jikkawżaw tnaqqis sinifikanti fil-flussi tat-traffiku***. L-adattamenti msemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu għandhom ikunu bbażati fuq il-pjan ta' azzjoni msemmi fl-Artikolu 35(4). L-adattamenti msemmija fil-punt (e) tal-ewwel subparagrafu għandhom ikunu bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri kkonċernati f'konformità mal-Artikolu 55(1).

**Emenda 423**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 57 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

Il-proċeduri nazzjonali li jirrigwardjaw l-involviment u l-konsultazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u tas-soċjetà ċivili kkonċernati minn proġetti ta' interess komuni għandhom jiġu rrispettati, fejn xieraq, fil-fażi tal-ippjanar u tal-kostruzzjoni ta' proġett. Il-Kummissjoni għandha tippromwovi l-iskambju ta' prattika tajba f'dan ir-rigward, notevolment fir-rigward tal-konsultazzjoni u l-inklużjoni ta' persuni f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà.

Il-proċeduri nazzjonali li jirrigwardjaw l-involviment u l-konsultazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u tas-soċjetà ċivili kkonċernati minn proġetti ta' interess komuni għandhom jiġu rrispettati, fejn xieraq, fil-fażi tal-ippjanar u tal-kostruzzjoni ta' proġett***, filwaqt li jiġu rrispettati l-iskadenzi għal dawk il-konsultazzjonijiet kif stabbilit fid-Direttiva dwar TEN-T Intelliġenti***. Il-Kummissjoni għandha tippromwovi l-iskambju ta' prattika tajba f'dan ir-rigward, notevolment fir-rigward tal-konsultazzjoni u l-inklużjoni ta' persuni f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà.

**Emenda 424**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 58 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-pjanijiet nazzjonali tal-investiment għandhom jinkludu l-proġetti kollha ta' interess komuni u l-investimenti relatati meħtieġa għat-tlestija f'waqtha tan-network. | 2. Il-pjanijiet nazzjonali tal-investiment għandhom jinkludu l-proġetti kollha ta' interess komuni u l-investimenti relatati meħtieġa għat-tlestija f'waqtha tan-network***, inkluż għal proġetti transfruntiera***. |

**Emenda 425**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 58 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-abbozzi tal-pjanijiet u tal-programmi nazzjonali, jew bi kwalunkwe modifika tagħhom, bil-ħsieb li jiżviluppaw in-network trans-Ewropew tat-trasport, mill-inqas tnax-il xahar qabel l-adozzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni tista' toħroġ ***opinjoni*** mhux aktar tard minn sitt xhur wara n-notifika mill-Istat Membru dwar il-koerenza tal-abbozzi tal-pjanijiet u tal-programmi nazzjonali mal-prijoritajiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u mal-prijoritajiet stabbiliti fil-pjanijiet ta' ħidma għall-kuritur(i) korrispondenti u tal-prijoritajiet orizzontali u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 54(1). L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn xahrejn wara n-notifika ***tal-opinjoni***, dwar il-miżuri adottati biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet ***stabbiliti fl-opinjoni***. | 3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-abbozzi tal-pjanijiet u tal-programmi nazzjonali, jew bi kwalunkwe modifika tagħhom, bil-ħsieb li jiżviluppaw in-network trans-Ewropew tat-trasport, mill-inqas tnax-il xahar qabel l-adozzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni tista' toħroġ ***deċiżjoni*** mhux aktar tard minn sitt xhur wara n-notifika mill-Istat Membru dwar il-koerenza tal-abbozzi tal-pjanijiet u tal-programmi nazzjonali mal-prijoritajiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u mal-prijoritajiet stabbiliti fil-pjanijiet ta' ħidma għall-kuritur(i) korrispondenti u tal-prijoritajiet orizzontali u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 54(1). L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn xahrejn wara n-notifika ***tad-deċiżjoni***, dwar il-miżuri adottati biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet ***u għandhom jieħdu l-miżuri korrettivi kollha qabel l-adozzjoni finali tal-pjan nazzjonali. Proġetti fi ħdan pjanijiet nazzjonali li mhumiex allinjati mal-politika dwar it-trasport tal-Unjoni m'għandhomx jitqiesu bħala prijorità biex jirċievu fondi tal-Unjoni.*** |

**Emenda 426**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 61 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sal-31 ta' Diċembru ***2033***, il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat mal-Istati Membri kif xieraq u bl-assistenza tal-Koordinaturi Ewropej, għandha twettaq valutazzjoni tal-implimentazzjoni tan-network ewlieni, billi tevalwa, b'mod partikolari, il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. | Sal-31 ta' Diċembru ***2028***, il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat mal-Istati Membri kif xieraq u bl-assistenza tal-Koordinaturi Ewropej, għandha twettaq valutazzjoni tal-implimentazzjoni tan-network ewlieni, billi tevalwa, b'mod partikolari, il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 427**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 61 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-valutazzjoni għandha tqis ir-rapport tal-istatus annwali u l-pjanijiet ta' ħidma mfassla mill-Koordinaturi Ewropej skont il-punt (e) tal-Artikolu 51(5) u l-Artikolu 53(1), rispettivament. | Il-valutazzjoni għandha tqis ***il-pjanijiet nazzjonali dwar it-trasport u l-investiment,*** ir-rapport tal-istatus annwali u l-pjanijiet ta' ħidma mfassla mill-Koordinaturi Ewropej skont il-punt (e) tal-Artikolu 51(5) u l-Artikolu 53(1), rispettivament. |

**Emenda 428**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 61 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sal-31 ta' Diċembru ***2033***, il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat mal-Istati Membri, kif xieraq u bl-assistenza tal-Koordinaturi Ewropej, għandha twettaq rieżami tal-implimentazzjoni tan-network ewlieni estiż u tan-network komprensiv, filwaqt li tevalwa: | Sal-31 ta' Diċembru ***2028***, il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat mal-Istati Membri, kif xieraq u bl-assistenza tal-Koordinaturi Ewropej, għandha twettaq rieżami tal-implimentazzjoni tan-network ewlieni estiż u tan-network komprensiv, filwaqt li tevalwa: |

**Emenda 429**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 61 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-konformità ma' dan ir-Regolament; | (a) il-konformità ma' dan ir-Regolament***, inkluż il-grad ta' konformità mal-għanijiet stabbiliti għall-2030, kif ukoll il-miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mal-miri sussegwenti, bħal dawk għall-2040 u l-2050.***; |

**Emenda 430**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 61 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-progress fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament; | (b) il-progress fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament***, inkluż kwalunkwe dewmien sinifikanti fi proġetti jew taqsimiet konkreti tan-network;*** |

**Emenda 431**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 62 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fil-każ ta' dewmien ***sinifikanti*** fil-bidu jew fit-tlestija tal-ħidma fuq in-network ewlieni, in-network ewlieni estiż u n-network komprensiv, meta mqabbel mal-iskeda ta' żmien inizjali stabbilita fl-atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 54 jew kif definit fil-pjanijiet nazzjonali tat-trasport u tal-investiment jew f'dokumentazzjoni rilevanti oħra tal-proġett, il-Kummissjoni ***tista'*** titlob lill-Istat Membru kkonċernat jew lill-Istati Membri kkonċernati biex jipprovdi/u r-raġunijiet għad-dewmien. Tali raġunijiet għandhom jiġu pprovduti mill-Istat Membru jew mill-Istati Membri fi żmien | 1. Fil-każ ta' dewmien fil-bidu jew fit-tlestija tal-ħidma fuq in-network ewlieni, in-network ewlieni estiż u n-network komprensiv, meta mqabbel mal-iskeda ta' żmien inizjali stabbilita fl-atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 54 jew kif definit fil-pjanijiet nazzjonali tat-trasport u tal-investiment jew f'dokumentazzjoni rilevanti oħra tal-proġett, ***kif ukoll dewmien għal proġetti kif stabbilit fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar TEN-T Intelliġenti,*** il-Kummissjoni ***għandha*** titlob lill-Istat Membru kkonċernat jew lill-Istati Membri kkonċernati biex jipprovdi/u r-raġunijiet |

tliet xhur mit-talba. Abbażi tat-tweġiba li tingħata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-Istat Membru kkonċernat jew mal-Istati Membri kkonċernati sabiex issolvi l-problema li tkun ikkawżat id-dewmien.

għad-dewmien. Tali raġunijiet għandhom jiġu pprovduti mill-Istat Membru jew mill-Istati Membri fi żmien tliet xhur mit-talba. Abbażi tat-tweġiba li tingħata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-Istat Membru kkonċernat jew mal-Istati Membri kkonċernati sabiex issolvi l-problema li tkun ikkawżat id-dewmien.

**Emenda 432**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 62 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. F'każ li d-dewmien ikun jikkonċerna Kuritur Ewropew tat-Trasport, il-Koordinatur Ewropew għandu jiġi involut bil-ħsieb li jsolvi l-problema. | 2. F'każ li d-dewmien ikun jikkonċerna Kuritur Ewropew tat-Trasport, il-Koordinatur Ewropew għandu***, simultanjament mar-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1,*** jiġi involut bil-ħsieb li jsolvi l-problema. |

**Emenda 433**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 62 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni ***tista'***, wara li tikkunsidra r-raġunijiet ipprovduti mill-Istat Membru kkonċernat jew mill-Istati Membri kkonċernati skont l-ewwel subparagrafu, tadotta deċiżjoni indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat jew lill-Istati Membri kkonċernati, fejn issib li d-dewmien ***sinifikanti*** fil-bidu jew fit-tlestija tal-ħidma fuq in-network ewlieni, in-network ewlieni estiż jew in-network komprensiv huwa attribwibbli għall-Istat Membru jew għall-Istati Membri mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva. Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-Istat Membru kkonċernat jew lill-Istati Membri kkonċernati 6 xhur biex jeliminaw id-dewmien ***sinifikanti***. | Il-Kummissjoni ***għandha***, wara li tikkunsidra r-raġunijiet ipprovduti mill-Istat Membru kkonċernat jew mill-Istati Membri kkonċernati skont l-ewwel subparagrafu, tadotta deċiżjoni indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat jew lill-Istati Membri kkonċernati, fejn issib li d-dewmien fil-bidu jew fit-tlestija tal-ħidma fuq in-network ewlieni, in-network ewlieni estiż jew in-network komprensiv huwa attribwibbli għall-Istat Membru jew għall-Istati Membri mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva. Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-Istat Membru kkonċernat jew lill-Istati Membri kkonċernati 6 xhur biex jeliminaw id-dewmien. |

**Emenda 434**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 62 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***F'każ li d-dewmien ikun jikkonċerna proġett appoġġat b'fondi tal-Unjoni taħt ġestjoni diretta, jista' jingħata bidu għal tnaqqis tal-ammont tal-għotja u/jew emenda jew terminazzjoni tal-ftehim tal-għotja f'konformità mar-regoli applikabbli.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 435**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 62 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Fil-każ ta' dewmien sinifikanti fil-bidu jew fit-tlestija tal-ħidma fuq in-network ewlieni, in-network ewlieni estiż u n-network komprensiv, meta mqabbel mal-iskeda ta' żmien inizjali stabbilita fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 54 ta' dan ir-Regolament jew kif definit fil-pjanijiet nazzjonali tat-trasport u tal-investiment jew f'dokumentazzjoni rilevanti oħra tal-proġett, kif ukoll dewmien għal proġetti kif stabbilit fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar TEN-T Intelliġenti, il-Kummissjoni għandha tniedi immedjatament proċedura ta' ksur.*** |

**Emenda 436**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 62 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. In the event that the delayed or*** |

| | |
|---|---|
| | ***significantly delayed section concerns a project supported with Union funds under direct management, a reduction of the amount of the grant and/or an amendment or termination of the grant agreement may be initiated in accordance with the applicable rules.*** |

**Emenda 437**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 63 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-dispożizzjonijiet relatati mal-ferroviji u, b'mod partikolari, kwalunkwe rekwiżit biex l-ajruporti u l-portijiet jiġu konnessi mal-ferroviji, kif ukoll id-dispożizzjonijiet relatati mal-parkeġġ sikur u sigur u mat-terminals multimodali tal-merkanzija ma għandhomx japplikaw għal Ċipru, għal Malta u għar-reġjuni ultraperiferiċi, sakemm ma tiġi stabbilita l-ebda sistema ferrovjarja fit-territorju tagħhom. | Id-dispożizzjonijiet relatati mal-ferroviji u, b'mod partikolari, kwalunkwe rekwiżit biex l-ajruporti u l-portijiet jiġu konnessi mal-ferroviji, kif ukoll id-dispożizzjonijiet relatati mal-parkeġġ sikur u sigur u mat-terminals multimodali tal-merkanzija ma għandhomx japplikaw għal Ċipru, għal Malta***, għall-gżejjer*** u għar-reġjuni ultraperiferiċi, sakemm ma tiġi stabbilita l-ebda sistema ferrovjarja fit-territorju tagħhom. |

**Emenda 438**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 63 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Artikolu 16a ma għandux japplika għall-Irlanda.*** |
| | *(Ara l-proposta emendata tal-KE punt 9)* |

**Emenda 439**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 1 – punt 7**
Ir-Regolament (UE) N 913/2010
Artikolu 9 – Paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Il-bord tat-tmexxija għandu jwettaq u jaġġorna perjodikament studju dwar is-suq tat-trasport fir-rigward tal-bidliet osservati u dawk mistennija fit-traffiku fuq il-kuritur tal-merkanzija, li jkopri t-tipi differenti ta' traffiku, kemm fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija kif ukoll tat-trasport tal-passiġġieri. Dan l-istudju għandu jirrieżamina wkoll, fejn meħtieġ, il-kostijiet u l-benefiċċji soċjoekonomiċi li joħorġu mill-iżvilupp tal-kuritur tal-merkanzija.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 440**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 1 – punt 8**
Regolament (UE) Nru 913/2010
Artikolu 11 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-kooperazzjoni u l-konsultazzjoni għandhom jindirizzaw b'mod partikolari: | 3. Il-kooperazzjoni u l-konsultazzjoni ***bejn il-partijiet kollha*** għandhom jindirizzaw b'mod partikolari: |

**Emenda 441**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 1 – punt 8**
Regolament (UE) Nru 913/2010
Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-ħtieġa għal investimenti mmirati biex jitneħħew il-konġestjonijiet lokali, bħall-konnessjoni taċ-ċirkwiti, it-titjib fin-nodi u l-infrastruttura "tal-aħħar mil" jew it-tagħmir tekniku li jtejjeb il-prestazzjoni operazzjonali." | (c) il-ħtieġa għal investimenti mmirati biex ***tiġi aġġornata l-infrastruttura skont ir-rekwiżiti tat-TEN-T u biex*** jitneħħew il-konġestjonijiet lokali, bħall-konnessjoni taċ-ċirkwiti, it-titjib fin-nodi u l-infrastruttura "tal-aħħar mil" jew it-tagħmir tekniku li jtejjeb il-prestazzjoni operazzjonali." |

**Emenda 442**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 1 – punt 10**
Regolament (UE) Nru 913/2010
Artikolu 22 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull ***erba' snin*** mill-mument li jiġi stabbilit kuritur tal-merkanzija, il-bord eżekuttiv imsemmi fl-Artikolu 8(1) għandu jippreżenta lill-Kummissjoni r-riżultati tal-pjan ta' implimentazzjoni għal dak il-kuritur. Il-Kummissjoni għandha tanalizza dawk ir-riżultati u tinnotifika lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21 bl-analiżi tagħha." | 1. Kull ***sentejn*** mill-mument li jiġi stabbilit kuritur tal-merkanzija, il-bord eżekuttiv imsemmi fl-Artikolu 8(1) għandu jippreżenta lill-Kummissjoni r-riżultati tal-pjan ta' implimentazzjoni għal dak il-kuritur. Il-Kummissjoni għandha tanalizza dawk ir-riżultati u tinnotifika lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21 bl-analiżi tagħha." |

**Emenda 443**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 2/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |
| | ***- Galati bħala Terminal Stradali-Ferrovjarju (RRT)*** |

**Emenda 444**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 2/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdiedu dawn li ġejjin man-network ewlieni:*** |
| | ***- Buzau - Galati*** |

**Emenda 445**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 3/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdiedu dawn li ġejjin man-network ewlieni:*** |
| | ***- Craiova - Caracal - Alexandria - București*** |

**Emenda 446**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 3/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdiedu dawn li ġejjin man-network komprensiv:*** |
| | ***- Craiova - Pitești*** |

**Emenda 447**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 9/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network komprensiv:*** |
| | ***il-linja ferrovjarja għat-trasport tal-passiġġieri - Colmar - Freiburg*** |

**Emenda 448**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 9/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network komprensiv:*** |
| | ***il-linja ferrovjarja għat-trasport tal-passiġġieri - Haguenau - Roeschwoog - Rastatt*** |

**Emenda 449**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 11/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network komprensiv:*** |
| | ***il-linja ferrovjarja għat-trasport tal-passiġġieri - Zwolle (NL) - Münster (DE)*** |

**Emenda 450**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 11/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network komprensiv:*** |
| | ***- Linja ferrovjarja minn Emmen (NL) sa Rheine (DE)*** |

**Emenda 451**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 11/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni estiż:*** |
| | ***il-linja ferrovjarja għat-trasport tal-passiġġieri - Amsterdam (NL) - Groningen (NL) - Bremen (DE)*** |

**Emenda 452**

**Proposta għal regolament**

**Anness 1 – parti 11/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni estiż:*** |
| | ***- Tkun inkluża l-konnessjoni ferrovjarja "Lelylijn" minn Amsterdam għal Groningen (NL)*** |

**Emenda 453**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 12/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network komprensiv:*** |
| | ***il-linja ferrovjarja għat-trasport tal-merkanzija - Berlin – Küstrin-Kietz – Kostrzyn (kostruzzjoni konvenzjonali/ġdida)*** |

**Emenda 454**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 12/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network komprensiv:*** |
| | ***- Karlsruhe (DE) Wörth - Lauterbourg (FR) - Strażburgu (FR)*** |

**Emenda 455**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 12/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |

| | |
|---|---|
| | ***il-linja ferrovjarja għat-trasport tal-merkanzija - Nürnberg - Amberg - Furth im Wald (kostruzzjoni konvenzjonali/ġdida)*** |

**Emenda 456**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 12/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |
| | ***il-linja ferrovjarja għat-trasport tal-merkanzija - Lübeck – Travemünde Skandinavienkai (kostruzzjoni konvenzjonali/ġdida)*** |

**Emenda 457**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 12/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |
| | ***il-linja ferrovjarja għat-trasport tal-merkanzija - Neumünster – Bad Oldesloe (kostruzzjoni konvenzjonali/ġdida)*** |

**Emenda 458**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 12/23 u parti 13/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network komprensiv:*** |
| | ***il-linja ferrovjarja għat-trasport tal-passiġġieri - Colmar-Freiburg (kostruzzjoni konvenzjonali/ġdida)*** |

**Emenda 459**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 12/23 u parti 13/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network komprensiv:*** |
| | ***il-linja ferrovjarja għat-trasport tal-passiġġieri - Rastatt-Hagenau (kostruzzjoni konvenzjonali/ġdida)*** |

**Emenda 460**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 13/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni estiż:*** |
| | ***- Berlin -Kostrzyn (kostruzzjoni konvenzjonali/ġdida)*** |

**Emenda 461**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 13/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni estiż:*** |
| | ***il-linja ferrovjarja għat-trasport tal-passiġġieri - Amsterdam (NL) - Groningen (NL) - Bremen (DE)*** |

**Emenda 462**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 13/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |
| | ***il-linja ferrovjarja għat-trasport tal-passiġġieri - Nürnberg - Amberg - Furth im Wald (kostruzzjoni konvenzjonali/ġdida)*** |

**Emenda 463**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 16/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |
| | ***- Zaragoza-Tardienta (linja ferrovjarja għat-trasport tal-merkanzija)*** |

**Emenda 464**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 16/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |
| | ***- Zaragoza-Lleida-Tarragona (merkanzija/konvenzjonali)*** |

**Emenda 465**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 16/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |
| | ***- Santiago – Vigo – Ourense (merkanzija ferrovjarja / ≥ 200 km/h / Kostruzzjoni Ġdida)*** |

**Emenda 466**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 16/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |
| | ***- El Ferrol - A Coruña (linja ferrovjarja għat-trasport tal-merkanzija / ≥ 200 km/h.)*** |
| | ***- El Ferrol - Lugo - Monforte (linja ferrovjarja għat-trasport tal-merkanzija / ≥ 200 km/h.)*** |

**Emenda 467**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 16/23 u parti 17/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni estiż:*** |
| | ***- Astorga – Zamora – Salamanca – Plasencia (linja ferrovjarja għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija/Kostruzzjoni Ġdida)*** |

**Emenda 468**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 16/23 u parti 17/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |
| | ***- Alicante - San Isidro (merkanzija u passiġġieri/≥ 200 km/h)*** |

**Emenda 469**

**Proposta għal regolament**

**Anness 1 – parti 16/23 u parti 17/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |
| | ***- Il-port ta' Bahía de Cádiz*** |

**Emenda 470**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 16/23 u parti 17/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network komprensiv:*** <br> ***- Granada – Motril (linja ferrovjarja għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija/Kostruzzjoni Konvenzjonali/Ġdida)*** |

**Emenda 471**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 16/23 u parti 17/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Tiżdied il-konnessjoni li ġejja fil-forma ta' linja b'veloċità għolja għat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija u tal-passiġġieri man-network ewlieni:*** |
| | ***Pamplona (ES)-Ezkio/Itxaso (ES)*** |

**Emenda 472**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 16/23 u parti 17/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni estiż:*** |
| | ***- Pau - Huesca (merkanzija u passiġġieri)*** |

**Emenda 473**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 16/23 u parti 17/23**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Tiżdied il-konnessjoni li ġejja fil-forma ta' linja b'veloċità għolja għat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija u tal-passiġġieri man-network ewlieni:*** |
| | ***Bilbao (ES)-Santander (ES)*** |

**Emenda 474**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 17/23**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |
| | ***- Santiago - Ourense (linja ferrovjarja għat-trasport tal-passiġġieri/ ≥ 200 km/h)*** |

**Emenda 475**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 17/23**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |
| | ***- Utrera- Granada- Almería (linja ferrovjarja għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija/ ≥ 200 km/h)*** |

**Emenda 476**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 17/23**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | - ***Medina del Campo – Salamanca – Fuentes de Oñoro (linja ferrovjarja għat-trasport tal-passiġġieri / ≥ 200 km/h)***<br>- ***Madrid – Adanero – Tordesillas – Benavente – Ponferrada – Lugo – A Coruña (Toroq)***<br>- ***Astorga – León – Carrión de los Condes – Burgos (Toroq)***<br>- ***Il-port ta' Bahía de Cádiz***<br>- ***Vigo - Porto (linja ferrovjarja għat-trasport tal-passiġġieri/≥ 200 km/h)*** |

**Emenda 477**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 17/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni estiż:***<br>- ***Sevilla – Huelva – Faro (linja ferrovjarja għat-trasport tal-passiġġieri / ≥ 200 km/h/Kostruzzjoni Ġdida)***<br>- ***Córdoba – Jaén – Granada (Konvenzjonali)***<br>- ***Madrid – Alcázar de San Juan – Jaén (Konvenzjonali)***<br>- ***Bilbao – Santander (linja ferrovjarja għat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri/≥ 200 km/h/Kostruzzjoni Ġdida)*** |

**Emenda 478**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 18/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:***<br>***- Bussoleno - Avigliana ( ≥ 200 km/h)***<br>***- Orbassano - Torino S.Paolo ( ≥ 200 km/h)*** |

**Emenda 479**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 18/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |
| | ***- Bologna - Ancona ( ≥ 200 km/h)*** |

**Emenda 480**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 18/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni estiż:*** |
| | ***- Ancona - Foggia ( ≥ 200 km/h)*** |

**Emenda 481**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 18/23 u parti 19/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni estiż:*** |
| | ***- Il-linja ferrovjarja għat-trasport tal-merkanzija/passiġġieri Zagreb (HR) - Maribor (SI) - Graz (AT) (kostruzzjoni konvenzjonali/ġdida)*** |

**Emenda 482**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – partijiet 18/23 u 19/23**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

***Jiżdied dan li ġej man-network komprensiv:***

***- Pula - Buzet (HR) - Divača (SI) - Trieste (IT) il-linja ferrovjarja għat-trasport tal-merkanzija/passiġġieri Lupoglav – Buzet - il-fruntiera tal-istat (SI) - Prešnica (SI)***

**Emenda 483**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 18/23 u parti 19/23**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:***

***il-linja ferrovjarja tal-merkanzija u l-linja ferrovjarja tal-passiġġieri - Battipaglia - Praia a mare***

**Emenda 484**

**Proposta għal regolament**
Anness 1 – parti 18/23 u parti 19/23

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:***

***- il-bypasses ferrovjarji (konvenzjonali) tal-merkanzija ta' Bolzano u Rovereto.***

**Emenda 485**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 18/23 u parti 19/23**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

***Jiżdied dan li ġej man-network komprensiv:***

***- linja ferrovjarja tal-merkanzija u linja ferrovjarja tal-passiġġieri (konvenzjonali)***

| | |
|---|---|
| | ***Caltanissetta - Marsala/Agrigento/Licata/Gela/Pozzallo*** |

**Emenda 486**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 19/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |
| | ***- Bussoleno - Avigliana ( ≥ 200 km/h)*** |
| | ***- Orbassano - Torino S.Paolo ( ≥ 200 km/h)*** |

**Emenda 487**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 19/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |
| | ***- Bologna - Ancona ( ≥ 200 km/h)*** |

**Emenda 488**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 19/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni estiż:*** |
| | ***- Ancona - Foggia ( ≥ 200 km/h)*** |

**Emenda 489**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 19/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Inkludi s-sezzjonijiet li ġejjin bħala linji ferrovjarji b'veloċità għolja (≥ 250 km/h) għat-trasport tal-passiġġieri:*** |
| | ***- Milano – Trevigilio (network ewlieni)*** |
| | ***- Treviglio – Verona (network ewlieni)*** |

**Emenda 490**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 19/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni estiż:*** |
| | ***linja ferrovjarja tal-passiġġieri (konvenzjonali) - Bari - Brindisi - Lecce*** |
| | ***linja ferrovjarja tal-passiġġieri (b'veloċità għolja) - Bologna - Foggia*** |
| | ***linja ferrovjarja tal-passiġġieri (konvenzjonali) - Pisa - Roma*** |
| | ***awtostrada - Rosignano Marittimo - Civitavecchia.*** |

**Emenda 491**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 19/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network komprensiv:*** |
| | ***il-konnessjoni bit-triq Rijeka - Divača (SI) - Trieste (IT) road connection Kanfanar – Umag – State border - (SI)*** |

**Emenda 492**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 21/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |
| | ***- Craiova - Caracal - Alexandria - Bucureşti*** |
| | ***Jiżdied Galati bħala Terminal Stradali-Ferrovjarju*** |

**Emenda 493**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – parti 21/23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network komprensiv:*** |
| | ***- Craiova - Pitesti*** |

**Emenda 494**

**Proposta għal regolament**
**Anness 2 – tabella – taqsima AT**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Isem tan-nodu: Klagenfurt | Isem tan-nodu: Klagenfurt |
| Terminals stradali-ferrovjarji: ***Komprensiv*** (Villach-Fürnitz) | Terminals stradali-ferrovjarji: ***Ewlieni*** (Villach-Fürnitz) |

**Emenda 495**

**Proposta għal regolament**
**Anness 2 – tabella – taqsima DE**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Isem tan-nodu: Föhr Amrum | ***Tħassir tan-nodu.*** |

**Emenda 496**

**Proposta għal regolament**
**Anness 2 – tabella – taqsima DE**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Isem tan-nodu: Lista auf Sylt | ***Tħassir tan-nodu.*** |

**Emenda 497**

**Proposta għal regolament**
**Anness 2 – tabella – taqsima DE**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Isem tan-nodu: Wyk auf Föhr | ***Tħassir tan-nodu.*** |

**Emenda 498**

**Proposta għal regolament**
**Anness 2 – tabella – taqsima DE**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Isem tan-nodu: Kiel | Isem tan-nodu: Kiel |
| Port marittimu: ***Komprensiv*** | Port marittimu: ***Ewlieni*** |

**Emenda 499**

**Proposta għal regolament**
**Anness 2 – tabella – taqsima ES**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Isem tan-nodu: Castellón | Isem tan-nodu: Castellón |
| Port marittimu: ***Komprensiv*** | Port marittimu: ***Ewlieni*** |

**Emenda 500**

**Proposta għal regolament**
**Anness 2 – tabella – taqsima ES**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Isem tan-nodu: Vilagarcía de Arousa*** |
| | ***Port marittimu: Komprensiv*** |

**Emenda 501**

**Proposta għal regolament**
**Anness 2 – tabella – taqsima ES**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Isem tan-nodu: Cádiz | Isem tan-nodu: Cádiz |
| Port marittimu: ***Komprensiv*** (Bahía de Cádiz) | Port marittimu: ***Ewlieni*** (Bahía de Cádiz) |

**Emenda 502**

**Proposta għal regolament**
**Anness 2 – tabella – taqsima ES**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Isem tan-nodu: Ferrol | Isem tan-nodu: Ferrol |
| Port marittimu: ***Komprensiv*** | Port marittimu: ***Ewlieni*** |

**Emenda 503**

**Proposta għal regolament**
**Anness 2 – tabella – taqsima ES**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Isem tan-nodu: Pontevedra (Puerto de Marín- Ría) | Isem tan-nodu: Pontevedra (Puerto de Marín- Ría) |
| Port marittimu: ***Komprensiv*** | Port marittimu: ***Ewlieni*** |
| | ***Terminals stradali-ferrovjarji: Básica (San Roque)*** |

**Emenda 504**

**Proposta għal regolament**

**Anness 2 – tabella – taqsima ES**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Isem tan-nodu: Santander | Isem tan-nodu: Santander |
| Port marittimu: ***Komprensiv*** | Port marittimu: ***Ewlieni*** |

**Emenda 505**

**Proposta għal regolament**
**Anness 2 – tabella – taqsima ES**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Isem tan-nodu: Vigo | Isem tan-nodu: Vigo |
| Port marittimu: ***Komprensiv*** | Port marittimu: ***Ewlieni*** |

**Emenda 506**

**Proposta għal regolament**
**Anness 2 – tabella – taqsima FI**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Isem tan-nodu: Kaskinen*** |
| | ***Port marittimu: Komprensiv*** |

**Emenda 507**

**Proposta għal regolament**
**Anness 2 – tabella – taqsima FI**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Isem tan-nodu: Oulu / Uleåborg | Isem tan-nodu: Oulu / Uleåborg |
| Port marittimu: ***Komprensiv*** (Oulu) | Port marittimu: ***Ewlieni*** (Oulu) |

**Emenda 508**

**Proposta għal regolament**

**Anness 2 – tabella – taqsima FI**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Isem tan-nodu: Kokkola | Isem tan-nodu: Kokkola |
| Port marittimu: ***Komprensiv*** | Port marittimu: ***Ewlieni*** |

**Emenda 509**

**Proposta għal regolament**
**Anness 2 – tabella – taqsima FI (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Isem tan-nodu: Pietarsaari*** |
| | ***Port marittimu: Komprensiv*** |

**Emenda 510**

**Proposta għal regolament**
**Anness 2 – tabella – taqsima HR**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Isem tan-nodu: Ploče | Isem tan-nodu: Ploče |
| Port marittimu: ***Komprensiv*** | Port marittimu: ***Ewlieni*** |

**Emenda 511**

**Proposta għal regolament**
**Anness 2 – tabella – taqsima IT**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Isem tan-nodu: Lecce*** |
| | ***Nodu urban: X*** |

**Emenda 512**

**Proposta għal regolament**

**Anness 2 – tabella – taqsima IT**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Isem tan-nodu: Salerno | Isem tan-nodu: Salerno |
| | ***Ajruport: Komprensiv*** |

**Emenda 513**

**Proposta għal regolament**
**Anness 2 – tabella – taqsima IT**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Isem tan-nodu: Modena | Isem tan-nodu: Modena |
| | ***Terminals Stradali-Ferrovjarji: Ewlieni (Terminal Multimodali ta' Marzaglia)*** |

**Emenda 514**

**Proposta għal regolament**
**Anness 2 – tabella – taqsima PL**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Isem tan-nodu: Bydgoszcz | Isem tan-nodu: Bydgoszcz |
| Terminals stradali-ferrovjarji: ***komprensiv*** (Bydgoszcz, Bydgoszcz – Południe) | Terminals stradali-ferrovjarji: ***ewlieni*** (Bydgoszcz, Bydgoszcz – Południe) |

**Emenda 515**

**Proposta għal regolament**
**Anness 2 - tabella - taqsima RO**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Isem tan-nodu: Constanţa | Isem tan-nodu: Constanţa |
| Port marittimu: ewlieni | Port marittimu: ewlieni ***(Constanţa/Midia)*** |

**Emenda 516**

**Proposta għal regolament**
**Anness 3 – parti 1a/14 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| |  |

**Emenda 517**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti 14 (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*




**Emenda 518**

**Proposta għal regolament**
**Anness 3 – parti 1/14**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

***Jiżdied dan li ġej mal-mappa tal-kurituri tat-Trasport Ewropew:***

***l-estensjoni tal-Kuritur tal-Balkani tal-Punent minn Durres (ALB) man-naħa l-oħra tal-Baħar Adrijatiku għal Bari (IT) u l-konnessjoni tiegħu, li tgħaddi minn Tirrana (ALB), għal Skopje (MK) u Sofia (BG).***

**Emenda 519**

**Proposta għal regolament**
**Anness 3 – parti 1/14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej mal-kuritur tal-Balkani tal-Punent:***<br>***- Sofia – Skopje – Durres - Igoumenitsa (sezzjoni sħiħa)*** |

**Emenda 520**

**Proposta għal regolament**
**Anness 3 – parti 2/14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej mal-Kuritur Atlantiku:***<br>***- Madrid – Adanero – Tordesillas – Benavente – Ponferrada – Lugo – A Coruña (Toroq)***<br>***- Astorga – León – Carrión de los Condes – Burgos (Toroq)***<br>***- A Coruña – Gijón – Santander - Bilbao (Toroq)***<br>***- Santiago – Vigo (Linja ferrovjarja għat-trasport tal-merkanzija)***<br>***- Il-port ta' Bahía de Cádiz***<br>***- Sevilla – Huelva – Faro (Linja ferrovjarja għat-trasport tal-passiġġieri)*** |

**Emenda 521**

**Proposta għal regolament**
**Anness 3 – parti 2/14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej mal-Kuritur Atlantiku:***<br>***- Santander - Bilbao (merkanzija bil-ferrovija u passiġġieri)*** |

**Emenda 522**

**Proposta għal regolament**

**Anness 3 – parti 5/14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej mal-kuritur tal-Baħar tat-Tramuntana – Baltiku:*** |
| | ***il-linja ferrovjarja għat-trasport tal-passiġġieri - Zwolle (NL) - Münster (DE)*** |

**Emenda 523**

**Proposta għal regolament**
**Anness 3 – parti 6/14 - parti 7/14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej mal-Kuritur Skandinavu-Mediterranju:*** |
| | ***- awtostrada Villa San Giovanni - Messina, linja ferrovjarja tal-passiġġieri, linja ferrovjarja tal-merkanzija (pont - kollegament fiss).*** |

**Emenda 524**

**Proposta għal regolament**
**Anness 3 – parti 7/14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej mal-kuritur Skandinavu – Mediterran:*** |
| | ***- il-linja ferrovjarja Stokkolma–Oslo (linja ferrovjarja għat-trasport tal-passiġġieri)*** |

**Emenda 525**

**Proposta għal regolament**
**Anness 3 – parti 7/14 u parti 8/14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej mal-kuritur tal-Baħar*** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Baltiku – il-Baħar Adrijatiku:*** |
| | ***- l-awtostrada Rijeka – Zagreb*** |
| | ***- il-port ta' Rijeka ("ewlieni")*** |
| | ***- il-linja ferrovjarja għat-trasport tal-merkanzija/tal-passiġġieri Rijeka – Zagreb*** |

**Emenda 526**

**Proposta għal regolament**
**Anness 3 – parti 9/14**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej mal-kuritur tar-Renu – Danubju:*** |
| | ***- il-linja ferrovjarja għat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri Nürnberg – Sulzbach – Rosenberg – Amberg – Schwandorf*** |
| | ***Il-linja ferrovjarja ta' hawn fuq għandha tiġi inkluża fin-network ewlieni kif speċifikat fl-Anness 1.*** |

**Emenda 527**

**Proposta għal regolament**
**Anness 3 – parti 9/14**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej mal-kuritur tar-Renu – Danubju:*** |
| | ***- Craiova - Alexandria Bucureşti*** |

**Emenda 528**

**Proposta għal regolament**
**Anness 3 – parti 9/14**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Jitħassar dan li ġej mill-kuritur tar-Renu*** |

***– Danubju:***

***- Craiova -Pitesti***

**Emenda 529**

**Proposta għal regolament**
**Anness 3 – parti 9/14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Jiżdied dan li ġej mal-kuritur tar-Renu – Danubju*:** |
| | ***- Ruse – Razgrad – Shumen – Provadia – Devnya – Varna (passaġġi fuq l-ilma interni)*** |
| | ***Il-linji ta' hawn fuq għandhom jiġu inklużi fin-network ewlieni u/jew in-network komprensiv kif speċifikat fl-Anness*** |

**Emenda 530**

**Proposta għal regolament**
**Anness 3 – parti 10/14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Jiżdied dan li ġej mal-Kuritur Mediterranju:*** |
| | ***- l-awtostrada Rijeka – Split*** |
| | ***- il-linja ferrovjarja għat-trasport tal-merkanzija/tal-passiġġieri Rijeka - Split*** |
| | ***- il-port ta' Split ("ewlieni")*** |
| | ***- l-ajruport ta' Split ("ewlieni")*** |

**Emenda 531**

**Proposta għal regolament**
**Anness 3 – parti 10/14 u parti 11/14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Jiżdied dan li ġej mal-Kuritur*** |

| | |
|---|---|
| | ***Mediterranju:*** |
| | ***- Tinżamm ir-rotta tal-Kuritur Mediterranju, inkluż billi tgħaddi mill-Ungerija*** |

**Emenda 532**

**Proposta għal regolament**
**Anness 3 – parti 12/14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej mal-kuritur tal-Balkani tal-Punent:*** |
| | ***- Il-port ta' Ploče*** |
| | ***Il-port ta' hawn fuq għandu jiġi inkluż fin-network ewlieni kif speċifikat fl-Anness 1.*** |

**Emenda 533**

**Proposta għal regolament**
**Anness 3 – parti 13/14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej mal-kuritur tal-Ibħra Baltiku – Iswed – Eġew:*** |
| | ***- Craiova - Alexandria - Bucureşti*** |

**Emenda 534**

**Proposta għal regolament**
**Anness 3 – parti 13/14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jitħassar dan li ġej mill-kuritur tal-Ibħra Baltiku – Iswed – Eġew:*** |
| | ***- Craiova - Pitesti*** |

**Emenda 535**

**Proposta għal regolament**
**Anness 3 – parti 12/14 u parti 13/14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej mal-kuritur tal-Balkani tal-Punent:*** |
| | ***- Sofia - Skopje - Durres - Igoumenitsa (toroq, linji ferrovjarji għat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri, għas-sezzjoni kollha)*** |
| | ***- Il-port ta' Durres*** |

**Emenda 536**

**Proposta għal regolament**
**Anness 4 – parti 2/12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |
| | ***il-linja ferrovjarja għat-trasport tal-passiġġieri Stokkolma – Oslo (> 200 km/h / kostruzzjoni ġdida)*** |

**Emenda 537**

**Proposta għal regolament**
**Anness 4 – parti 8/12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |
| | ***- Ungheni - Balti*** |
| | ***- Balti - Ocnita - Mohyliv/Podylski-Zhmerynka*** |

**Emenda 538**

**Proposta għal regolament**
**Anness 4 – parti 8/12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jitħassar dan li ġej min-network komprensiv:*** |
| | ***- Balti – Soroca (il-fruntiera MD/UA)*** |
| | ***- Soroca (il-fruntiera MD/UA) - Hardkivka*** |

**Emenda 539**

**Proposta għal regolament**
**Anness 4 – parti 8/12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network komprensiv:*** |
| | ***- Chișinău -Cainari*** |
| | ***- Basarabeasca - Berezyne -Bilhorod - Odesa*** |
| | ***- Basarabeasca - Etulia - Reni - Giurgiulesti*** |

**Emenda 540**

**Proposta għal regolament**
**Anness 4 – parti 8/12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network ewlieni:*** |
| | ***- Palanca - Odesa*** |

**Emenda 541**

**Proposta għal regolament**
**Anness 4 – parti 8/12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jiżdied dan li ġej man-network komprensiv:*** |

***- Anenii Noi – Odesa***

***- Riscani - Soroca***

***- Soroca - Vinnytsia - Zhitomir***

**Emenda 542**

**Proposta għal regolament**
**Anness V – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Għanijiet u objettivi: Pjan ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMP) għandu jkollu bħala għan ċentrali t-titjib tal-aċċessibbiltà taż-żona urbana funzjonali u l-provvista ta' mobbiltà b'emissjonijiet baxxi ta' kwalità għolja, sikura u sostenibbli lejn iż-żona urbana funzjonali u fi ħdanha. Dan għandu jappoġġa b'mod partikolari l-mobbiltà mingħajr emissjonijiet u l-implimentazzjoni ta' sistema tat-trasport urban li tikkontribwixxi għal prestazzjoni ġenerali aħjar tan-network trans-Ewropew tat-trasport, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' infrastruttura għaċ-ċirkolazzjoni bla xkiel ta' vetturi b'emissjonijiet żero kif ukoll ta' ċentri multimodali tal-passiġġieri biex jiġu ffaċilitati l-konnessjonijiet tal-ewwel u tal-aħħar mil u ta' terminals multimodali tal-merkanzija li jservu lil nodi urbani. | 1. Għanijiet u objettivi: Pjan ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMP) għandu jkollu bħala għan ċentrali t-titjib tal-aċċessibbiltà taż-żona urbana funzjonali ***għall-utenti kollha, b'attenzjoni partikolari għal persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa,*** u l-provvista ta' mobbiltà b'emissjonijiet baxxi ta' kwalità għolja, sikura***, aċċessibbli, affordabbli*** u sostenibbli lejn iż-żona urbana funzjonali u fi ħdanha. Dan għandu jappoġġa b'mod partikolari l-mobbiltà mingħajr emissjonijiet ***u b'emissjonijiet baxxi, inkluż il-mod attiv u t-trasport pubbliku,*** u l-implimentazzjoni ta' sistema tat-trasport urban li tikkontribwixxi għal prestazzjoni ġenerali aħjar tan-network trans-Ewropew tat-trasport, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' infrastruttura għaċ-ċirkolazzjoni bla xkiel ta' vetturi b'emissjonijiet żero ***u b'emissjonijiet baxxi*** kif ukoll ta' ċentri multimodali tal-passiġġieri biex jiġu ffaċilitati l-konnessjonijiet tal-ewwel u tal-aħħar mil u ta' terminals multimodali tal-merkanzija li jservu lil nodi urbani. |

**Emenda 543**

**Proposta għal regolament**
**Anness V - punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Viżjoni fit-tul u pjan ta' | 2. Viżjoni fit-tul u pjan ta' |

| | |
|---|---|
| implimentazzjoni f'terminu ta' żmien qasir: SUMP għandu jinkludi, – jew ikun marbut ma' – strateġija fit-tul eżistenti għall-iżvilupp futur tal-infrastruttura tat-trasport u tas-servizzi multimodali. Għandu jinkludi wkoll pjan ta' twettiq għall-implimentazzjoni tal-istrateġija f'terminu ta' żmien qasir. Għandu jkun inkorporat f'approċċ integrat għall-iżvilupp sostenibbli taż-żona urbana u marbut mal-ippjanar tal-użu tal-art u mal-ġestjoni tat-territorju rilevanti. | implimentazzjoni f'terminu ta' żmien qasir: SUMP għandu jinkludi, – jew ikun marbut ma' – strateġija fit-tul eżistenti***, inkluż f'termini finanzjarji,*** għall-iżvilupp futur tal-infrastruttura tat-trasport u tas-servizzi multimodali. Għandu jinkludi wkoll pjan ta' twettiq għall-implimentazzjoni tal-istrateġija f'terminu ta' żmien qasir. Għandu jkun inkorporat f'approċċ integrat għall-iżvilupp sostenibbli ***u aċċessibbli*** taż-żona urbana u marbut mal-ippjanar tal-użu tal-art u mal-ġestjoni tat-territorju rilevanti. |

**Emenda 544**

**Proposta għal regolament**
**Anness V - punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Integrazzjoni tal-modi differenti ta' trasport: SUMP għandu jippromwovi t-trasport multimodali permezz tal-integrazzjoni tal-modi differenti u tal-miżuri mmirati lejn l-iffaċilitar tal-mobbiltà bla xkiel u sostenibbli. Għandu jinkludi azzjonijiet biex jiżdied is-sehem modali tal-forom aktar sostenibbli tat-trasport bħat-trasport pubbliku, il-mobbiltà attiva, u, kif xieraq, it-trasport fuq l-ilmijiet interni u t-trasport marittimu. Għandu jinkludi wkoll azzjonijiet li jippromwovu l-mobbiltà mingħajr emissjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-ekoloġizzazzjoni tal-flotta urbana, biex titnaqqas il-konġestjoni u tittejjeb is-sikurezza fit-toroq b'mod partikolari tal-utenti vulnerabbli tat-triq. | 3. Integrazzjoni tal-modi differenti ta' trasport: SUMP għandu jippromwovi t-trasport multimodali ***aċċessibbli*** permezz tal-integrazzjoni tal-modi differenti u tal-miżuri mmirati lejn l-iffaċilitar tal-mobbiltà bla xkiel u sostenibbli. Għandu jinkludi azzjonijiet biex jiżdied is-sehem modali tal-forom aktar sostenibbli tat-trasport bħat-trasport pubbliku, il-mobbiltà attiva, ***il-mobbiltà kondiviża,*** u, kif xieraq, it-trasport fuq l-ilmijiet interni u t-trasport marittimu. Għandu jinkludi wkoll azzjonijiet li jippromwovu l-mobbiltà mingħajr emissjonijiet ***u b'emissjonijiet baxxi***, b'mod partikolari fir-rigward tal-ekoloġizzazzjoni tal-flotta urbana, biex titnaqqas il-konġestjoni***, biex tittejjeb l-aċċessibbiltà għall-utenti kollha*** u tittejjeb is-sikurezza fit-toroq b'mod partikolari tal-utenti vulnerabbli tat-triq***, f'konformità mal-istandards tas-sikurezza fit-toroq tal-Unjoni, inkluż għal modi attivi***. |

**Emenda 545**

**Proposta għal regolament**
**Anness V - punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Funzjonament effettiv tat-TEN-T: SUMP għandu jqis kif xieraq l-impatt ta' diversi miżuri urbani fuq il-flussi tat-traffiku, kemm tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija, fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport, bil-għan li jiżgura tranżitu, bypasses jew interkonnessjonijiet bla xkiel minn u madwar in-nodi urbani, inkluż ta' vetturi b'emissjonijiet żero. B'mod partikolari għandu jinkludi azzjonijiet biex tittaffa l-konġestjoni, tittejjeb is-sikurezza fit-toroq u jitneħħew il-konġestjonijiet li jaffettwaw il-flussi tat-traffiku fuq it-TEN-T. | 4. Funzjonament effettiv tat-TEN-T: SUMP għandu jqis kif xieraq l-impatt ta' diversi miżuri urbani fuq il-flussi tat-traffiku, kemm tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija, fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport, bil-għan li jiżgura tranżitu, bypasses jew interkonnessjonijiet bla xkiel minn u madwar in-nodi urbani, inkluż ta' vetturi b'emissjonijiet żero ***u b'emissjonijiet baxxi***. B'mod partikolari għandu jinkludi azzjonijiet biex tittaffa l-konġestjoni, tittejjeb is-sikurezza fit-toroq u jitneħħew il-konġestjonijiet li jaffettwaw il-flussi tat-traffiku fuq it-TEN-T. |

**Emenda 546**

**Proposta għal regolament**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Approċċ parteċipattiv: L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' SUMP għandhom ikunu bbażati fuq approċċ integrat b'livell għoli ta' kooperazzjoni, koordinazzjoni u konsultazzjoni bejn il-livelli differenti tal-gvern u l-awtoritajiet rilevanti. Iċ-ċittadini kif ukoll ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-atturi ekonomiċi għandhom ikunu involuti ***wkoll***. | 5. Approċċ parteċipattiv: L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' SUMP għandhom ikunu bbażati fuq approċċ integrat b'livell għoli ta' kooperazzjoni, koordinazzjoni u konsultazzjoni bejn il-livelli differenti tal-gvern u l-awtoritajiet rilevanti***, b'mod partikolari l-awtoritajiet tat-trasport urban***. Iċ-ċittadini***, l-esperti tal-aċċessibbiltà,*** kif ukoll ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-atturi ekonomiċi għandhom ikunu involuti ***b'mod attiv ukoll***. ***Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet urbani u reġjonali għandha tkun stabbilita, fejn rilevanti, sabiex tiżdied l-aċċessibbiltà u l-konnettività bejn iż-żoni urbani u rurali.*** |

**Emenda 547**

**Proposta għal regolament**
**Anness V - punt 6**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 6. Monitoraġġ u indikaturi tal-prestazzjoni: SUMP għandu jinkludi objettivi, miri u indikaturi li jsostnu l-prestazzjoni attwali u futura tas-sistema tat-trasport urban, bħala minimu, dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-konġestjoni, l-aċċidenti u l-korrimenti, is-sehem modali u l-aċċess għas-servizzi ta' mobbiltà, kif ukoll data dwar it-tniġġis tal-arja u tal-istorbju fil-bliet. L-implimentazzjoni ta' SUMP għandha tiġi mmonitorjata bl-użu ta' indikaturi tal-prestazzjoni. L-Istati Membri u l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimplimentaw mekkaniżmi biex jiżguraw li SUMP ikun ta' kwalità għolja u konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness. | 6. Monitoraġġ u indikaturi tal-prestazzjoni: SUMP għandu jinkludi objettivi, miri u indikaturi li jsostnu l-prestazzjoni attwali u futura tas-sistema tat-trasport urban, bħala minimu, dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra***, ġestjoni mtejba tal-flussi tat-traffiku,*** il-konġestjoni, l-aċċidenti u l-korrimenti, is-sehem modali u l-aċċess għas-servizzi ta' mobbiltà ***għall-utenti kollha***, kif ukoll data dwar it-tniġġis tal-arja u tal-istorbju fil-bliet. L-implimentazzjoni ta' SUMP għandha tiġi mmonitorjata bl-użu ta' indikaturi tal-prestazzjoni. L-Istati Membri u l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimplimentaw mekkaniżmi biex jiżguraw li SUMP ikun ta' kwalità għolja u konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness. ***Il-Kummissjoni għandha, b'kollaborazzjoni mal-punt ta' kuntatt nazzjonali ta' SUMP, timmonitorja regolarment l-implimentazzjoni xierqa ta' SUMPs, trawwem skambju tal-aqwa prattiki u tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti u l-istandards minimi.*** |

**Emenda 548**

**Proposta għal regolament**
**Anness VI – paragrafu 1 – punt 2 – punt j**
Ir-Regolament (UE) 2021/1153
Anness – parti III – punt 1

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (j) il-ħamsa u tletin ringiela bit-titlu "Kuritur tan-network ewlieni 'Skandinavu – Mediterran'" u s-sitta u tletin ringiela li fiha l-allinjament tiegħu jitħassru; | (j) il-ħamsa u tletin ringiela bit-titlu "Kuritur tan-network ewlieni 'Skandinavu – Mediterran'" u s-sitta u tletin ringiela li fiha l-allinjament tiegħu jitħassru; ***wara s-sebgħa u tletin ringiela li tinkludi l-konnessjonijiet transfruntiera fuq dak il-kuritur, trid tiddaħħal ringiela ġdida li*** |

***żżid il-"Konnessjoni nieqsa" "Villa San Giovanni – Messina (konnessjoni fissa)" ma' "Stradali-Ferrovjarja";***